IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2019
SWD(2019) 1017 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Rapport tal-Pajjiż ta' Malta 2019

Li jakkumpanja d-dokument

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U LILL-EWROGRUPP

Is-Semestru Ewropew 2019: Valutazzjoni tal-progress dwar ir-riformi strutturali, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-riżultati tal-analiżijiet fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011

{COM(2019) 150 final}

KONTENUT

Sommarju Eżekuttiv 3

1. Is-sitwazzjoni ekonomika u l-prospettivi 7

2. Il-progress fejn jidħlu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 17

3. Prijoritajiet ta' riforma 21

3.1. Il-finanzi pubbliċi u t-tassazzjoni 21
3.2. Is-settur finanzjarju 26
3.3. Is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali 31
3.4. Il-Kompetittività u l-investiment 40

Anness A: Tabella ta' deskrizzjoni 51

Anness B: Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni u riskji fiskali 55

Anness C: Tabelli standard 56

Anness D: Gwida għall-investiment dwar il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 għal Malta 63

Referenzi 68

LISTA TA' TABELLI

Tabella 1.1: **Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin — Malta** 14
Tabella 2.1: **Valutazzjoni annwali tas-CSRs tal-2018** 17
Tabella 3.2.1: **Indikaturi tas-sodezza finanzjarja, il-banek domestiċi ewlenin (%)** 25
Tabella C.1: **Indikaturi tas-suq finanzjarju** 55
Tabella C.2: **Tabella C.2: indikaturi Prinċipali tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali** 56
Tabella C.3: **Tabella C.3: indikaturi tal-edukazzjoni u tas-suq tax-xogħol** 57
Tabella C.4: **Indikaturi tal-inklużjoni soċjali u tas-saħħa** 58
Tabella C.5: **Prestazzjoni tal-prodott fis-suq u indikaturi tal-politika** 59
Tabella C.6: **Tkabbir ekoloġiku** 60

LISTA TA' GRAFIĊI

Grafika 1.1: **Il-komponenti tad-domanda tat-tkabbir annwali tal-PDG** 7
Grafika 1.2: **L-attività, l-impjieg, u r-rati tal-qgħad** 8

Grafika 1.3: **Tkabbir nominali fil-kumpens: attwali u tal-parametri referenzjarji** 9
Grafika 1.4: **Ir-rata tal-kambju effettiva reali, sħab kummerċjali differenti** 10
Grafika 1.5: **Id-dekompożizzjoni tal-kont kurrenti** 11
Grafika 1.6: **Analiżi tal-pożizzjoni tal-investiment internazzzjonali nett skont l-istrument** 11
Grafika 1.7: **Id-dejn tas-settur privat: lakuni fil-valuri ta' referenza prudenzjali u bbażati fuq il-fundamentali** 13
Grafika 1.8: **Dejn konsolidat vs dak mhux konsolidat, NFC** 13
Grafika 2.1: **Implimentazzjoni pluriennali kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet bejn l-2011 u l-2018, sa issa** 17
Grafika 3.1.1: **Dħul tat-taxxa skont il-funzjoni ekonomika fl-2017, Malta u l-UE** 21
Grafika 3.2.1: **Diskrepanza fil-valwazzjoni tal-prezzijiet tad-djar** 29
Graff 3.2.2: **Investiment reżidenzjali u permessi tal-bini** 30
Grafika 3.3.1: **Żieda fir-rati tal-impjieg tan-nisa, 2013-2017, Malta u l-UE** 34
Graff 3.3.2: **In-numru ta' ħaddiema barranin** 35
Graff 3.3.3: **L-istatus soċjoekonomiku tal-istudenti u l-prestazzjoni tagħhom fix-xjenza, skont l-istatus soċjo-ekonomiku tal-iskejjel** 36
Grafika 3.3.4: **Il-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar skont il-prezz tal-kera** 39
Grafika 3.4.1: **Il-GVA skont l-industrija** 40
Graff 3.4.2: **Formazzjoni grossa tal-kapital fiss skont l-assi** 40
Grafika 3.4.3: **Skart muniċipali ġġenerat u t-trattament** 43
Grafika 3.4.4: **Integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali f'Malta** 46

LISTA TA' KAXXI

Kaxxa 2.1: **Il-fondi u l-programmi tal-UE jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi strutturali u biex jitrawmu t-tkabbir u l-kompetittività f'Malta** 19
Kaxxa 3.3.1: **Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni fid-dawl tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** 32
Kaxxa 3.4.1: **Investiment - sfidi u riformi f'Malta** 49

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Peress li l-ekonomija ta' Malta qed tkompli tikber b'mod qawwi, l-isfida ewlenija hija li jiġi żgurat li l-mudell ta' tkabbir tagħha jkun sostenibbli fuq medda twila ta' żmien. F'dawn l-aħħar snin, Malta rat tkabbir għoli fil-PDG, tkabbir qawwi fl-impjiegi, surplus fil-baġit u settur tas-servizzi b'saħħtu. It-tkabbir ekonomiku jidher li kien xprunat minn bidliet strutturali, bħall-bidla lejn is-settur tas-servizzi, li huma mistennija li jkomplu fil-futur qrib. Madankollu, l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-mudell tal-iżvilupp ta' Malta għadu jirrappreżenta sfida. Ir-riskji għat-tkabbir u l-attrattività futuri ta' Malta għall-investituri potenzjali jinkludu konġestjonijiet infrastrutturali, limitazzjonijiet tar-riżorsi naturali, livelli baxxi ta' ħiliet, popolazzjoni li qed tixjieħ u vulnerabbiltajiet fil-qafas ta' governanza ([1]).

It-tkabbir ekonomiku kompla b'pass qawwi. It-tkabbir tal-PDG fl-2018 huwa stmat li hu ta' 6,2 %, fuq il-bażi ta' domanda domestika qawwija u, b'mod partikolari, kemm għall-konsum privat kif ukoll għal dak pubbliku. Is-settur tas-servizzi orjentat internazzjonalment ikompli jsostni s-surplus kbir fil-kont kurrenti ta' Malta. L-inflazzjoni bdiet taċċellera u hija mistennija li tiżdied hekk kif il-pressjonijiet fuq il-pagi jibdew jiżdiedu. Fuq perjodu ta' żmien qasir, it-tkabbir ekonomiku ta' Malta huwa previst li jimmodera gradwalment għal rata medja annwali ta' 5,2 % fl-2019 u 4,6 % fl-2020.

Il-pożizzjoni bażitarja tjiebet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, bi tkabbir ekonomiku qawwi jsaħħaħ id-dħul mit-taxxa. Is-surplus eċċezzjonalment għoli fl-2017 kien ġej minn żieda sinifikanti fid-dħul kurrenti li rriżultat minn kompożizzjoni tat-tkabbir intensiva fit-taxxi, inkluż qligħ għoli tal-kumpaniji, u dħul ogħla milli mistenni mill-Programm ta' Investitur Individwali (l-iskema taċ-ċittadinanza) f'dik is-sena. Is-surplus tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jonqos minn 3,5 % tal-PDG fl-2017 għal 1,2 % tal-PDG fl-2019. Parti mit-tnaqqis fis-surplus huwa xprunat minn tkomplija tat-tkabbir fl-infiq. Id-dejn gross tal-gvern diġà niżel taħt is-60% tal-PDG, u huwa pprojettat li se jkompli nieżel.

Is-settur bankarju jibqa' sod, iżda n-nuqqasijiet fl-infurzar kontra l-ħasil tal-flus jimplikaw ukoll riskji għar-reputazzjoni. Kumplessivament, il-banek għadhom profitabbli. Il-bażi kapitali tagħhom hija soda, il-likwidità hija abbundanti, u r-riskji ta' kreditu tnaqqsu aktar. Is-sodezza u r-reżiljenza tas-settur bankarju ta' Malta kienu kkonfermati wkoll mir-riżultati komprensivi minn test tal-istress bl-użu tal-metodoloġija tal-Awtorità Bankarja Ewropea. Fl-istess ħin, investigazzjonijiet riċenti li jinvolvu l-ħasil tal-flus urew li hemm nuqqasijiet fl-infurzar ta' Malta kontra l-ħasil tal-flus.

L-iffukar tal-investimenti fuq l-iżvilupp tal-ħiliet, l-innovazzjoni, l-infrastruttura u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali jsaħħaħ is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku ta' Malta. Il-bidla riċenti lejn is-settur tas-servizzi għenet biex tingħata spinta lill-produttività. L-investiment stabbilizza ruħu f'livell relattivament għoli, appoġġjat b'mod partikolari mill-kostruzzjoni. Fuq medda twila ta' żmien, iż-żieda fl-attività ekonomika tista' żżid il-konġestjonijiet eżistenti u tqiegħed aktar pressjoni fuq ir-riżorsi u l-infrastruttura naturali, filwaqt li n-nuqqas ta' ħaddiema, livelli baxxi ta' ħiliet u livell baxx ta' innovazzjoni jnaqqsu l-prospetti ta' tkabbir tal-intrapriżi. Huwa meħtieġ investiment li jappoġġa s-sostenibbiltà ambjentali, itejjeb l-eżiti edukattivi u l-ħiliet u jtejjeb il-qafas tal-innovazzjoni. L-Anness D ta' dan ir-Rapport jidentifika l-prijoritajiet ewlenin għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2021-2027 f'Malta, li huma bbażati fuq l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-isfidi tal-investiment ippreżentata f'dan ir-rapport.

Malta għamlet progress limitat fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2018. ([2])

([1]) Dan ir-rapport janalizza l-ekonomija ta' Malta fid-dawl tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni Ewropea ppubblikat fil-21 ta' Novembru 2018. Fl-istħarriġ, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw riformi sabiex l-ekonomija Ewropea ssir aktar produttiva, reżiljenti u inklussiva. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq it-tliet elementi tat-trijangolu virtwuż tal-politika ekonomika — il-forniment ta' investiment ta' kwalità għolja, l-iffukar tal-isforzi tar-riformi fuq it-tkabbir tal-produttività, l-inklużività u l-kwalità istituzzjonali u l-iżgurar tal-istabbiltà makroekonomika u l-finanzi pubbliċi sodi.

([2]) L-informazzjoni fil-livell tal-progress u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati l-pariri ta' politika f'kull sottoparti rispettiva tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi

Sar progress limitat fl-oqsma li ġejjin:

- Rigward il-qafas ta' governanza, ittieħdu xi passi biex tissaħħaħ is-superviżjoni finanzjarja u l-infurzar tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, iżda għad hemm nuqqasijiet fil-qafas ta' kontra l-korruzzjoni.

- L-isforzi biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjoni jkunu sostenibbli għadhom limitati.

Rigward il-progress lejn il-miri nazzjonali skont l-istrateġija Ewropa 2020, Malta laħqet il-miri tagħha dwar l-impjiegi u l-edukazzjoni terzjarja, u tidher li tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha dwar l-enerġija rinnovabbli. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa biex jinkisbu l-miri biex tiżdied in-nefqa tar-R&Ż, jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, jitnaqqas il-faqar, jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra u titjieb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Malta miexja relattivament tajjeb fejn jidħlu l-indikaturi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li fuqha jistrieħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għalkemm għad hemm sfidi. Ir-rata ġenerali tal-impjiegi hija ogħla mill-medja tal-UE u r-rati tal-qgħad fit-tul huma baxxi. Madankollu, Malta għadha qed tħabbat wiċċha ma' sfidi fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs. Id-disparità fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa għadha kbira u d-diskrepanza fil-pagi qiegħda tikber. Ir-rata ta' impjiegi tal-ħaddiema avvanzati fl-età hija partikolarment baxxa. Barra minn hekk, it-tluq bikri mill-iskola għadu għoli ħafna, il-kisba kumplessiva tal-ħiliet hija baxxa u l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità mhuwiex uniformi, li huwa ta' żvantaġġ għal gruppi soċjoekonomiċi aktar baxxi. L-eżiti soċjali u tas-suq tax-xogħol mhumiex tajbin għall-persuni b'diżabilità.

Il-kwistjonijiet strutturali ċentrali li qegħdin jiġu analizzati f'dan ir-rapport, li jindikaw sfidi partikolari għall-ekonomija Maltija, huma dawn li ġejjin:

- **Is-sitwazzjoni baġitarja soda tista' taħbi r-riskju li jiġi ffinanzjat infiq permanenti b'introjtu potenzjalment temporanju.** Il-baġit ibbenefika miż-żieda fid-dħul. Fl-istess ħin, il-piż tat-taxxi fuq l-introjtu tal-kumpaniji fid-dħul totali mit-taxxa jimplika li l-baġit huwa sensittiv ħafna għal xokkijiet ekonomiċi u għal inizjattivi internazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq il-kumpaniji. Barra minn hekk, in-nefqa pubblika hija mistennija li tiżdied b'rata aktar mgħaġġla mid-dħul fis-snin li ġejjin, minħabba investiment pubbliku ogħla u nfiq kurrenti ogħla. Dan jindika r-riskji possibbli ta' finanzjament ta' żidiet permanenti fl-infiq minn flussi ta' dħul potenzjalment temporanji.

- **Iż-żieda fin-nefqa marbuta mal-età tirrappreżenta riskju sostanzjali għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.** In-nefqa pubblika relatata mal-età fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' pajjiżi oħra tal-UE, u dan jindika riskju ta' żieda fid-dejn fit-tul. Bosta miżuri għandhom l-għan li jżidu l-adegwatezza tal-pensjonijiet, u sforzi li jinsabu għaddejjin għenu biex tiżdied il-provvista tal-ħaddiema u tittawwal il-ħajja tax-xogħol. Bħalissa għaddejjin miżuri biex jiġu deċentralizzati servizzi mill-isptarijiet għall-kura primarja u biex jittejjeb il-forniment tas-servizzi ta' kura fit-tul. L-impatt tagħhom fuq is-sostenibbiltà fiskali għad irid jimmaterjalizza.

- **Ir-regoli tat-taxxa ta' Malta jidhru li huma użati fi strutturi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, iżda qed jittieħdu xi passi biex dawn il-prattiki jitrażżnu.** Xi elementi li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar tat-taxxa jinkludu n-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq interessi, royalties u dividendi jew ir-residenza u ċ-ċittadinanza permezz ta' skemi ta' investiment. Madankollu, Malta ħadet passi biex temenda aspetti tas-sistema tat-taxxa tagħha sabiex trażżan l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi Ewropej u internazzjonali li ntlaħaq qbil dwarhom.

- **Il-kapaċità għas-superviżjoni tas-settur finanzjarju qed titjieb, iżda r-riskji u l-isfidi qed jiżdiedu.** Numru kbir ta' istituzzjonijiet finanzjarji, kemm banek kif ukoll kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin li prinċipalment joperaw b'mod transfruntier, huma rreġistrati

għall-pajjiż hija ppreżentata fit-tabella ta' ħarsa kumplessiva fl-Anness.

f'Malta. Qed isiru sforzi biex tiġi żgurata superviżjoni xierqa, iżda tfaċċaw sfidi addizzjonali għas-superviżur finanzjarju. Dawn huma dovuti għal rekwiżiti internazzjonali aktar stretti sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni finanzjarja, u l-kompiti ġodda tal-għoti ta' liċenzji ġodda għall-kriptomuniti. Huwa meħtieġ qafas superviżorju msaħħaħ sabiex tinżamm ir-reputazzjoni u l-attrattività ta' Malta bħala ċentru finanzjarju internazzjonali.

- **L-iżgurar ta' standards ogħla ta' superviżjoni u ta' infurzar reali ta' kontra l-ħasil tal-flus għadu sfida.** Malta għandha dipendenza dejjem akbar fuq is-setturi tas-servizzi li huma meqjusa partikolarment vulnerabbli għall-prattiki tal-ħasil tal-flus. Minbarra dan, investigazzjonijiet riċenti li jinvolvu l-ħasil tal-flus urew li hemm nuqqasijiet serji fil-qafas tal-infurzar ta' Malta kontra l-ħasil tal-flus. Madankollu, huwa rari li jiġu imposti penalitajiet. Filwaqt li Malta bħalissa qed tagħmel titjib, id-daqs tal-isfidi jitlob standards partikolarment għoljin ta' superviżjoni tal-ħasil tal-flus u infurzar aħjar.

- **Is-suq tad-djar għadu b'saħħtu u jeħtieġ monitoraġġ kontinwu.** Id-dinamiżmu tas-suq tad-djar, rifless fiż-żieda fl-attività tal-kostruzzjoni, fil-prezzijiet tad-djar u fis-self, x'aktarx li jkompli fil-futur qrib. Filwaqt li r-riskji ġenerali għall-istabbiltà finanzjarja minn proprjetà immobbli jibqgħu mrażżna, jekk ix-xejriet riċenti jkomplu, dawn jistgħu jwasslu għal żbilanċi makrofinanzjarji potenzjali. Qed tittieħed azzjoni biex jiġi rregolat is-suq tal-kiri.

- **Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol hija solida, iżda xi gruppi huma żvantaġġati u għad hemm nuqqas ta' ħaddiema.** It-tkabbir fl-impjiegi kien b'saħħtu, b'aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u tnaqqis fil-qgħad. Ir-riformi riċenti tejbu l-funzjonament tas-suq tax-xogħol u żiedu l-provvista tax-xogħol. Madankollu, l-inattività hija komparattivament għolja, id-disparità bejn is-sessi għadha kbira u r-rata ta' impjieg ta' persuni b'diżabilità u ħaddiema akbar fl-età hija baxxa. In-nuqqas ta' ħaddiema fis-setturi differenti kompla jiżdied, u dan ikkontribwixxa biex tiżdied id-dipendenza fuq il-ħaddiema barranin.

- **Eżiti edukattivi ħżiena jistgħu jillimitaw il-prospetti ta' tkabbir.** Minkejja l-investiment pubbliku għoli fl-edukazzjoni, l-eżiti edukattivi għadhom ħżiena, b'differenzi kbar marbuta mal-isfond soċjoekonomiku, l-istatus ta' diżabilità u t-tip ta' skola. It-tluq bikri mill-iskola huwa fost l-ogħla fl-UE u l-parteċipazzjoni ta' dawk b'ħiliet baxxi fit-tagħlim għall-adulti għadha baxxa. Sa issa għad ma hemmx identifikazzjoni sistematika tar-rekwiżiti tal-ħiliet biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għal mudell ta' żvilupp ekonomiku aktar sostenibbli.

- **Il-faqar u l-esklużjoni soċjali naqsu, iżda l-influss kbir ta' barranin joħloq sfidi ta' integrazzjoni.** Ir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali naqas iżda għadu f'livell għoli għat-tfal, għall-persuni b'diżabilità u għall-migranti li mhumiex mill-UE. Ix-xejriet demografiċi qed joħolqu pressjoni fuq il-provvista tas-servizzi, inklużi l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-kura fit-tul.

- **Il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-intrapriżi Maltin għadu limitat.** Il-prestazzjoni tal-innovazzjoni ta' Malta qed titjieb gradwalment iżda għadha relattivament modesta. Ir-R&Ż jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq l-investiment barrani dirett, filwaqt li hemm nuqqas ta' innovazzjoni domestika. L-aċċess għall-finanzi huwa aktar diffiċli għal intrapriżi innovattivi mingħajr kollateral. L-effettività tal-miżuri eżistenti li jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni mrawma domestikament għadha limitata.

- **Il-pressjoni dejjem tiżdied fuq l-infrastruttura toħloq sfidi ta' sostenibbiltà.** Iż-żieda fil-popolazzjoni, id-domanda dejjem tikber fis-suq tad-djar u t-tkabbir tat-turiżmu jintensifikaw il-pressjoni fuq l-art u r-riżorsi tal-ilma skarsi. Dipendenza qawwija fuq ir-rimi tal-iskart tagħmel l-isfida saħansitra aktar diffiċli. Il-konġestjoni tat-traffiku għadha kwistjoni, peress li ġġorr magħha prezz ekonomiku, soċjali u ambjentali sinifikanti. L-impatt tal-azzjonijiet ta' politika ppjanati dwar il-bidla modali mill-karozzi privati għadu

limitat għax l-investiment pubbliku fit-trasport bl-art huwa ffukat l-aktar fuq it-titjib tal-kwalità tat-toroq. Hemm potenzjali li għadu mhuwiex sfruttat sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija u tissaħħaħ l-azzjoni klimatika. Investiment immirat jista' jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-bidla lejn ekonomija aktar sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.


- **Nuqqasijiet fil-qafas tal-governanza jistgħu jkunu ta' piż għall-klima tal-investiment.** Indikaturi tal-istħarriġ jidentifikaw il-korruzzjoni u l-ineffiċjenza fis-sistema ġudizzjarja bħala fatturi problematiċi f'Malta. Ir-riformi riċenti għadhom ma żgurawx għal kollox l-indipendenza tal-ġudikatura. Il-qafas istituzzjonali ta' kontra l-korruzzjoni għandu nuqqasijiet, u hemm riskju ta' kunflitt ta' interessi f'diversi livelli tal-gvern. L-Unità tar-Reati Ekonomiċi tal-pulizija bħalissa għandha nuqqas ta' persunal. Qafas ta' governanza msaħħaħ huwa prerekwiżit biex jinkisbu b'mod sħiħ il-benefiċċji tal-investiment.

1. IS-SITWAZZJONI EKONOMIKA U L-PROSPETTIVI

It-tkabbir ekonomiku

L-ekonomija ta' Malta qed tkompli tikber b'pass sostnut, fost sfidi ta' sostenibbiltà fit-tul. F'dawn l-aħħar snin, l-ekonomija kienet ikkaratterizzata minn tkabbir qawwi fil-PDG u fl-impjiegi, surplus fil-baġit u settur tas-servizzi b'saħħtu. It-tkabbir reali tal-PDG fl-2018 huwa stmat li hu ta' 6,2 %, kemxejn anqas mit-tkabbir ta' 6,7 % rreġistrat fl-2017. Filwaqt li l-esportazzjonijiet netti kienu l-ixprun ewlieni tat-tkabbir fl-2016-17, id-domanda domestika se ssir l-aktar kontributur tat-tkabbir importanti fl-2018 (ara l-Grafika 1.1). Il-konsum privat, b'mod partikolari, kiber b'mod robust bis-saħħa ta' rata għolja ta' tkabbir fl-impjiegi u dħul disponibbli ogħla. Il-konsum pubbliku rrifletta kumpens ogħla għall-impjegati fis-settur pubbliku. L-investiment beda jirkupra, wara t-tnaqqis imdaqqas irreġistrat fl-2017. It-tkabbir tal-investiment privat fl-ewwel nofs tal-2018 kien xprunat mill-kostruzzjoni residenzjali u l-investiment fil-makkinarju u t-tagħmir (ara wkoll it-Taqsima 3.4). Hekk kif qed ikompli l-pass tat-tkabbir, l-isfidi ewlenin jikkonċernaw is-sostenibbiltà fit-tul tal-mudell ta' tkabbir ta' Malta.

Grafika 1.1: **Il-komponenti tad-domanda tat-tkabbir annwali tal-PDG**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

It-tkabbir ekonomiku huwa xprunat mis-settur tas-servizzi. L-ekonomija Maltija żviluppat settur tas-servizzi vibranti u orjentat internazzjonalment. L-industrija tat-turiżmu hija waħda mill-pilastri ewlenin tal-ekonomija, b'żieda fin-numri kemm għall-viżitaturi li jidħlu fil-pajjiż kif ukoll għan-nefqa turistika. Is-settur tal-logħob tal-azzard żied b'mod kostanti l-kontribut tiegħu għall-attività ekonomika, u ħoloq madwar 11 % tal-valur miżjud fl-2017 (ara wkoll it-Taqsima 3.4.2). Barra minn hekk, l-industrija tal-logħob tal-azzard tikkontribwixxi għall-prestazzjoni ekonomika ta' setturi ewlenin oħra, inklużi s-servizzi professjonali, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-attivitajiet finanzjarji u l-proprjetà immobbli. Meta wieħed iħares lejn il-prestazzjoni ġenerali tas-settur tas-servizzi, fl-ewwel nofs tal-2018 ġie rreġistrat titjib sostanzjali f'ħafna oqsma. Il-valur miżjud gross mill-attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kiber b'aktar minn 10 % matul l-istess perjodu tal-2017. Is-servizzi tan-negozju, l-attivitajiet tal-proprjetà immobbli u l-attivitajiet tar-rikreazzjoni (li jinkludu l-logħob tal-azzard) ukoll kellhom rati ta' tkabbir sostenibbli. Id-dimensjoni esterna b'saħħitha tas-settur tas-servizzi tirrifletti l-ispeċjalizzazzjoni ta' Malta bħala ċentru internazzjonali tas-servizzi. B'mod partikolari, l-operaturi finanzjarji u tal-assigurazzjoni, kif ukoll il-kumpaniji tal-logħob tal-azzard remot, iservu kważi esklussivament lil konsumaturi barranin (ara wkoll it-Taqsima 3.2).

It-tkabbir fuq medda qasira ta' żmien huwa pprojettat li jimmodera iżda jibqa' b'saħħtu, appoġġat mid-domanda domestika. It-tkabbir huwa mistenni li jonqos gradwalment fuq medda qasira ta' żmien, għal rata medja annwali ta' 5,2 % fl-2019 u ta' 4,6 % fl-2020. Id-domanda domestika hija mistennija li tkun l-ixprun ewlieni tat-tkabbir, appoġġata minn tkabbir qawwi fl-investiment. Mill-2019, it-tkabbir tal-investiment mistenni jingħata spinta permezz ta' proġetti infrastrutturali fuq skala kbira fis-settur tas-saħħa u investimenti fis-setturi tat-turiżmu u tal-proprjetà immobbli. Il-profil tal-investiment pubbliku huwa mistenni li jibbenefika minn diversi proġetti ta' investiment kofinanzjati mill-fondi strutturali tal-UE. Il-konsum privat huwa previst li jibqa' dinamiku, minħabba ż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-introjtu disponibbli. It-tkabbir fl-esportazzjoni huwa mistenni li jonqos mir-rati għolja ta' tkabbir irreġistrati fis-snin riċenti, b'konformità mal-moderazzjoni prevista fid-domanda globali, filwaqt li l-importazzjonijiet huma mistennija li jiżdiedu, xprunati mit-tkabbir fl-investiment.

Inflazzjoni

L-inflazzjoni, li qabel kienet baxxa, bdiet taċċellera gradwalment. L-inflazzjoni medja annwali fil-perjodu 2014-2017 kienet kemxejn' il fuq minn 1 %. L-inflazzjoni ta' bażi bdiet taċċellera fit-tieni kwart tal-2018 u laħqet il-1,7 % sa tmiem is-sena, b'mod konsistenti mal-medja taż-żona tal-euro. Parzjalment, l-aċċelerazzjoni tirrifletti l-impatt statistiku taż-żieda fil-piż tas-servizzi tal-akkomodazzjoni fil-basket tal-indiċi tal-prezzijiet għall-2018. Minħabba l-kombinazzjoni ta' inflazzjoni tas-servizzi relattivament għolja u inflazzjoni baxxa tal-enerġija (li jirriżultaw minn prezzijiet regolati tal-elettriku), l-inflazzjoni ta' bażi medja kienet kemxejn ogħla mill-inflazzjoni ta' bażi fl-ewwel tliet kwarti tal-2018, minkejja ż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt.

Prospetti ta' tkabbir u riskji


Riskji fuq medda qasira ta' żmien għall-perspettiva huma prinċipalment marbuta mad-domanda tal-kummerċ globali. Eskalazzjonijiet ulterjuri fit-tensjonijiet kummerċjali globali, l-intensifikazzjoni tal-inċertezzi ġeopolitiċi u ż-żieda fil-protezzjoniżmu jistgħu jillimitaw it-tkabbir ekonomiku minħabba l-ekonomija żgħira u miftuħa ta' Malta.

Il-konġestjonijiet tal-investiment eżistenti jistgħu jintensifikaw u jxekklu t-tkabbir fuq terminu twil. Minħabba li l-momentum qawwi tat-tkabbir jidher li kien xprunat minn bidliet strutturali, it-tkabbir ekonomiku fil-futur qrib huwa mistenni li jkompli b'pass relattivament sostnut. Fuq medda twila ta' żmien, iż-żieda fl-attività ekonomika tista' żżid il-konġestjonijiet eżistenti u titfa' aktar pressjoni fuq ir-riżorsi naturali u l-limitazzjonijiet infrastrutturali (ara t-Taqsima 3.4). Il-livelli baxxi persistenti ta' ħiliet u t-tixjiħ tal-popolazzjoni jikkostitwixxu sfidi addizzjonali. Il-lakuni eżistenti fl-investiment f'termini ta' kapital uman u tal-ekosistema tal-innovazzjoni (ara t-Taqsima 3.3 u 3.4), jekk ma jiġux indirizzati, ikunu ta' piż fuq is-sostenibbiltà tal-iżvilupp ta' Malta. It-tnaqqis tar-riskji fiskali li jifdal u tar-riskji għar-reputazzjoni marbuta mal-vulnerabbiltajiet tal-qafas ta' governanza (ara t-Taqsima 3.2. u 3.4), jista' jsaħħaħ aktar ir-reżiljenza tal-ekonomija.

L-iżviluppi tas-suq tax-xogħol u soċjali

Bis-saħħa ta' tkabbir ekonomiku sostnut u b'saħħtu, is-suq tax-xogħol qed ikompli jkollu prestazzjoni tajba. Ir-rata tal-qgħad niżlet għal 4,0 % fl-2017, filwaqt li t-tkabbir fl-impjiegi għadu qawwi (ara l-Grafika 1.2.). Ir-rata tal-impjieg (20-64) żdiedet aktar mill-medja tal-UE u laħqet l-74,4 % fil-Q2-2018. Ir-rata ta' attività qed tkompli ż-żieda gradwali tagħha u l-influssi tal-migrazzjoni tax-xogħol biex jimtlew il-postijiet vakanti għadhom sostanzjali. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu ferm taħt il-medja tal-UE.

Grafika 1.2: **L-attività, l-impjieg, u r-rati tal-qgħad**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Madankollu, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet jista' jxekkel it-tkabbir u l-inklużività tiegħu. Is-sehem ta' dawk li jħaddmu li qegħdin jirrappurtaw nuqqas ta' ħaddiema kompla jiżdied fis-setturi kollha. Għalkemm qed tonqos, id-disparità fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa (24,1 pp fl-2017), għadha waħda mill-akbar fl-UE, kif muri fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li tappoġġa l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol ukoll għadha baxxa. Il-proporzjon għoli tal-popolazzjoni b'ħiliet baxxi u r-rati ta' tluq bikri mill-iskola li jaffettwaw lit-tfal ixekklu l-isforzi biex jintlaħaq tkabbir sostenibbli u inklużiv.

Is-suq tax-xogħol aktar ristrett huwa mistenni li jirriżulta f'żieda fil-pressjonijiet fuq il-pagi. Fl-

2017, it-tkabbir fil-pagi kien imrażżan permezz taż-żieda fil-provvista tal-ħaddiema li rriżultat minn influssi ta' ħaddiema barranin u parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Bħala riżultat, il-kumpens nominali għal kull impjegat żdied moderatament b'1,7 %, filwaqt li l-pagi reali (imnaqqsa bid-deflatur tal-PDG) naqsu b'1,1 %. Il-kumpens nominali għal kull impjegat huwa mistenni li jżdied aktar malajr, bi 2,3 % fl-2018 u bi 3,2 % fl-2019. Flimkien mat-tkabbir modest tal-produttività, dan huwa pproġettat li jwassal għal żieda fil-kost ta' unità lavorattiva(1,9 % fl-2018 u fl-2019). B'mod ġenerali, it-tkabbir nominali fil-pagi f'dawn l-aħħar snin kien fil-biċċa l-kbira konsistenti mal-iżviluppi makroekonomiċi. Minħabba l-bidliet osservati fil-produttività tax-xogħol, il-prezzijiet u r-rata tal-qgħad, il-pagi nominali kibru aktar bil-mod milli mistenni iżda xorta għadhom ogħla mir-rata li tkun konsistenti ma' kompetittività stabbli tal-kostijiet (ara l-Grafika 1.3) ([3]).

Grafika 1.3: **Tkabbir nominali fil-kumpens: attwali u tal-parametri referenzjarji**



Sors: Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea

([3]) Il-Kummissjoni Ewropea regolarment tivvaluta jekk l-iżviluppi fil-pagi jappoġġawx ir-ribilanċjar makroekonomiku jew jekk, għall-kuntrarju, humiex sors ta' żbilanċi makroekonomiċi potenzjali. Il-valutazzjoni tiddependi fuq it-tqabbil tal-iżviluppi tal-pagi reali ma' żewġ parametri referenzjarji ipotetiċi konsistenti mal-ekwilibriju ekonomiku intern jew estern tal-Istati Membri: (i) it-tkabbir fil-pagi li jkun previst fuq il-bażi ta' bidliet fil-produttività tax-xogħol, fil-prezzijiet u fir-rata tal-qgħad; (i) iż-żieda fil-pagi li tkun konsistenti ma' rata tal-kambju effettiva reali kostanti bbażata fuq il-kostijiet tal-unità lavorattiva.

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali kumplessivi qed jonqsu, iżda qed jiżdiedu għal xi gruppi. Ir-riskji tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali naqsu (19,2 %, 2017) u jikkomparaw b'mod favorevoli mal-2008. Madankollu, it-tfal f'familji b'ġenitur wieħed, kbar u b'ħiliet baxxi sa medji huma f'riskju akbar ta' faqar. L-influss kbir ta' migranti irregolari jista' joħloq sfidi ta' integrazzjoni, riflessi fir-riskju għoli tagħhom ta' faqar u esklużjoni soċjali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni.

L-inugwaljanza kemm fl-introjtu kif ukoll fil-ġid hija moderata, iżda l-isforzi biex ikun hemm aċċess universali għall-edukazzjoni jenħtieġ li jkomplu. Filwaqt li s-sehem tal-introjtu ta' 20 % tal-unitajiet domestiċi l-aktar sinjuri jibqa' pjuttost stabbli, hemm evidenza ta' żieda fl-kwintil l-aktar għani fl-2017. Il-ġid nett ukoll huwa mqassam b'mod relattivament ekwu, u dan jirrifletti d-distribuzzjoni bilanċjata tal-assi tal-akkomodazzjoni fost il-popolazzjoni.

Id-dimensjoni reġjonali u lokali

F'termini ta' differenzi reġjonali, hemm differenzi bejn il-ġżira ta' Malta u l-ġżira ta' Għawdex. Il-ġżira żgħira ta' Għawdex, li bħalissa hija dipendenti fuq il-konnessjoni tat-trasport bil-baħar mal-ġżira ta' Malta, hija inqas aċċessibbli, għandha aċċess skars għas-servizzi u għandha inqas opportunitajiet ta' xogħol mill-ġżira ewlenija ta' Malta. Il-PDG per capita f'Għawdex huwa 54 % tal-medja tal-UE meta mqabbel ma' 96 % fil-ġżira ewlenija ta' Malta. Il-ġżira ta' Malta toffri opportunitajiet tas-suq tax-xogħol aħjar li jixprunaw il-migrazzjoni bejn il-gżejjer u livell għoli ta' persuni li jgħixu Għawdex u jaħdmu Malta. waħda minn kull ħames persuni impjegati li jgħixu f'Għawdex taħdem f'Malta. Id-differenzi bejn Malta u Għawdex huma wkoll sinifikanti f'termini tal-proporzjon ta' żgħażagħ li jgħixu hemm, l-istaġjonalità tat-turiżmu, u l-prosperità tan-negozji u l-produttività (li tammonta għal 70 % tal-medja tal-UE f'Għawdex meta mqabbla ma' 92 % fil-ġżira ewlenija ta' Malta). Id-depopolazzjoni minħabba d-dgħufijiet elenkati tista' tiggrava din ix-xejra.


Il-kompetittività

It-tkabbir tal-prezzijiet u l-movimenti tar-rata tal-kambju naqqsu l-kompetittività ta' Malta

fis-swieq esterni. Bejn l-2008 u l-2016, il-kompetittività tal-prezzijiet ta' Malta tjiebet hekk kif ir-rata tal-kambju effettiva reali ddeppreżżat b'madwar 10 % meta mqabbla mat-42 sieħeb kummerċjali ewlenin tagħha, filwaqt li baqgħet fil-biċċa l-kbira l-istess fiż-żona tal-euro (ara l-Grafika 1.4). It-tendenza nqalbet mill-2017, bħala riżultat tal-apprezzament tal-euro fil-konfront ta' muniti ewlenin. Fl-2018, id-deprezzament tal-lira Ingliża, flimkien ma' pressjonijiet fis-suq intern tax-xogħol u fil-prezzijiet ġenerali, naqqas l-ispiża esterna u l-kompetittività tal-prezzijiet ta' Malta.

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni fl-oġġetti qed tonqos, u dan jirrifletti speċjalizzazzjoni qawwija fis-servizzi. Is-sehem tas-suq tal-esportazzjoni ta' Malta għas-servizzi (0,26 % tat-total dinji fl-2017) huwa madwar tliet darbiet ogħla mis-sehem tas-suq tagħha tal-esportazzjoni għall-oġġetti. Madankollu, mill-2012 sal-2017, is-sehem tas-suq tal-esportazzjoni tal-oġġetti tagħha naqas b'16,6 %.

Grafika 1.4: **Ir-rata tal-kambju effettiva reali, sħab kummerċjali differenti**




Deflatur: Indiċi tal-Prezzijiet tal-Konsumatur
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-kompetittività globali għadha appoġġata minn kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli, għalkemm għad fadal ċerti ostakli għall-investiment. Malta kienet tokkupa s-36 post minn 140 pajjiż fit-*2018 Global Competitiveness Report*, pożizzjoni ogħla mis-sena preċedenti. Il-prestazzjoni tagħha hija notevoli f'indikaturi bħall-makroekonomija (l-ewwel post), applikazzjonijiet għal marki kummerċjali (it-tieni post), politiki attivi tax-xogħol (id-19-il post) u l-adozzjoni tal-ICT (l-24 post). Skont stħarriġ tal-Ewrobarometru (il-Kummissjoni Ewropea, 2018a), Malta għandha prestazzjoni tajba meta mqabbla mal-medja tal-UE dwar l-ostakli eżistenti għall-investiment. Madankollu, it-tul tal-proċedimenti legali ġie identifikat bħala ostaklu għall-investiment minn madwar terz tal-kumpaniji intervistati. Barra minn hekk, aktar minn 60 % tal-kumpaniji rrappurtaw id-disponibbiltà ta' ħiliet adegwati fis-suq tax-xogħol bħala ostaklu għall-investiment. Fuq medda twila ta' żmien, livelli baxxi ta' ħiliet u dipendenza fuq il-ħaddiema barranin jistgħu jillimitaw aktar il-kompetittività tal-ekonomija Maltija.

Il-pożizzjoni esterna

L-ekonomija miftuħa ħafna ta' Malta għandha surplus imdaqqas fil-bilanċ tal-kont kurrenti. Il-prestazzjoni esterna ta' Malta f'dawn l-aħħar snin kienet ikkaratterizzata minn surplus imdaqqas tal-kont kurrenti, li żdied għal 10,4 % tal-PDG fl-2017 u baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli fl-ewwel nofs tal-2018. B'mod partikolari, il-prestazzjoni soda tas-settur tas-servizzi orjentati lejn l-esportazzjoni hija riflessa f'surplus kummerċjali li qed jiżdied gradwalment fis-servizzi. Il-bilanċ kummerċjali tal-oġġetti beda jitjieb gradwalment fl-2016 u aċċellera aktar fl-2017 u stabbilizza fl-ewwel nofs tal-2018, wara li fl-2015 ntlaħqet quċċata fid-defiċit fil-kummerċ tal-oġġetti. L-esportazzjonijiet totali fl-2017 kienu ta' madwar 135 % tal-PDG, filwaqt li l-importazzjonijiet kienu ta' madwar 116 %, u b'hekk Malta saret waħda mill-aktar ekonomiji miftuħa fl-UE.

Grafika 1.5: **Id-dekompożizzjoni tal-kont kurrenti**




Nota: *Data* dwar l-introjtu primarju u l-introjtu sekondarju mhijiex disponibbli għall-perjodu 2008-2014.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Is-surplus fil-kont kurrenti jirrifletti l-prestazzjoni esterna qawwija fis-settur tas-servizzi. Is-surplus kbir fil-kont kurrenti jirrifletti surplus kbir fil-bilanċ tas-servizzi, li kiber sostanzjalment mill-2014 'l hawn biex laħaq 34 % tal-PDG fl-2017 (ara l-Grafika 1.5), u naqas ftit fl-ewwel nofs tal-2018. L-esportazzjonijiet tas-servizzi ngħataw spinta fil-biċċa l-kbira minn attivitajiet tal-logħob tal-azzard mill-bogħod u t-turiżmu. Il-bilanċ estern tas-settur finanzjarju naqas xi ftit iżda baqa' għoli, filwaqt li dak tas-settur tat-trasport żdied b'mod sinifikanti. Il-livell attwali tas-surplus tal-kont kurrenti jaqbeż in-norma tal-kont kurrenti stmata mill-Kummissjoni Ewropea (Coutinho et al., 2018). Skont il-kalkoli sottostanti, madwar nofs is-surplus żejjed tal-kont kurrenti jista' jiġi attribwit għal dinamiċi fil-kreditu u fatturi globali. Ir-residwu kbir jista' jiġi spjegat bil-preżenza ta' negozji kbar orjentati internazzjonalment u l-importanza li qed tikber ta' attivitajiet transfruntieri.

F'termini ta' assi u obbligazzjonijiet finanzjarji esterni, Malta hija pajjiż kreditur. Il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali nett ta' Malta hija pożittiva ħafna. Minkejja tnaqqis żgħir fl-ewwel nofs tal-2018 minn 66,2 % għal 63,9 %, il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali nett għadha fost l-ogħla fl-UE bħala sehem tal-PDG. F'termini ta' distribuzzjoni ġeografika, sa nofs l-2018, l-Istati Membri tal-UE kienu l-kontroparti ta' 65 % u 64 % rispettivament tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji esterni ta' Malta. Il-volum għoli ta' investiment dirett barrani fl-ekonomija Maltija (ara l-Grafika 1.6) huwa kontrobilanċjat minn assi tal-portafoll netti, b'mod partikolari strumenti ta' ekwità. L-attivitajiet bankarji u tal-assigurazzjoni kkontribwew għal 98 % tal-istokk totali tal-investiment barrani dirett f'Malta fl-2017.

Grafika 1.6: **Analiżi tal-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali nett skont l-istrument**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Is-settur finanzjarju

Filwaqt li s-settur bankarju totali naqas, il-parti tas-settur direttament marbuta mal-ekonomija lokali kompliet tikber. L-assi tas-settur bankarju totali f'Malta niżlu għal 401 % tal-PDG sa Ġunju 2018, minn madwar 430 % fi tmiem l-2017. L-assi tal-banek domestiċi ewlenin, li għandhom rabtiet b'saħħithom mal-ekonomija ta' Malta u għalhekk huma ekonomikament l-aktar rilevanti, żdiedu b'1,5 % u, f'termini ta' PDG, laħqu l-201,5 % f'Ġunju 2018. Il-banek domestiċi mhux ewlenin (b'rabtiet limitati mas-suq domestiku) espandew il-karta tal-bilanċ tagħhom bi 18,8 %, għal 22,5 % tal-PDG. Min-naħa l-oħra, banek orjentati internazzjonalment (dawk li ma għandhom l-ebda konnessjoni mal-ekonomija domestika) raw l-assi tagħhom jonqsu bi 28 pp fl-istess perjodu, għal 177,1 % tal-PDG. Dan it-tnaqqis, li beda fl-2015, ġie interrott fl-aħħar kwart tal-2017 u reġa' beda fil-bidu tal-2018. It-tnaqqis fl-ewwel nofs tal-2018

kien xprunat l-aktar minn tnaqqis fl-assi tat-tliet fergħat ta' banek barranin, filwaqt li t-tnaqqis fid-daqs tal-banek l-oħrajn kien limitat.

It-tkabbir globali tas-self lill-klijenti domestiċi huwa konsistenti mat-tkabbir ekonomiku. Iż-żieda fl-assi tal-banek domestiċi kienet immexxija minn tkabbir aktar mgħaġġel tas-self, bis-saħħa ta' żieda fis-self lill-familji. Il-banek komplew jidħlu f'kuntratti ipotekarji u issa kważi 60 % tas-self lir-residenti huwa marbut mal-proprjetà. Madankollu, ir-riskji relatati jidhru limitati minħabba li, b'paragun mal-bqija tad-dinja, il-banek japplikaw politika tar-riskju tal-kreditu relattivament stretta, bi tnaqqis ta' 30 % mill-valur tas-suq tal-proprjetà. Barra minn hekk, 50 % biss tas-suq ipotekarju ġie ffinanzjat minn self tal-banek, filwaqt li n-nofs l-ieħor jiġi mit-tfaddil ta' persuni residenti u mhux residenti tal-unitajiet domestiċi. Filwaqt li s-self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji għadu dgħajjef, dan beda jiżdied fl-2018. Sadanittant, l-esponiment għall-entitajiet governattivi kompla jitnaqqas fl-2018 ([4]).

Fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, il-banek domestiċi huma likwidi ħafna. Il-banek domestiċi jiddependu għal kollox fuq depożiti fil-livell tal-konsumatur, li l-biċċa l-kbira minnhom ġejjin minn residenti domestiċi. It-tkabbir tad-depożiti kompla jimmodera fl-2018, wara snin ta' żieda kostanti. F'Ġunju, id-depożiti tar-residenti kibru bi 3,2 %, li jirrappreżenta tnaqqis minn 5,0 % fi tmiem l-2017. Id-depożiti ta' matul il-lejl baqgħu l-istrument finanzjarju ppreferut tar-residenti. Id-depożiti ta' persuni mhux residenti qed jonqsu, u jirrappreżentaw madwar 5 % tad-depożiti totali miżmuma fis-settur bankarju domestiku f'Ġunju 2018 (meta mqabbla ma' 15 % fl-2017). Għas-settur kollu kemm hu, il-proporzjon self-depożitu baqa' bejn wieħed u ieħor stabbli fil-livell ta' madwar 65 % fil-Q2-2018. Għall-banek domestiċi, id-depożiti jkopru l-portafoll totali tas-self, u l-esponiment għall-finanzjament tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), li huwa 0,2 % tal-ħtiġijiet ta' finanzjament totali tagħhom, huwa marġinali u kompla jonqos.

([4]) Is-self lill-amministrazzjoni pubblika żdied b'5,7 pp f'Ġunju 2018 milli kien fi tmiem l-2017, u jirrappreżenta 5,1 % tal-portafoll totali ta' self tal-banek domestiċi. B'mod simili, il-banek naqqsu l-esponiment tagħhom għall-gvern Malti, u għandhom madwar EUR 1,5 biljun f'kambjali ta' terminu qasir, li jirrappreżentaw 7,4 % tal-karta tal-bilanċ totali tagħhom.

Is-settur bankarju kellu prestazzjoni tajba minkejja regoli ġodda tal-kontabilità li jirrikjedu provvedimenti addizzjonali. Kumplessivament, il-banek żammew il-profitabbiltà tagħhom, il-bażi kapitali tagħhom hija soda, il-likwidità hija abbundanti, u r-riskji ta' kreditu komplew jitnaqqsu. Il-banek domestiċi kienu kapaċi jżommu livelli ta' profittabilità konformi mal-kontropartijiet tagħhom fiż-żona tal-euro matul l-2018 fuq bażi annwali, appoġġati mill-kapaċità tagħhom li jwessgħu l-marġini tal-imgħax kemm kemm. Fl-2018, l-introjtu mill-imgħax żdied u d-dħul mill-imgħax nett baqa' s-sors ewlieni ta' dħul. Ir-riżultati komprensivi minn test tal-istress bl-użu tal-metodoloġija tal-Awtorità Bankarja Ewropea jikkonfermaw is-soliditá u r-reżiljenza tal-banek Maltin soġġetti għat-test, u jenfasizzaw ir-reżiljenza tas-settur bankarju ta' Malta.

Istituzzjonijiet finanzjarji oħra rreġistraw żviluppi mħallta. Is-settur tal-assigurazzjoni domestika kompla jespandi, u laħaq is-96 % tal-PDG f'Ġunju 2018 minn 88,3 % tal-PDG fl-2017. B'kuntrast, il-fondi tal-investiment naqsu fl-2018, wara l-espansjoni esperjenzata fl-2017. Dan is-settur naqas minn 89,5 % tal-PDG fl-2017 għal 73,9 % tal-PDG f'Settembru 2018.

Il-kapaċità superviżorja mhijiex kompletament konsistenti mad-daqs u d-dimensjoni internazzjonali tas-settur finanzjarju. Qafas superviżorju effettiv huwa kruċjali biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja u biex titħares l-attrattività ta' Malta bħala ċentru finanzjarju internazzjonali. Hemm għadd kbir ta' banek barranin u kumpaniji tal-assigurazzjoni rreġistrati f'Malta. Fl-istess ħin, investigazzjonijiet riċenti li jinvolvu l-ħasil tal-flus esponew nuqqasijiet serji fil-qafas tal-infurzar ta' Malta kontra l-ħasil tal-flus. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea qed tirrikjedi li s-superviżur tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus isaħħaħ is-superviżjoni tal-banek. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat l-aċċess għan-netwerk finanzjarju globali, il-konformità kontinwa mar-regolamenti internazzjonali tibqa' essenzjali.


Id-dejn tas-settur privat

Id-dejn tas-settur privat, għalkemm qed jonqos, għadu għoli, b'mod partikolari għas-settur korporattiv. Id-dejn ikkonsolidat tas-settur privat

bħala sehem tal-PDG naqas mill-quċċata tiegħu fl-2009, bis-saħħa tat-tkabbir ekonomiku sostnut. Madankollu, il-parametri referenzjarji tad-dejn tal-Kummissjoni Ewropea ([5]) jissuġġerixxu li kemm id-dejn tal-unitajiet domestiċi kif ukoll id-dejn tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji għadhom għoljin (ara l-Grafika 1.7). B'mod partikolari, id-dejn ikkonsolidat tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji laħaq EUR 7,8 biljun fl-2017 (madwar 70 % tal-PDG), bis-self jikkostitwixxi aktar minn 90 % tal-obbligazzjonijiet mhux ta' ekwità konsolidati. Sadanittant, id-dejn tal-unitajiet domestiċi bħala sehem tal-PDG kien ta' 50 % fl-2017, ftit inqas mis-sena preċedenti. ([6])


In-negozji qegħdin dejjem aktar jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom lil hinn miċ-ċirkwiti bankarji, parzjalment permezz ta' self bejn il-kumpaniji. Mill-2007 sal-2017, is-self mill-banek naqas minn 47 % għal 23 % tad-dejn totali tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Barra minn hekk, Malta hija wieħed mill-pajjiżi tal-UE bl-akbar differenza bejn id-dejn tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji konsolidat u dak mhux konsolidat (ara l-Grafika 1.8). Din id-differenza kbira hija marbuta mal-preżenza ta' kumpaniji multinazzjonali u attivitajiet ta' self intragrupp relatati bejn il-fruntieri. It-titoli tad-dejn jirrappreżentaw sors ta' finanzjament marġinali iżda li qed jikber, peress li l-valur tal-bonds maħruġa rdoppja bejn l-2011 u l-2017. Billi s-suq kapitali Malti għadu mhux żviluppat biżżejjed, il-kumpaniji spiss jużaw finanzjament bejn il-kumpaniji, u b'mod partikolari self intragrupp, bħala sors alternattiv. Bejn l-2007 u l-2017, is-self intragrupp żdied minn 19 % għal 38 % tal-finanzjament korporattiv (BĊM, 2018a).

Grafika 1.7: **Id-dejn tas-settur privat: lakuni fil-valuri ta' referenza prudenzjali u bbażati fuq il-fundamentali**



NFC tfisser korporazzjonijiet mhux finanzjarji u HH tfisser unitajiet domestiċi. Id-data tal-NFC hija referenti għad-dejn konsolidat.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Grafika 1.8: **Dejn konsolidat vs dak mhux konsolidat, NFC**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Finanzi pubbliċi

Il-bilanċ tal-bagit huwa mistenni li jimmodera fis-snin li ġejjin, mis-surplus għoli rreġistrat fl-2017. Is-sitwazzjoni fiskali tjiebet f'dawn l-aħħar snin u nbidlet f'surplus fl-2016. Is-surplus tal-amministrazzjoni pubblika huwa mistenni li jonqos għal 1,2 % tal-PDG fl-2019 meta mqabbel ma'

([5]) Il-parametri referenzjarji abbażi tal-fundamentali huma derivati minn rigressjonijiet li jaqbdu d-determinanti ewlenin tat-tkabbir tal-kreditu u b'kunsiderazzjoni ta' stokk inizjali ta' dejn partikolari. Il-livelli limiti prudenzjali jirrappreżentaw il-limitu ta' dejn li lil hinn minnu jkun hemm probabbiltà relattivament għolja ta' kriżi bankarja, u jimminimizzaw il-probabbiltà ta' kriżijiet li ma jinqabdux u dik ta' allerti foloz. Il-metodoloġiji huma deskritti fil-Kummissjoni Ewropea, 2017a. Aġġornamenti għall-metodoloġija ġew sussegwentement proposti fil-Kummissjoni Ewropea, 2018b.

([6]) L-analiżi tad-dejn tas-settur privat ta' Malta hija ristretta minn limitazzjonijiet tad-*data* (indikaturi bħad-dejn domestiku mqabbel mad-dħul gross disponibbli jew id-dejn NFC mas-surplus operatorju gross ma jistgħux jiġu kkalkulati).

surplus ta' 3,5 % tal-PDG fl-2017. F'termini strutturali, il-bilanċ favorevoli huwa mistenni li jonqos b'mod sinifikanti minn 3,1 % fl-2017 u li jistabbilizza fil-livell ta' 0,9 % tal-PDG fl-2018-2019. Is-surplus eċċezzjonalment għoli fl-2017 kien ir-riżultat ta' (i) ir-rata għolja ta' tkabbir tad-dħul kurrenti li tirriżulta mill-kompożizzjoni tat-tkabbir b'taxxa għolja, u (ii) dħul ogħla milli mistenni mill-Programm tal-Investitur Individwali ([7]), li jirrappreżenta 2,2 % tal-PDG f'dik is-sena.

Id-dejn pubbliku naqas ħafna u jinsab ikkontrollat sew fuq terminu ta' żmien qasir u medju. Wara massimu ta' 70,1 % tal-PDG fl-2011, id-dejn pubbliku naqas għal 50,9 % tal-PDG fl-2017, taħt il-livell limitu ta' 60 % tal-PDG u l-medja taż-Żona tal-Euro (88,9 % tal-PDG). Huwa mbassar li jonqos aktar għal 42,1 % fl-2020. Madankollu, l-obbligazzjonijiet kontinġenti huma sinifikanti f'Malta. Fi tmiem l-2017, il-garanziji eżistenti pubbliċi tal-gvern ipprovduti mill-gvern ċentrali għad-dejn ta' unitajiet mhux governattivi kienu ta' 9,6 % tal-PDG.

Minkejja t-titjib fil-finanzi pubbliċi, għad baqa' xi riskji għas-sostenibbiltà fuq terminu twil. Il-qagħda fiskali bbenefikat mit-tisħiħ fid-dħul. It-taxxi fuq l-introjtu tal-kumpaniji jikkostitwixxu proporzjon akbar ta' dħul mit-taxxa mill-bqija tal-UE, li jimplika sensittività akbar għax-xokkijiet ekonomiċi. Barra minn hekk, fuq medda ta' żmien medju sa twil, l-inizjattivi internazzjonali fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa jista' jkollhom impatt fuq id-dħul mit-taxxa u l-pożizzjoni fiskali tal-pajjiż. Barra minn hekk, in-nefqa pubblika hija pprojettata li tiżdied b'rata ogħla mid-dħul fis-snin li ġejjin. Iż-żieda fin-nefqa hija relatata kemm mal-investiment pubbliku, li huwa relatat mill-qrib maċ-ċiklu tal-fondi tal-UE, kif ukoll man-nefqa kurrenti. Dan jidher li jindika riskji possibbli assoċjati mal-finanzjament ta' żidiet permanenti fl-infiq minn flussi ta' dħul potenzjalment temporanji. Minbarra dan, għad baqa' sfidi ta' sostenibbiltà minħabba ż-żieda projettata fl-ispejjeż baġitarji marbutin mal-età, b'mod partikolari fil-kura tas-saħħa u s-sistemi tal-pensjoni (Ara t-Taqsima 3.1).

([7]) Il-Programm tal-Investituri Individwali ġie stabbilit permezz ta' LN 47/2014. Din l-iskema tagħti n-naturalizzazzjoni lil individwi barranin u lid-dipendenti tagħhom wara investiment sostanzjali u t-twettiq ta' ċerti kriterji oħra. Fil-kontijiet nazzjonali, huwa rreġistrat kemm bħala nefqa negattiva tal-gvern kif ukoll bħala esportazzjoni ta' servizzi.

Tabella 1.1: **Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin — Malta**


						tbassir		
	2004-07	2008-12	2013-15	2016	2017	2018	2019	2020
PDG Reali (sena-sena)	2.5	1.7	7.9	5.7	6.6	6.2	5.2	4.6
Tkabbir potenzjali (sena-sena)	2.5	2.4	5.4	6.9	6.8	6.1	5.4	5.2
Konsum privat (sena-sena)	2.1	0.8	3.1	2.7	3.6	.	.	.
Konsum pubbliku (sena-sena)	1.0	3.8	3.3	-2.8	2.8	.	.	.
Formazzjoni ta' kapital fiss gross (sena-sena)	6.0	-2.9	18.8	-0.1	-7.7	.	.	.
Esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi (sena-sena)	7.4	6.7	6.5	4.4	5.3	.	.	.
Importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi (sena-sena)	7.6	6.2	5.8	1.4	-0.1	.	.	.
Kontribut għat-tkabbir tal-PDG:								
Domanda domestika (sena-sena)	2.8	0.6	5.8	0.8	0.3	.	.	.
Inventarji (sena-sena)	0.0	0.3	0.3	0.3	-1.9	.	.	.
Esportazzjonijiet netti (sena-sena)	-0.3	0.8	1.6	4.7	8.2	.	.	.
Kontribut għat-tkabbir potenzjali tal-PDG:								
Total ta' Xogħol (sigħat) (sena-sena)	0.5	0.6	2.1	2.9	3.5	3.1	2.3	2.1
Akkumulazzjoni kapitali (sena-oy)	1.4	0.9	1.3	2.3	1.7	1.6	1.7	1.7
Il-produttività totali tal-fatturi (sena-sena)	0.6	0.9	2.0	1.7	1.7	1.4	1.4	1.3
Differenza fil-produzzjoni	0.2	-1.3	0.9	1.6	1.5	0.9	0.4	-0.4
Rata tal-qgħad	6.9	6.5	5.7	4.7	4.0	3.3	3.4	3.4
Deflatur tal-PDG (sena-sena)	2.3	2.8	2.3	1.5	2.4	2.2	2.2	2.1
Indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur (HICP, sena-sena)	2.1	2.9	1.0	0.9	1.3	1.7	1.8	1.9
Kumpens nominali għal kull impjegat (sena-sena)	3.1	3.2	3.1	2.8	1.8	2.3	3.2	3.1
Produttività tax-xogħol (reali, persuna impjegata, sena-sena)	1.1	-0.3	3.5	1.5	1.2	.	.	.
Kost ta' unità lavorattiva (KUL, ekonomija sħiħa, sena-sena)	1.9	3.5	-0.3	1.4	0.6	1.9	1.9	2.1
Kostijiet reali ta' unità lavorattiva (sena-sena)	-0.4	0.7	-2.6	-0.1	-1.8	-0.3	-0.3	-0.1
Rata tal-kambju effettiva reali (KUL, sena-sena)	1.9	0.9	-1.5	0.4	1.4	2.1	-0.8	0.1
Rata tal-kambju effettiva reali (HICP, sena-sena)	1.0	-0.7	-0.9	1.5	1.3	2.1	-1.4	-0.3
Rata tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi (iffrankar nett bħala perċentwal tal-introjtu nett disponibbli)	.	.	.	.	.	.	.	.
Fluss ta' kreditu privat, konsolidat (% tal-PDG)	9.8	7.7	3.1	11.1	2.8	.	.	.
Dejn tas-settur privat, konsolidat (% tal-PDG)	138.0	159.4	133.3	121.5	118.6	.	.	.
li minnhom id-dejn tal-unitajiet domestiċi, konsolidat (% tal-PDG)	46.8	58.7	55.9	51.1	49.7	.	.	.
li minnhom dejn korporattiv mhux finanzjarju, konsolidat (% tal-	91.1	100.6	77.4	70.4	68.8	.	.	.
Dejn mhux produttiv gross (% tal-istrumenti tad-dejn totali u self u avvanzi totali) (2)	1.7	1.6	2.7	2.4	2.0	.	.	.
Korporazzjonijiet, self nett (+) jew teħid ta' self nett (−) (% tal-PDG)	.	.	.	.	.	.	.	.
Korporazzjonijiet, surplus operattiv gross (% tal-PDG)	.	.	.	.	.	.	.	.
Unitajiet domestiċi, self nett (+) jew teħid ta' self nett (-) (% tal-PDG)	.	.	.	.	.	.	.	.
Indiċi tal-prezz tad-djar deflatat (sena-sena)	13.5	-0.7	1.5	4.8	4.1	.	.	.
Investiment residenzali (% tal-PDG)	6.9	3.9	2.6	3.5	4.7	.	.	.
Bilanċ tal-kont kurrenti (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-4.7	-2.2	4.6	3.4	10.4	12.3	11.2	10.6
Bilanċ kummerċjali (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti	-1.6	1.4	8.4	11.6	19.5	.	.	.
It-termini tal-kummerċ ta' oġġetti u servizzi (sena-sena)	0.1	0.0	0.4	0.2	0.6	0.0	0.2	0.1
Bilanċ tal-kont kapitali (% tal-PDG)	2.3	1.3	1.7	0.4	0.6	.	.	.
Pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (% tal-PDG)	30.7	11.0	36.0	36.2	66.2	.	.	.
NIIP eskluż strumenti mhux inadempjenti (% tal-PDG) (1)	87.2	172.6	211.7	208.0	245.4	.	.	.
Obbligazzjonijiet tal-IIP minbarra strumenti mhux inadempjenti (% tal-	454.5	713.5	631.6	456.3	419.6	.	.	.
Prestazzjoni tal-esportazzjoni vs. pajjiżi avvanzati (bidla f'% fuq 5	.	36.9	3.2	6.3	19.2	.	.	.
Sehem mis-suq tal-esportazzjoni, il-prodotti u s-servizzi (sena-sena)	.	.	1.2	7.8	-0.4	.	.	.
Flussi netti tal-IDB (% tal-PDG)	-155.4	-79.2	-88.1	-80.2	-80.9	.	.	.
Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PDG)	-2.9	-3.1	-1.7	0.9	3.5	1.3	1.2	0.7
Bilanċ strutturali tal-bagit (% tal-PDG)	.	.	-2.4	0.3	3.1	0.8	0.9	0.9
Dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)	67.2	67.1	63.6	56.3	50.9	47.9	44.8	42.1
Proporzjon ta' taxxa/PDG (%) (3)	33.0	33.4	33.2	32.6	33.4	33.6	33.7	33.8
Rata tat-taxxa għal persuna waħedha li taqla' l-paga medja (%)	17.9	17.5	19.4	.	.	.	.	.
Rata tat-taxxa għal persuna waħedha li taqla' 50 % tal-paga medja	8.3	8.6	10.0	.	.	.	.	.

(1) NIIP bl-esklużjoni tal-investiment dirett u l-ishma ta' ekwità tal-portafoll
(2) Gruppi bankarji domestiċi u banek indipendenti, sussidjari kkontrollati minn pajjiżi barranin, tal-UE u mhux tal-UE, kif ukoll fergħat ikkontrollati minn pajjiżi barranin, mhux tal-UE.
(3) L-indikatur tat-taxxa mal-PDG jinkludi stima tal-kontribuzzjonijiet soċjali u għalhekk huwa differenti mill-indikatur tat-taxxa mal-PDG użat fit-taqsima dwar it-taxxa.
Sors: L-Eurostat u l-BĊE fil-31-1-2019, fejn disponibbli; Il-Kummissjoni Ewropea għaċ-ċifri tat-tbassir (it-tbassir tax-xitwa 2019 għall-PDG reali u l-HICP, fil-każijiet l-oħra t-tbassir tal-ħarifa 2018)

2. IL-PROGRESS FEJN JIDĦLU R-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻ

Sa mill-bidu tas-Semestru Ewropew fl-2011, 82 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-pajjiżi kollha indirizzati lil Malta rreġistraw għallinqas 'xi progress'. Fi 18% fil-mija minnhom kien hemm progress "limitat", jew ma kien hemm "l-ebda progress" (ara l-Grafika 2.1). Inkiseb progress sostanzjali u implimentazzjoni sħiħa fil-qasam tal-politika fiskali u tal-governanza fiskali kif ukoll f'ċerti oqsma tas-suq tax-xogħol. Oqsma oħra fejn sar progress sostanzjali kienu l-ambjent tan-negozju u s-settur tal-enerġija.

Grafika 2.1: **Implimentazzjoni pluriennali kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet bejn l-2011 u l-2018, sa issa**



* L-evalwazzjoni kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż marbuta mal-politika fiskali teskludi l-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
** Il-valutazzjoni pluriennali tas-CSR tħares lejn l-implimentazzjoni sar-Rapport tal-pajjiż tal-2019 minn meta s-CSRs ġew adottati għall-ewwel darba.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-finanzi pubbliċi tjiebu. Id-defiċit tal-bażit kien fuq medja ta 3,2 % tal-PDG fl-2004-2012. Mill-2013 'l quddiem kien hemm tkomplija tat-titjib fis-sitwazzjoni bażitarja, u dan wassal għal surplus fil-bażit ta' 3,5 % tal-PDG fl-2017. L-objettiv fuq perjodu medju ta' żmien intlaħaq tliet snin qabel iż-żmien u d-dejn tal-gvern naqas taħt il-limitu ta' 60 % tal-PDG. It-titjib fil-pożizzjoni fiskali kien ir-riżultat tal-miżuri bażitarji implimentati f'dawn l-aħħar snin, it-tkabbir robust fid-dħul sostnut minn kundizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli u t-tisħiħ tal-qafas fiskali. B'kuntrast, sar progress limitat fit-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

Minkejja l-progress sostanzjali fid-diversifikazzjoni tat-taħlita enerġetika, id-dipendenza fuq il-prodotti taż-żejt għadha għolja. It-tlestija tal-interkonnettur tal-elettriku mal-Italja u l-gassifikazzjoni li għaddejja tal-impjanti tal-enerġija ta' Malta jirrappreżentaw passi importanti 'l quddiem. Madankollu, il-progress għadu limitat fejn jidħlu l-effiċjenza enerġetika, il-produzzjoni minn sorsi rinnovabbli u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-kisba tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-UE 2020 tidher f'riskju. Il-promozzjoni tal-enerġija solari u l-użu tal-bijofjuwils ippermettew żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija, iżda hemm nuqqas ta' investiment ulterjuri fis-setturi differenti. Barra minn hekk, il-pajjiż ma għandux strateġija ċara biex jindirizza l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li qed jiżdiedu tiegħu.

Saru sforzi biex jiġu indirizzati ċerti aspetti tal-ambjent tan-negozju, iżda l-impatt tagħhom jidher li għadu limitat jew diffiċli biex jiġi vvalutat. L-implimentazzjoni ta' riformi ġudizzjarji fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, kummerċjali u amministrattiva għadha għaddejja. Għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Madankollu, għad hemm nuqqasijiet fl-indipendenza tal-ġudikatura. Ir-riforma tal-2017 tal-qafas tal-insolvenza hija mistennija li tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż u t-tul tal-proċeduri rilevanti, iżda jidher li għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tagħha. B'mod ġenerali, il-miżuri ta' politika implimentati biex itejbu l-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju u ffinanzjati permezz tal-fondi tal-UE jidhru adegwati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-intrapriżi. L-iskemi ta' finanzjament li se jiġu ġestiti mill-Bank Malti għall-Iżvilupp huma mistennija jipprovdu rispons strutturali għan-nuqqasijiet ta' finanzjament ta' proġetti aktar riskjuži. Min-naħa l-oħra, il-finanzjament ibbażat fuq is-suq għadu mhux sfruttat biżżejjed mill-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju.

Sar xi progress fit-titjib tal-iżvilupp tal-kapital uman u ż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Ir-riformi "Make Work Pay" u tal-pensjonijiet għenu biex tiżdied il-provvista tal-ħaddiema. In-nisa f'impjieg qed jiżdiedu għalkemm għad hemm distakk kbir fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa, u l-estensjoni tal-ħajja tax-

Tabella 2.1: **Valutazzjoni annwali tas-CSRs tal-2018**

Malta	**Valutazzjoni kumplessiva tal-progress bis-CSR 2018: progress limitat**
RSP 1: *Jissaħħaħ il-qafas ta' governanza ġenerali billi tittejjeb is-superviżjoni nazzjonali ta' negozji finanzjarji orjentati internazzjonalment b'liċenzja f'Malta, billi tiżgura l-infurzar effettiv tal-qafas Kontra l-Ħasil tal-Flus u billi tkompli tintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.*	**Progress limitat** dwar it-tisħiħ tal-qafas ta' governanza ġenerali.
RSP 2: *Tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjoni, inkluż billi tiġi miżjuda l-età statutorja tal-irtirar u billi jiġi ristrett l-irtirar kmieni.*	**Progress limitat** fl-iżgurar tas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjoni.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

xogħol u r-riformi biex jiġu attirati ħaddiema aktar avvanzati fl-età qed jibdew jagħtu l-frott. Ġew stabbiliti għadd ta' riformi fl-edukazzjoni u l-ħiliet biex jindirizzaw l-isfidi tal-kapital uman, iżda l-impatt tagħhom għadu ma seħħx. It-tluq bikri mill-iskola naqas b'mod konsiderevoli iżda għadu għoli u l-eżiti edukattivi huma influwenzati ħafna mill-isfond soċjoekonomiku, it-tip ta' skola u l-istatus ta' diżabilità. Il-parteċipazzjoni ta' dawk b'ħiliet baxxi fit-tagħlim għall-adulti hija baxxa. L-isforzi biex jiġi żgurat li n-nies ikollhom il-ħiliet meħtieġa biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u aktar ċirkolari għadhom limitati.

Malta għamlet progress limitat ([8]) fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2018 (ara t-Tabella 2.1). Kien hemm progress limitat fit-tisħiħ tal-qafas globali ta' governanza permezz tat-tisħiħ tas-sorveljanza nazzjonali ta' intrapriżi finanzjarji orjentati internazzjonalment liċenzjati f'Malta, billi tiżgura l-infurzar effettiv tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus u billi tkompli ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. B'mod partikolari, ittieħdet xi azzjoni biex tittejjeb il-kapaċità superviżorja u l-prestazzjoni tar-regolatur finanzjarju. Madankollu, ma ttieħdu l-ebda passi sinifikanti biex jissaħħaħ l-infurzar tal-qafas kontra l-korruzzjoni. Il-progress f'dan il-qasam jgħin ukoll biex jiġu indirizzati kwistjonijiet mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 għaż-żona tal-euro dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-kwalità tal-istituzzjonijiet. L-awtoritajiet Maltin għamlu progress limitat fl-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa u tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż billi tgħolli l-età statutorja tal-irtirar u billi tillimita l-irtirar antiċipat. Għad mhuwiex ċar kif il-miżuri meħuda se jaffettwaw il-prospetti fit-tul tas-sostenibbiltà fiskali (ara l-Anness A).

([8]) Informazzjoni dwar il-livell ta' progress u l-azzjonijiet li ttieħdu biex tiġi indirizzata l-konsulenza dwar il-politiki f'kull subtaqsima rispettiva tar-RSP hija ppreżentata fit-Tabella Sommarja fl-Anness. Din l-evalwazzjoni kumplessiva ma tinkludix evalwazzjoni tal-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Kaxxa 2.1: **Il-fondi u l-programmi tal-UE jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi strutturali u biex jitrawmu t-tkabbir u l-kompetittività f'Malta**

Malta se tirċievi sa EUR 828 miljun sal-2020 permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE), li jirrappreżentaw 1,1 % tal-PDG annwali matul l-2014-2020. L-ammont totali ta' finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni huwa ta' EUR 727 miljun. Sal-31.12.2018, ġew allokati EUR 689 miljun (97,3 % tat-total) għal proġetti konkreti. F'dan il-kuntest, aktar minn 2 900 kumpanija rċevew appoġġ għal investiment produttiv ġdid, 11 300 persuna bbenefikaw minn miżuri ta' taħriġ u appoġġ u huwa mistenni li jinħolqu kważi 240 impjieg. EUR 34 miljun se jitwasslu permezz ta' strumenti finanzjarji (żieda ta' aktar minn tliet darbiet meta mqabbla mal-2007-2013). Malta tikkontribwixxi wkoll EUR 15-il miljun għall-inizjattiva tal-SMEs. Mill-EUR 97 miljun li Malta tirċievi mingħand il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), EUR 57 miljun huma allokati għall-investimenti agrikoli u ambjentali. Il-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew (FMSE) jipprovdi kontribuzzjoni ta' EUR 23 miljun.

Il-Fondi SIE jgħinu biex jiġu indirizzati sfidi strutturali ta' politika u fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs). Il-fondi SIE jikkontribwixxu biex tingħata spinta lill-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u biex tiżdied ir-rata tal-impjiegi. Ġew promossi investimenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u biex tittejjeb is-sistema tal-ġestjoni tal-provvista tal-ilma. Għadd kbir ta' miżuri li ttieħdu b'reazzjoni għall-isfidi ta' Malta u s-CSRs relatati huma kofinanzjati mill-FSE, b'attenzjoni partikolari fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u t-titjib tas-sistema tal-kura tas-saħħa.

Twettqu diġà diversi riformi bħala prekundizzjonijiet għal appoġġ mill-Fondi SIE ([1]). Dawn jinkludu t-traspożizzjoni f'waqtha tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u l-ambjent fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ir-riformi strutturali fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni; l-infrastruttura tat-trasport; l-edukazzjoni; l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali; il-provvista tal-ilma; Tnedew ħafna proġetti biex jistimulaw l-investimenti privati f'oqsma strateġiċi ewlenin, skont l-istrateġija ta' "speċjalizzazzjoni intelliġenti". Dawn ir-riformi ħejjew it-triq għal implimentazzjoni aħjar tal-proġetti kollha ta' investiment pubbliku. Dan l-aħħar ġie inawgurat proġett importanti għat-trasport lokali (il-ġonta tal-Kappara) u tnejn dwar il-wirt kulturali (ir-restawr tat-Teatru Manoel u l-MUZA, il-Mużew tal-Arti).

Il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ tekniku mfassal apposta fuq talba ta' Stat Membru permezz tal-Programm ta' Appoġġ għar-Riformi Strutturali biex tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw riformi li jsostnu t-tkabbir biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-proċess tas-Semestru Ewropew jew riformi nazzjonali oħra. Malta, pereżempju, qed tirċievi appoġġ biex tiżviluppa kapaċità li twettaq reviżjonijiet ta' nfiq. Il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll lill-awtoritajiet biex jimplimentaw bidliet fir-riżorsi umani fl-amministrazzjoni pubblika, jiżviluppaw pjan nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, u jintroduċu l-użu ta' pagamenti elettroniċi fl-ekonomija. Fl-2018, beda x-xogħol fuq it-titjib tal-qafas għall-identifikazzjoni ta' studenti f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola, l-għoti ta' għarfien espert biex jiġu riveduti l-proċessi eżistenti u l-introduzzjoni ta' rakkomandazzjonijiet biex titjieb is-sistema ta' akkwist pubbliku. Jinsabu għaddejjin ukoll miżuri biex tiġi introdotta d-diġitalizzazzjoni fis-settur marittimu Malti.

Il-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) f'Malta jammonta għal EUR 11-il miljun, li huwa mistenni li jixpruna EUR 34 miljun f'investimenti addizzjonali, b'enfasi partikolari fuq l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament tal-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-FEIS, huwa pprovdut appoġġ addizzjonali mill-Bank Ewropew tal-Investiment u mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Eżempji jinkludu proġett sostnut mill-FEIS sa EUR 5 miljun, implimentat minn bank intermedjarju. Dan il-proġett huwa mistenni jixpruna madwar EUR 17-il miljun f'investimenti u huwa mistenni li jippermetti li 12-il SME jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għall-finanzjament. Bħala eżempju ta' finanzjament mill-BEI, ġie pprovdut appoġġ lill-STMicroelectronics biex jinvestu f'attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fir-rigward tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti semikondutturi.

Finanzjament addizzjonali huwa pprovdut taħt Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u fondi oħra ġestiti direttament mill-UE. Fil-qafas tas-sejħiet imnedija fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport l-applikanti Maltin ressqu 14-il proposta eliġibbli; intgħażlu erba' proġetti, u l-benefiċjarji rċevew EUR 45,1 miljun u nvestew EUR 56,9 miljun. L-investimenti totali minn Orizzont 2020 jammontaw għal

EUR 20 miljun, u ġew ippreżentati aktar minn 800 applikazzjoni.

([1]) Qabel ma jiġu adottati programmi, l-Istati Membri huma obbligati li jkunu konformi ma' għadd ta' ħekk imsejħa kundizzjonalitajiet ex-ante, li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet fil-maġġoranza tal-oqsma ta' investiment pubbliku.

3. PRIJORITAJIET TA' RIFORMA

3.1. IL-FINANZI PUBBLIĊI U T-TASSAZZJONI


3.1.1. TASSAZZJONI

Miżuri ta' politika u kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli qed jappoġġaw bilanċ fiskali. Kif deskritt fit-Taqsima 1, fl-2016, Malta mxiet minn pożizzjoni ta' defiċit għal waħda ta' surplus, kemm f'termini nominali kif ukoll f'dawk strutturali. Barra minn dan, il-proporzjon tad-dejn niżel taħt il-limitu tas-60 % tal-PDG fl-2015. Filwaqt li l-bilanċ pożittiv nominali huwa mistenni li jonqos għal 0,7 % fl-2020, il-pożizzjoni fiskali hija mistennija li tibqa' soda fil-futur qrib. Dan it-titjib meta mqabbel mal-2015 huwa r-riżultat kemm tal-miżuri baġitarji implimentati fis-snin riċenti kif ukoll ta' spinta lid-dħul mit-taxxi li ġiet minn kundizzjonijiet makroekonomiċi pożittivi.

Id-dħul mit-taxxi għadu baxx u huwa sensittiv għall-iżviluppi ekonomiċi u politiċi. Fl-2017, Malta kellha proporzjon globali tat-taxxa mal-PDG ta' 31,9 %([9]), li huwa sew taħt il-medja tal-UE ta' 39 % (ara il-Kummissjoni Ewropea, 2019a). Madankollu, is-sehem tad-dħul mit-taxxa tal-kumpaniji ([10]) mid-dħul fiskali totali ta' Malta huwa wieħed mill-ogħla fl-UE (20,3 % kontra medja tal-UE ta' 7 %) u qed jiżdied. Id-dħul mit-taxxa fuq il-konsum huwa biss ftit ogħla mill-medja tal-UE (11,6 % tal-PDG meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 11,1 %). It-taxxi tal-pajjiż fuq ix-xogħol (11,2 % tal-PDG) u l-kontribuzzjonijiet soċjali (5,3 % tal-PDG) huma fost l-aktar baxxi fl-UE (19,4 % tal-PDG u 12,2 % tal-PDG, rispettivament) (ara l-Grafika 3.1.1). Minħabba li t-taxxi fuq l-introjtu tal-kapital u tan-negozji huma volatili fuq iċ-ċiklu tan-negozji, id-dipendenza qawwija fuq dawn it-taxxi tagħmel il-pożizzjoni fiskali aktar sensittiva għax-xokkijiet ekonomiċi u/jew għall-żviluppi fil-qafas tat-taxxa korporattiva għall-UE u r-riformi fiskali internazzjonali b'mod aktar wiesa'.

Diversi fatturi huma mistennija li jnaqqsu t-tkabbir tad-dħul fuq perjodu ta' żmien medju. It-tkabbir tad-dħul mit-taxxa huwa mistenni li jonqos minn 11,9 % fl-2017 għal 7,0 % fl-2020, wara l-moderazzjoni fit-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, il-miżuri li jappoġġjaw ix-xiri tal-ewwel u tat-tieni proprjetà residenzjali u t-tnaqqis fit-taxxa diretta (b'mod partikolari r-ribass fuq it-taxxa għall-pensjonanti u għal dawk bi dħul baxx, il-kreditu tat-taxxa għall-edukazzjoni, u l-inċentivi fiskali għall-pensjonijiet privati) huma mistennija li jnaqqsu d-dħul mit-taxxa. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku se tnaqqas id-dħul mill-VAT ([11]) b'0,2 % tal-PDG. Fl-aħħar nett, id-dħul marbut mal-Programm tal-Investitur Individwali huwa mistenni li jinżel mill-quċċata tiegħu tal-2017 għal 1,5 % tal-PDG fl-2018, u jistabbilizza f'madwar 0,9 % tal-PDG fl-2019.

Grafika 3.1.1: **Dħul tat-taxxa skont il-funzjoni ekonomika fl-2017, Malta u l-UE**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

([9]) Il-proporzjon tat-taxxa mal-PDG ivarja mit-Tabella 1.1 peress li l-kontribuzzjonijiet soċjali reali volontarji mhumiex inklużi.

([10]) Ma tinkludix dħul minn stokks kapitali.

([11]) Il-miżura tirreferi għat-telf ta' kummissjoni mill-Mini One Stop Shop (MOSS), skont id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1042/2013. Il-MOSS daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015 u ħa post dik li kienet il-VAT fuq is-servizzi elettroniċi. Dan jippermetti lill-persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi tax-xandir tat-televiżjoni u tar-radju u servizzi fornuti b'mod elettroniku lil persuni mhux taxxabbli fl-Istati Membri li fihom ma jkollhomx stabbiliment biex jagħtu kont għall-VAT dovuta fuq dawk il-provvisti permezz ta' portal web fl-Istat Membru li fih ikunu identifikati. Il-VAT miġbura eventwalment tintbagħat lill-Istat Membru fejn ix-xiri jiġi effettwat waqt li perċentwal minnu jinżamm mill-Istat Membru. Mill-2019, il-VAT kollha miġbura se tiġi ttrasferita u mhux se jinżamm aktar rikavat minn din l-iskema.

Flussi għolja ta' kapital, flimkien man-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq pagamenti ta' royalties, dividendi u imgħax, jistgħu jkunu indikazzjoni li r-regoli tat-taxxa qed jintużaw fi strutturi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. L-attività ekonomika li qed isseħħ f'Malta tispjega biss parzjalment l-istokk għoli tal-investiment dirett barrani 'l ġewwa u 'l barra tal-pajjiż (IHS, 2018). Barra minn hekk, "Entitajiet bi Skop Speċjali" għad għandhom maġġoranza kbira tal-investiment dirett barrani u hemm livell għoli ta' pagamenti ta' dividendi u royalties bħala perċentwal tal-PDG (Kummissjoni Ewropea 2018c). In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq il-pagamenti diretti 'l barra ta' dividendi, imgħaxijiet u royalties li jsir mill-kumpaniji bbażati Malta jista' jwassal biex dawk il-pagamenti jaħarbu għal kollox mit-taxxa, jekk ma jkunux suġġetti għat-taxxa fil-pajjiż li jirċevihom. Id-dispożizzjonijiet eżistenti fit-trattati bilaterali dwar it-taxxa bejn Malta u pajjiżi oħra flimkien ma' xi karatteristiċi tas-sistema fiskali ta' Malta, fejn kumpanija residenti iżda mhux domiċiljata f'Malta tiġi ntaxxata fuq bażi ta' sors u rimessa ([12]) tista' tintuża għal dak l-iskop. Skont l-informazzjoni disponibbli, Malta qed topera żewġ skemi ta' residenza u ta' ċittadinanza: il-Programm tal-Investitur Individwali u l-Programm tar-Residenza u tal-Viża. Minkejja li dawn il-programmi ma jagħtux awtomatikament ir-residenza għal skopijiet ta' taxxa, jekk ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati, l-introjtu jista' jkun eżenti skont is-sistema 'non-dom' (jekk l-introjtu ma jiġix rimess lejn Malta) mingħajr rekwiżiti sostanzjali ta' preżenza fiżika. Id-dokumentazzjoni u l-istatus taħt dawn l-iskemi jistgħu jiffaċilitaw prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa u ġew elenkati mill-OECD bħala li għandhom riskju potenzjalment għoli li jiġu użati ħażin biex jiġi evitat l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji billi jiġi ffaċilitat il-ħabi tal-ġuriżdizzjonijiet reali ta' residenza, u b'hekk tiġi evitata t-tassazzjoni b'mod effettiv. Fl-aħħar nett, filwaqt li t-Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali introdott fl-2018 (il-Kummissjoni Ewropea, 2018c) huwa mistenni li jnaqqas b'mod sinifikanti l-preġudizzju favur id-dejn għoli preċedenti ta' Malta (3,8 % ([13]) fl-2017, l-ogħla fl-UE flimkien ma' Franza, ir-regoli ta' kontra l-abbuż tal-iskema, flimkien mar-rata għolja ta' ritorn u n-natura mhux inkrementali tagħha, jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. Dawn l-elementi kollha ta' hawn fuq jissuġġerixxu li l-kumpaniji u l-individwi jistgħu jwettqu evitar tat-taxxa billi jużaw ir-regoli ta' Malta.

Malta qed taġixxi biex trażżan l-ippjanar aggressiv tat-taxxa permezz tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi Ewropej u internazzjonali li sar qbil fuqhom. F'konformità mal-bqija tal-UE, Malta qed tittrasponi fil-liġi nazzjonali ż-żewġ Direttivi tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Evitar tat-Taxxa. Malta rratifikat il-Konvenzjoni Multilaterali għall-Implimentazzjoni tat-Trattat tat-Taxxa Relatat mal-Miżuri biex jiġu Evitati l-Erożjoni tal-Bażi u ċ-Ċaqliq tal-Profitti f'Diċembru 2018 iżda għamlet riżervi fuq bosta artikoli, għalkemm dawn mhumiex artikoli ta' standards minimi. Ir-riżervi jillimitaw b'mod sinifikanti l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-konvenzjoni multilaterali f'Malta. Ftehim bejn Malta u l-Awtoritajiet Kompetenti ([14]) bejn Malta u l-Irlanda biex jiġi żgurat li t-trattat bilaterali dwar it-taxxa bejn l-Irlanda u Malta ma jintużax għal prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa permezz tal-hekk imsejħa struttura "Single Malt" ġie ppubblikat. It-tlestija tal-fużjoni tad-dipartimenti tad-dħul ([15]) tista' tgħin biex jiżdied il-ġbir tad-dħul u jitnaqqas l-evitar tat-taxxa. Se jkun essenzjali li jiġi vvalutat sa liema livell dawn ir-regoli kontra l-abbuż se jillimitaw l-ambitu għall-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Fl-aħħar nett, bħalma diġà għamlu Stati Membri oħra tal-UE, Malta qiegħda fil-proċess li timmodifika s-sistema tal-inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi skont l-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. Madankollu, il-kaxxa tal-privattivi attwali hija soġġetta għal klawżola ta' anterjorità li se ddum sa Ġunju 2021.

([12]) Dan jirreferi b'mod partikolari għall-hekk-imsejħa struttura 'Single Malt': arranġament tat-taxxa li jikkonsisti f'li kumpanija tkun irreġistrata f'pajjiż partikolari iżda mmaniġġjata minn Malta. Jekk kumpanija tuża s-'Single Malt', il-profitti tagħha, abbażi tar-regola tie breaker f'għadd ta' konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja, jiġu ntaxxati f'Malta (fejn ir-rata tat-taxxa korporattiva effettiva fuq id-dħul barrani tista' tkun bejn 0 u 5 %).

([13]) Is-sistema ta' l-imputazzjoni sħiħa ta' Malta setgħet pattiet parzjalment għall-preġudizzju tad-dejn korporattiv tagħha tal-2017.

([14]) Il-ftehim għandu l-għan li jiżgura li l-kumpaniji ma jkunux jistgħu jużaw it-trattat bilaterali dwar it-taxxa bejn l-Irlanda u Malta għall-istruttura "Single Malt".

([15]) Id-Dipartimenti tat-Taxxa Interna, tal-VAT u tad-Dwana, bil-parteċipazzjoni tal-Unità għall-Konformità Fiskali.

Id-distakki tal-konformità mal-VAT ta' Malta qed ikomplu jonqsu. Fl-2015, tnaqqis sinifikanti fid-diskrepanza tal-VAT ([16]) f'Malta rriżulta mir-riklassifikazzjoni statistika tal-inputs (minn mhux deduċibbli għal deduċibbli) għas-settur finanzjarju. Dan naqqas l-obbligazzjoni teoretika totali stmata tat-taxxa tal-VAT mill-konsum intermedju tas-settur finanzjarju minn EUR 209 miljun għal EUR 12-il miljun, li wassal għal tnaqqis fid-diskrepanza tal-VAT ta' Malta fl-2015 ([17]) minn 22,9 % għal 3,4 %. Fl-2016, id-distakk tal-VAT tal-pajjiż kompla jonqos għal 2,7 % (CASE u IAS, 2018), b'mod sinifikanti taħt il-medja tal-UE (ta' 12,3 %).

Is-sistema tat-taxxa tal-proprjetà jidher li tista' titjieb fl-effiċjenza. Fl-2017, it-taxxi fuq il-proprjetà immobbli kienu jirrappreżentaw 3,5 % tad-dħul totali mit-taxxa f'Malta meta mqabbla ma' 6,6 % fl-UE. Din id-differenza hija esklussivament minħabba li Malta, flimkien mal-Kroazja, huma l-uniċi Stati Membri tal-UE li ma għandhomx taxxa rikorrenti fuq il-proprjetà immobbli, għalkemm Malta għandha taxxa fuq it-tranżazzjonijiet fuq il-proprjetà immobbli. Fir-rigward ta' din tal-aħħar, Malta daħħlet dħul mit-taxxa fuq il-proprjetà li kien jammonta għal 1,1 % tal-PDG fl-2017 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 2,6 %. Taxxa fuq il-proprjetà rikorrenti mfassla tajjeb ma tkunx ta' detriment għat-tkabbir daqs taxxi oħra (il-Kummissjoni Ewropea, 2018d) u hija prevedibbli ħafna. Flimkien mat-tneħħija tal-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet, tista' offri potenzjal biex jiġu limitati ċ-ċikli ta' "boom and bust" fil-prezzijiet tad-djar, billi jnaqqas iż-żidiet eċċessivi fil-prezzijiet fil-fażi tat-tkabbir potenzjali (ara wkoll it-Taqsima 3.2).

3.1.2. QAFAS FISKALI

Il-qafas fiskali huwa robust u ħafna prattiki ta' trasparenza fiskali huma sodi. Il-finanzi pubbliċi bbenefikaw mit-tisħiħ tal-qafas fiskali minħabba l-Att tar-Responsabbiltà Fiskali fl-2014. Element ewlieni kien il-ħolqien tal-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta, li ngħata mandat wiesa', u l-kontribut tiegħu għad-dibattitu pubbliku dwar l-iżviluppi fiskali. Ir-rapporti fiskali issa jkopru l-entitajiet kollha tal-amministrazzjoni pubblika u huma ppubblikati b'mod frekwenti u bla dewmien. Id-dokumentazzjoni tal-baġit tipprovdi perspettiva fuq perjodu ta' żmien medju għall-ippjanar fiskali u objettivi ċari tal-politika fiskali huma inkorporati fil-leġiżlazzjoni. Il-gvern jiddivulga u jivvaluta r-riskji makroekonomiċi għall-prospetti fiskali u jirrapporta dwar ir-riskji għall-portafoll tad-dejn tal-gvern, pereżempju fil-Programm ta' Stabbiltà u l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni Ewropea. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, il-Bank Ċentrali u d-Dipartiment tat-Teżor jirrappurtaw ukoll dwar dawn ir-riskji. Dawn l-elementi pożittivi huma rikonoxxuti wkoll mir-rapport ta' Evalwazzjoni dwar it-Trasparenza Fiskali tal-FMI għal Malta (FMI, 2018) ([18]).

Filwaqt li hija b'saħħitha b'mod ġenerali, it-trasparenza fiskali tista' tittejjeb aktar. Kif enfasizzat mill-FMI, bħalissa ma hemm l-ebda rapport fiskali li jipprovdi stampa kkonsolidata tal-prestazzjoni tas-settur tal-korporazzjonijiet pubbliċi u l-infiq tat-taxxa mhuwiex rrappurtat b'mod komprensiv. Ma jingħata l-ebda dettall sħiħ dwar il-prestazzjoni ta' entitajiet differenti tal-baġit jew dwar id-dħul u n-nefqa ta' unitajiet ekstrabaġitarji ([19]) u ta' proġetti ta' investiment pubbliku. Id-diskussjoni dwar ir-riskji għall-previżjoni fiskali ppreżentata f'diversi rapporti attwalment tiffoka fuq ir-riskji li jirriżultaw mill-ambjent makroekonomiku.

L-implimentazzjoni tal-analiżijiet tan-nefqa għadha għaddejja. Mill-2014, l-awtoritajiet wettqu numru ta' rieżamijiet tan-nefqa, li jkopru fost l-oħrajn is-sigurtà soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni (inkluż il-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija). Ir-rapporti ppubblikati inkludew rakkomandazzjonijiet, li xi whud minnhom diġà ġew implimentati u xi whud qegħdin fil-proċess li jiġu implimentati. Fil-bidu

([16]) Id-diskrepanza tal-VAT hija d-differenza bejn l-ammont ta' taxxa li attwalment tinġabar u l-obbligazzjoni teoretika netta għall-VAT tal-ekonomija, taħt is-sistema kurrenti tal-VAT tal-pajjiż.

([17]) Id-diskrepanza tal-VAT hija d-differenza bejn l-ammont ta' taxxa li attwalment tinġabar u l-obbligazzjoni teoretika netta għall-VAT tal-ekonomija, taħt is-sistema kurrenti tal-VAT tal-pajjiż.

([18]) Ir-rapport sab li Malta tissodisfa l-istandard ta' prattika tajba jew prattika ta' livell avvanzat għal 21 minn 35 prinċipju fil-Kodiċi ta' Trasparenza Fiskali tal-FMI, u l-prattika bażika fuq 12-il prinċipju ieħor.

([19]) L-unitajiet ekstrabaġitarji konsistentement żdiedu fl-importanza f'dawn l-aħħar snin, parzjalment minħabba r-rikavat tal-Programm tal-Investitur Individwali għall-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp u Soċjali.

tal-2018 ġiet konkluża analiżi addizzjonali tal-Unità tal-Maniġment u tal-Effiċjenza fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Fl-2018, ġie stabbilit Direttorat fid-Diviżjoni tal-Affarijiet Baġitarji fil-Ministeru tal-Finanzi li ngħata l-inkarigu li jippjana u jikkoordina l-analiżijiet f'kollaborazzjoni mal-ministeri, id-dipartiment, l-entitajiet jew iċ-ċentri tal-ispejjeż rispettivi, kif meħtieġ. Tfasslu abbozzi ta' linji gwida operazzjonali u ġie stabbilit programm ta' taħriġ. Madwar 50 uffiċjal minn ministeri varji, inkluż il-Ministeru tal-Finanzi, se jirċievu t-taħriġ sal-ewwel kwart tal-2019.

3.1.3. ANALIŻI TAS-SOSTENIBILITÀ TAD-DEJN U TAR-RISKJI FISKALI

Fuq medda qasira u medja ta' żmien, Malta qed tiffaċċja riskji ta' sostenibbiltà fiskali baxxi. Kif muri mill-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn kif ukoll mill-indikaturi tas-sostenibbiltà fiskali fuq terminu qasir u medju S0 u S1 ([20]), Malta ma tiffaċċjax riskji fiskali sinifikanti fil-futur qrib (il-Kummissjoni Ewropea, 2019b u l-Anness B). Il-livell baxx tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika, fil-livell ta' 51 % tal-PDG fl-2017, u l-bilanċi favorevoli fil-bilanċ nominali rreġistrati mill-2016'l hawn jgħinu jispjegaw dawn ir-riżultati.

Is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi għadha sfida, l-aktar minħabba t-tixjiħ. Il-pajjiż huwa mistenni li jiffaċċja waħda mill-akbar żidiet fl-UE fl-ispejjeż marbutin mal-età sal-2070 b'6,9 pp tal-PDG (il-Kummissjoni Ewropea, 2018e). Dan huwa xprunat min-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet (2,9 pp tal-PDG) u n-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u fuq il-kura fit-tul (4,1 pp tal-PDG). B'riżultat ta' dan, l-indikatur tad-distakk fis-sostenibbiltà S2 ([21]) (3,3 punti perċentwali tal-PDG) jindika riskji ta' sostenibbiltà fiskali medji għal Malta fuq terminu twil.

([20]) L-indikatur S0 għandu l-għan li jipprovdi identifikazzjoni bikrija ta' stress fiskali li jirriżulta minn riskji sa sena waħda bil-quddiem, bl-użu tal-qawwa tas-sinjalar tal-komponenti tiegħu. L-indikatur S1 ikejjel l-aġġustament fiskali meħtieġ bejn l-2021 u l-2025 biex il-proporzjon tad-dejn pubbliku jinżel għal 60 % tal-PDG sal-2033.

([21]) L-indikatur S2 juri l-aġġustament għall-bilanċ strutturali primarju attwali meħtieġ biex tiġi sodisfatta r-restrizzjoni inter-temporali tal-baġit, inkluż il-ħlas għal kwalunkwe nefqa addizzjonali li tirriżulta minn popolazzjoni li qed tixjieħ.

Sistema tal-pensjoni

Filwaqt li l-azzjoni ta' politika fil-qasam tal-pensjoni tipprova ttejjeb l-adegwatezza u s-sostenibbiltà, l-impatt fuq din tal-aħħar sa issa huwa limitat. Fl-2018 ġie stabbilit Grupp ta' Strateġija tal-Pensjonijiet. Huwa mistenni rapport sa Diċembru 2020, li jiddeskrivi r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, l-isforzi qed ikomplu jiddiversifikaw l-introjtu tal-irtirar u jnaqqsu d-dipendenza fuq il-pensjonijiet tal-istat. Il-baġit tal-2019 isaħħaħ l-inċentivi fiskali għat-tfaddil privat għall-pensjonijiet u l-pensjonijiet volontarji tal-irtirar okkupazzjonali. Miżuri oħra jikkomplementaw l-isforzi li jinsabu għaddejjin biex tiżdied il-provvista tax-xogħol u jiġu estiżi l-ħajjiet tax-xogħol, b'impatt pożittiv fuq ir-rati tal-impjiegi għal ħaddiema akbar fl-età. L-ewwel valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' dawn l-inizjattivi tindika impatt żgħir jew l-ebda impatt fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tindika li possibbilment dawn iżidu l-introjtu mhux tal-pensjoni. Barra minn hekk, huwa diffiċli li wieħed ibassar l-impatt tal-flussi riċenti ta' migrazzjoni fuq il-finanzjament u n-nefqa tal-protezzjoni soċjali fuq medda twila ta' żmien, u dan jeħtieġ monitoraġġ mill-qrib.

Is-sistema tas-saħħa u tal-kura għat-tul

Fatturi demografiċi u mhux demografiċi huma mistennija li jżidu n-nefqa fuq is-saħħa. Minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni, in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa hija mistennija li tiżdied b' 2,7 pp tal-PDG bejn l-2016-2070, sostanzjalment ogħla mit-tkabbir previst fl-UE ta' 0,9 pps tal-PDG. Meta jitqies l-impatt ta' fatturi mhux demografiċi fuq l-infiq futur, in-nefqa fuq il-kura tas-saħħa hija mistennija li tiżdied b'4,3 pps. tal-PDG sal-2070 (UE: 1,6 pp.) (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018e).

L-istennija tal-għomor qed tiżdied, u dan jirrifletti investimenti fid-disponibbiltà u l-kwalità tal-kura. Il-popolazzjoni Maltija tgawdi waħda mill-ogħla aspettativi tal-għomor fl-UE, 82,6 sena fl-2016. F'dawn l-aħħar ħames snin, l-istennija tal-għomor żdiedet b'1,7 sena, id-doppju taż-żieda medja fl-UE. Din iż-żieda hija spjegata minn tnaqqis sinifikanti fir-rata ta' mortalità mill-mard tas-sistema ċirkolatorja (li issa huma konformi mal-medja tal-UE) u fil-mortalità

amenabbli (li issa hija taħt il-medja tal-UE). Dan jirrifletti titjib sostanzjali fil-kwalità u d-disponibbiltà tal-kura. Fl-2017, aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni rrappurtaw li kienu f'saħħithom, ogħla mill-medja tal-UE (68 %). Madankollu, minkejja l-isforzi biex tippromwovi stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u tnaqqas l-inċidenza tal-mard kroniku, Malta għad għandha waħda mill-ogħla rati ta' obeżità fl-UE għall-adulti u t-tfal.

Is-servizzi tal-kura tas-saħħa huma aċċessibbli b'mod wiesa'. 0,4 % tal-popolazzjoni biss irrappurtat bżonnijiet mhux issodisfati għall-kura medika fl-2017 (UE: 2,9 %), b'varjazzjonijiet negliġibbli bbażati fuq l-istatus soċjoekonomiku. Livell għoli ta' użu volontarju ta' servizzi tal-kura pprovduti minn tobba tas-settur privat jispjega s-sehem relattivament għoli ta' nfiq mill-but f'Malta (27 % vs. EU: 15 %) (OECD, 2017). Filwaqt li dan il-livell għoli ta' nefqa fuq is-saħħa privata jippreżenta kuntrast qawwi mal-livell baxx ta' ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura, ma jidhirx li joħloq ostaklu sinifikanti għall-aċċess għall-kura f'Malta. In-nefqa mill-but tidher li hija prinċipalment xprunata minn preferenzi soċjetali u nfiq fuq farmaċewtiċi mhux koperti mis-sistema pubblika, li għalihom hemm fis-seħħ miżuri li jipproteġu unitajiet domestiċi bi dħul baxx.

Il-ħinijiet ta' stennija tjiebu iżda għadhom ta' sfida fit-tul għal ċerti speċjalitajiet. Għalkemm saret taħlita ta' investimenti li għandhom l-għan li jsaħħu l-attività tal-isptarijiet u l-proċeduri ta' esternalizzazzjoni fis-settur privat, il-ħinijiet ta' stennija għal ċerti speċjalizzazzjonijiet fiż-żjarat tal-pazjenti esterni fl-Isptar Mater Dei huma twal u qegħdin jitwalu (NAO, 2017). Iż-żmien medju ta' stennija għall-ewwel appuntament għall-pazjenti esterni kien ta' aktar minn 250 jum fl-2016, b'*data* aktar riċenti li turi li minn Marzu 2018, iż-żmien ta' stennija żdied għal 278 jum (ESPN, 2018). Filwaqt li l-pjanijiet attwali biex tiġi estiża l-kapaċità tal-kura tal-pazjenti esterni fl-isptarijiet pubbliċi jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat il-ħin ta' stennija, miżuri oħra biex jitnaqqsu r-riferimenti bla bżonn għall-ispeċjalisti u jiġi ridirett l-użu mhux xieraq tal-kura ta' emerġenza lejn il-kura tal-pazjenti esterni jistgħu jinkludu: a) it-tisħiħ tal-ambitu tal-forniment tas-servizz u tal-awtorità ta' preskrizzjoni tat-tobba ġeneralisti; b) il-koordinazzjoni aħjar tal-kura fl-isptar u dik tal-pazjenti esterni, u c) aktar miżuri vinkolanti li jidderieġu mill-ġdid l-użu mhux xieraq tal-kura ta' emerġenza għall-kura outpatient. Azzjoni permezz ta' din it-taħlita ta' lievi ta' politika tista' tgħin b'mod effettiv biex tqassar iż-żmien ta' stennija għall-kura ta' speċjalisti għall-pazjenti esterni u ttejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tas-saħħa.

L-investimenti fl-infrastruttura tal-kura primarja mexjin 'il quddiem. Id-deċentralizzazzjoni tas-servizzi mill-isptarijiet għal-livell tal-kura primarja qed tkompli, b'kunċett ġdid għal ċentri tal-kura primarja u investimenti biex gradwalment jiġi estiż l-użu tas-saħħa elettronika. Il-kapaċità ta' kura riabilitattiva u ġerjatrika se tiżdied permezz ta' sħubija pubblika-privata bejn il-gvern u operatur privat tal-isptar, li tipprevedi t-tiġdid, l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' tliet sptarijiet pubbliċi f'Malta u f'Għawdex. Fid-dawl ta' din il-bidla ta' responsabbiltà għall-investiment kapitali, se jkun importanti li jiġi skrutinizzat kif l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva se taffettwa l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-kura, kif ukoll is-sostenibbiltà fiskali fit-tul.

In-nefqa fuq il-kura fit-tul hija kkonċentrata fuq il-kura istituzzjonali. L-infiq pubbliku fuq il-kura fit-tul fl-2016 kien jirrappreżenta 0,9 % tal-PDG, taħt il-medja tal-UE (1,6 %); dan jintefaq primarjament fuq il-kura istituzzjonali. In-nefqa pubblika fuq is-servizzi ta' kura fid-djar kienet tammonta għal 12 % biss tan-nefqa pubblika totali fuq il-kura fit-tul fl-2016, (medja tal-UE ta' 28 %) (il-Kummissjoni Ewropea, 2018f). B'riżultat tad-domanda dejjem tikber għall-kura fit-tul, ġew introdotti tipi ġodda ta' servizzi ta' kura fil-komunità u fid-djar fl-2017-2018, li jistgħu jgħinu biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali tal-għoti tal-kura fit-tul. L-appoġġ għall-indukraturi informali jinkludi taħlita ta' benefiċċji fi flus, liv għall-kura u servizzi ta' serħan ipprovduti permezz tas-servizzi tal-komunità u l-"Unità tal-Kura Komunitarja" ([22]). Madankollu, is-servizzi ta' serħan huma limitati u diffiċli biex jinkisbu għal dawk li jieħdu ħsieb l-anzjani, u dan jirrestrinġi l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jagħtu l-kura b'mod informali. Barra minn hekk, l-appoġġ għal persuni b'indebolimenti mentali huwa limitat.

([22]) Dan jikkonsisti minn infermiera, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, ħaddiema soċjali u carers li jipprovdu servizzi lil klijenti li ma jistgħux joħorġu mid-dar.

3.2. IS-SETTUR FINANZJARJU

3.2.1. L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA

Il-banek domestiċi ewlenin komplew itejbu l-pożizzjoni kapitali u l-proporzjon ta' ingranaġġ tagħhom. Matul l-ewwel nofs tal-2018, il-banek domestiċi ewlenin, jiġifieri l-banek li prinċipalment joffru servizzi lill-klijenti f'Malta, saħħew il-bażi kapitali tagħhom permezz ta' qligħ miżmum u injezzjonijiet ta' kapital. Dan wassal biex it-total tal-fondi proprji tagħhom żdied bi 5,7 % sa Ġunju 2018 u l-proporzjon ta' kapital totali laħaq is-17 %. Dan kien rifless f'kapital tal-Grad 1 ogħla (+ 4,2 %) u l-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1 tjieb b' 0,1 pp għal 15,2 %,'il fuq sew mir-rekwiżiti regolatorji minimi. Il-pożizzjoni kapitali msaħħa kienet akkumpanjata wkoll minn proporzjon ta' ingranaġġ aktar b'saħħtu, li żdied għal 7,1 %, sostanzjalment ogħla mir-rekwiżit minimu ta' 3 %.

Il-profitti tal-banek domestiċi jibqgħu konformi mal-pari tagħhom fiż-żona tal-euro. Fl-2017 u fl-ewwel nofs tal-2018, il-banek domestiċi ewlenin kellhom profitti aktar baxxi minħabba li kien hemm żieda fil-provvedimenti. Meta jsir aġġustament għal avvenimenti ta' darba fl-2016-2017 ([23]), il-profitti kienu jiżdiedu bi 12 %. B'riżultat ta' dan, il-profittabbiltà tal-banek domestiċi ewlenin baqgħet 'il fuq minn dik tal-pari fiż-żona tal-euro. Wara l-impenn estensiv fl-attivitajiet ta' intermedjazzjoni finanzjarja ([24]), fl-2017, l-introjtu mill-imgħax nett (NII) żdied b'4,1 % (bis-sehem tiegħu fl-introjtu gross jaqbeż is-70 %) u kompla jiżdied bi 3,5 % fl-ewwel nofs tal-2018. Sadanittant, id-dħul mhux mill-imgħax relatat ma' attivitajiet mhux ta' intermedjazzjoni naqas b'mod sostanzjali (bi 18,8 % fl-2017 u b'1,6 % fl-ewwel kwart tal-2018). Il-proporzjon bejn il-kost operattiv u d-dħul żdied sostanzjalment sa Ġunju 2018, u laħaq id-69,6 % (żieda ta' 12,6 pp mill-2017), li jirrifletti l-provvedimenti li saru minn bank wieħed. Minbarra din l-operazzjoni, il-proporzjon kien jibqa' kważi stabbli (fil-livell ta' 56 %) u l-banek domestiċi ewlenin kienu jibqgħu aktar effiċjenti minn banek żgħar oħra fiż-żona tal-euro jew fl-istess livell tagħhom.

Id-dinamiżmu tas-settur tal-kostruzzjoni huwa rifless fit-tkabbir qawwi tas-self. Il-kreditu għar-residenti aċċellera fl-ewwel nofs tal-2018, immexxi kemm minn unitajiet domestiċi kif ukoll minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji. It-tkabbir fis-self ipotekarju lill-unitajiet domestiċi naqas iżda baqa' b'saħħtu (bi 8,2 %) fl-ewwel nofs tal-2018. Ipoteki mogħtija b'rati varjabbli jistgħu joħolqu sfidi għal dawk li jissellfu ladarba r-rati tal-imgħax jiżdiedu. Madankollu, l-affidabbiltà kreditizja tal-unitajiet domestiċi baqgħet b'saħħitha appoġġata mill-ġid finanzjarju nett robust tagħhom li kien aktar minn tliet darbiet daqs id-dejn tagħhom ([25]). It-tkabbir fis-self tal-banek lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji wera sinjali ta' rkupru u żdied f'Ġunju 2018 (+5,6 %).

Tabella 3.2.1: **Indikaturi tas-sodezza finanzjarja, il-banek domestiċi ewlenin (%)**

	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018H1
Self improduttiv	7.0	7.1	7.8	9.0	7.6	7.2	5.4	4.1	4.2
Self improduttiv NFC	-	-	-	-	16.5	16.5	12.8	10.5	10.8
Self improduttiv HH	-	-	-	-	4.9	4.6	4.2	3.4	3.7
Proporzjon ta' kopertura	34.3	35.5	37.6	39.1	40.4	43.5	45.9	45.2	43.5
Proporzjon tas-self mad-depożitu (klijen	72.8	74.1	72.1	67.8	64.0	58.2	56.0	58.9	61.1
Proporzjon tal-Grad 1	11.4	11.8	12.1	12.9	11.5	12.2	13.6	15.2	15.3
Proporzjon tal-kapital totali	14.8	15.5	16.1	16.5	14.4	15.0	16.2	17.3	17.0
ROA - Profitt wara t-taxxa*	0.9	0.8	0.9	0.9	0.7	0.7	0.8	0.7	0.6
ROE - Profitt wara t-taxxa (minbarra ferg	13.4	11.8	12.1	11.9	9.8	9.8	10.1	9.2	7.6

Għall-finijiet tal-kompatibilità, iċ-ċifri ta' Ġunju 2018 huma bbażati fuq il-moving sum tar-raba' kwart taċ-ċifri tal-fluss
Sors: Il-Bank Ċentrali ta' Malta

L-aċċess għall-finanzi għadu ta' sfida għal ċerti SMEs. L-aċċess għall-finanzi sar inqas ta' tħassib matul iż-żmien, iżda xorta jista' jkun diffiċli għal kumpaniji innovattivi mingħajr kollateral u jista' jirrappreżenta ostaklu għall-investiment fit-tul (BEI, 2017; BĊM, 2017). F'kuntest ta' tnaqqis ta' dipendenza fuq is-self mill-banek minn kumpaniji multinazzjonali (ara t-Taqsima 1), il-finanzjament bankarju jibqa' l-mezz preferut għal 74 % tal-SMEs.

Qed isehh titjib żgħir f'termini ta' aċċess għas-suq kapitali. Il-kompożizzjoni tad-dejn korporattiv inbidlet maż-żmien, u l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji qed jitbiegħdu bilmod mill-kreditu bankarju għas-self fi ħdan il-grupp. Il-Borża ta' Malta, f'konformità mal-Pjan Strateġiku Nazzjonali tas-Swieq Kapitali, qed tippromwovi r-rwol (li għadu limitat) tal-ħruġ ta' bonds korporattivi u l-espansjoni tal-użu tiegħu

([23]) Dawn jinkludu l-bejgħ tal-linja ta' negozju ta' Visa Inc. fl-2016 flimkien ma' proviżjonar akbar għar-rimedjazzjoni tal-brokerage u ftehim kollettiv minn bank fl-2016 u sa ċertu punt inqas fl-2017.

([24]) Ir-rata medja tal-imgħax fuq id-depożiti waqgħet b'rata aktar mgħaġġla minn dik fuq is-self, u dan irriżulta fi twessigħ marġinali tal-marġni.

([25]) F'Ġunju 2018, il-ġid finanzjarju nett tal-unitajiet domestiċi kien ta' 155,4 % tal-PDG, imqabbel ma' dejn tal-unitajiet domestiċi ta' 48,7 % tal-PDG. Il-ġid finanzjarju tal-unitajiet domestiċi huwa fil-biċċa l-kbira f'assi li jikkonsistu fi flus jew kważi flus.

saħansitra għall-SMEs. Proġett wieħed huwa l-Prospetti tal-SMEs, li jippermetti lill-SMEs jiġbru l-kapital billi joħorġu bonds jew ekwità mingħajr il-ħtieġa għal rekwiżiti stretti ta' kollateral jew daqs minimu tal-offerti pubbliċi inizjali. Għal suċċess fit-tul, huwa essenzjali li l-klijenti finali jkunu konxji mir-riskji relatati. In-numru ta' kumpaniji mhux finanzjarji li ħarġu bonds fil-Borża ta' Malta żdied minn 18 fl-2013 għal 42 f'Settembru 2018, bid-dejn pendenti jiżdied b'madwar 134 %. Madankollu, il-ħruġ tal-Prospetti jirrappreżenta biss madwar 2,5 % tal-bonds korporattivi (mhux bankarji) totali pendenti.

Minkejja regoli superviżorji ġodda, is-self improduttiv żdied kemm kemm minħabba l-esponiment għall-unitajiet domestiċi u għal dawk mhux residenti. Is-self improduttiv (NPL) għall-banek domestiċi żdied kemxejn għal 4,2 % f'Ġunju 2018, bil-proporzjon attwali ta' kopertura, li jirrappreżenta provvedimenti fis-self improduttiv totali, fil-livell ta' 43,5 % f'Q2 2018. Iż-żieda marġinali fis-self improduttiv kienet immexxija mis-settur tal-unitajiet domestiċi. Is-self improduttiv korporattiv residenti baqa' stabbli filwaqt li s-self improduttiv domestiku tal-unitajiet domestiċi residenti żdied minħabba proporzjon ogħla ta' self improduttiv tal-kreditu tal-konsumatur, parzjalment attribwibbli għall-introduzzjoni tal-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju 9.

Is-settur tal-assigurazzjoni huwa espost għal riskji ta' superviżjoni passiva, fejn il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri domestiċi u dawk esterni hija essenzjali. B'kuntrast mas-settur bankarju, is-sussidjarji fis-settur tal-assigurazzjoni huma soġġetti għas-superviżjoni tad-djar, jiġifieri l-kumpaniji tal-assigurazzjoni rreġistrati f'Malta u n-negozju ta' kitba f'pajjiżi oħra huma taħt is-superviżjoni diretta tar-regolatur Malti. Għadd kbir ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni huma rreġistrati biss f'Malta iżda joperaw barra minn pajjiżhom, l-aktar fl-UE. Dan in-numru żdied aktar fl-2017 u gruppi ta' assigurazzjoni ressqu l-kwartieri ġenerali għal Malta. Fi tmiem l-2017, mit-63 kumpanija tal-assigurazzjoni domiċiljati f'Malta, kien hemm biss 8 li ssottoskrivew riskji fil-pajjiż. Min-naħa l-oħra, 95 % tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u 93 % tan-negozju tal-ħajja rreġistrati f'Malta kienu sottoskritti f'pajjiż barrani. Madankollu, il-kapaċità superviżorja sa issa għadha ma ġietx imsaħħa biżżejjed. Il-kumplessità tal-mudelli tan-negozju u l-prodotti tal-assigurazzjoni b'żieda fl-aptit biex jiġu stabbiliti u estiżi vetturi speċjalizzati tal-assigurazzjoni jeħtieġu superviżjoni stretta, peress li jeħtieġ li tiġi eżaminata aktar l-implimentazzjoni konkreta tal-attività superviżorja l-ġdida skont ir-reġimi tas-Solvenza II.

Il-kapaċità superviżorja qed titjieb iżda r-riskji u l-isfidi qed jiżdiedu wkoll. L-Awtorità Superviżorja Finanzjarja ta' Malta (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità") tinsab taħt pressjoni minn diversi direzzjonijiet: a) in-numru għoli ta' istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin; B) sfidi ġodda marbuta mal-isforzi internazzjonali biex tiżdied l-effettività tas-superviżjoni; u c) sfidi ġodda relatati ma' liċenzji addizzjonali li għandhom jingħataw fil-qasam kriptomonetarju. Il-kapaċità tal-persunal, il-ħiliet u t-teknoloġija disponibbli, li jeħtieġu investiment konsiderevoli, jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-awtorità biex tiġi żgurata superviżjoni xierqa. Xi passi diġà ttieħdu (ara t-Taqsima 3.2.2). B'mod partikolari, ir-reklutaġġ żdied, parzjalment minn pajjiżi barranin. Il-forza tax-xogħol mistennija tikber tul it-tliet snin li ġejjin biex tkopri n-nuqqasijiet attwali fir-riżorsi u tkopri t-tkabbir futur (li jirriżulta f'150 post vakanti). Biex jattiraw il-persunal, il-pakketti ta' rimunerazzjoni jridu jikkompetu ma' dawk offruti minn setturi oħra (jiġifieri, il-logħob tal-azzard, is-servizzi finanzjarji privati u s-setturi tas-servizzi professjonali u ta' appoġġ). L-awtorità qed toffri wkoll taħriġ kontinwu u intensiv lill-persunal tagħha, anke fi programmi internazzjonali, biex tlaħħaq mal-evoluzzjoni tas-swieq finanzjarji u ta' direttivi ġodda.

3.2.2. IL-ĠLIEDA KONTRA L-ĦASIL TAL-FLUS

investigazzjonijiet riċenti li jinvolvu l-ħasil tal-flus esponew nuqqasijiet serji fil-qafas tal-infurzar ta' Malta. Fil-5 ta' Novembru 2018, wara l-proposta tal-awtorità (tat-30 ta' Ġunju 2018) lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-BĊE ddeċieda li jirtira l-liċenzja bankarja ta' Pilatus Bank. F'Ottubru 2018, l-awtorità ordnat lil bank internazzjonali żgħir ieħor, biex iżomm lura minn kull tip ta' operazzjoni kummerċjali. L-awtorità talbet lil kumpanija tal-awditjar biex jieħdu kontroll tal-assi u tan-negozju tal-bank. Dawn il-miżuri ttieħdu wara spezzjoni konġunta mill-

awtorità u l-Unità ta' Analiżi tal-Intelligence Finanzjarja (Financial Intelligence Analysis Unit), is-superviżur ta' Malta kontra l-ħasil tal-flus (anti-money laundering), sabet għadd ta' nuqqasijiet fil-proċeduri tal-bank.

Il-Kummissjoni Ewropea qed tirrikjedi li s-superviżur tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus isaħħaħ is-superviżjoni tal-banek. Fil-11 ta' Lulju 2018, wara talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) ikkonkludiet li l-Unità tal-Analiżi tal-Intelliġenza Finanzjarja kienet kisret il-liġi tal-Unjoni u ħarġet Rakkomandazzjoni. Hija qieset li Malta naqset milli twettaq superviżjoni b'mod korrett fuq Pilatus Bank u milli tiżgura l-konformità mar-regoli ta' kontra l-ħasil tal-flus. Fit-8 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-EBA u filwaqt li rrikonoxxiet il-miżuri adottati minn Malta biex tindirizza xi wħud min-nuqqasijiet identifikati, il-Kummissjoni Ewropea adottat opinjoni (il-Kummissjoni Ewropea, 2018g). L-opinjoni tirrikjedi li l-Unità tal-Analiżi tal-Intelliġenza Finanzjarja tieħu miżuri addizzjonali biex tikkonforma b'mod sħiħ mal-obbligu tagħha skont ir-Raba' Direttiva ta' Kontra l-Ħasil tal-Flus li b'mod effettiv tissorvelja l-istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż reġim effettiv ta' sanzjonar.

Malta bħalissa qed twettaq titjib fil-kapaċità tagħha biex twettaq superviżjoni dwar il-konformità mar-regoli ta' kontra l-ħasil tal-flus. Wara li wettqu Valutazzjoni Nazzjonali tar-Riskju biex jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet prinċipali u d-dgħufijiet istituzzjonali, f'April 2018 l-awtoritajiet adottaw strateġija integrata biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus u jiġġieldu kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Din l-istrateġija għandha tiġi implimentata fit-tliet snin li ġejjin. Il-miżuri implimentati dan l-aħħar jinkludu: a) it-twaqqif ta' Kumitat Nazzjonali ta' Koordinazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, magħmul minn rappreżentanti mill-gvern u mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti; c) iż-żieda fir-riżorsi fl-Unità tal-Kriminalità Ekonomika tal-Pulizija. u c) il-bidu ta' proċess biex jiġu rieżaminati l-proċeduri ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' persuni esposti politikament. Barra minn hekk, ġie stabbilit memorandum ta' ftehim bejn l-awtorità u l-Unità tal-Analiżi tal-Intelliġenza Finanzjarja sabiex jiġu kkoordinati u integrati aħjar l-isforzi tagħhom ([26]). Dan jinkludi tim konġunt u l-koordinazzjoni tal-fażijiet kollha tas-superviżjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Inizjattivi oħra jinkludu investiment f'għodod ta' ġestjoni tal-għarfien avvanzati, informazzjoni dwar in-negozju, għodod teknoloġiċi regolatorji u ta' superviżjoni u programmi ta' taħriġ. L-Unità tal-Analiżi tal-Intelliġenza Finanzjarja rċeviet riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali u qed tirrevedi l-proċeduri tagħha biex tiżgura superviżjoni effettiva.

Filwaqt li ħafna mill-ispezzjonijiet fuq il-post isibu ksur, rari jiġu imposti sanzjonijiet. Fl-2017, l-għadd totali ta' spezzjonijiet fuq il-post tal-entitajiet tas-settur finanzjarju li jinvolvu kwistjonijiet rilevanti kien simili għall-2016 (22 vs 23 fl-2016). *Data* preliminari għall-ewwel tliet xhur tal-2018 tindika tnaqqis. Mit-22 spezzjoni fuq il-post li twettqu, instabu 21 ksur (19 minn 23 fl-2016). Fl-2017 nħarġu biss żewġ multi u twissija bil-miktub waħda (fl-2016: multa u tliet twissijiet bil-miktub).

Iż-żieda fl-ispejjeż tal-konformità u fir-riskji għar-reputazzjoni jistgħu jkunu ta' sfida biex jinżammu r-relazzjonijiet kummerċjali mal-banek korrispondenti. Iż-żamma ta' relazzjoni b'saħħithom għat-tranżazzjonijiet internazzjonali ma' banek korrispondenti qed issir dejjem aktar diffiċli, speċjalment għal ġuriżdizzjonijiet iżgħar, peress li l-banek globali qed jiżnu l-ispejjeż ta' konformità li qed jogħlew tagħhom kontra l-profitti potenzjali minn din l-attività. Xi wħud mill-banek ta' Malta qed isibuha dejjem aktar ta' sfida biex jikklirjaw it-tranżazzjonijiet tad-dollaru Amerikan. Filwaqt li l-banek f'Malta qed jirrappurtaw li nstabu arranġamenti alternattivi u li żviluppaw relazzjonijiet ġodda ma' istituzzjonijiet globali, iż-żamma ta' relazzjonijiet ta' korrispondent tibqa' kruċjali.

Id-daqs tas-settur tal-logħob, l-isforzi biex jiġu attirati operaturi tal-kriptomuniti u l-Programm tal-Investitur Individwali jippreżentaw sfidi addizzjonali għall-qafas ta' kontra l-ħasil tal-flus. Malta tospita waħda mill-


([26]) Il-Memorandum ta' Qbil bejn l-MFSA u l-FIAU daħal fis-seħħ fl-20 ta' Awwissu 2018. Dan isaħħaħ il-bażi għal kooperazzjoni superviżorja, assistenza reċiproka, skambju ta' informazzjoni, kooperazzjoni tad-diliġenza dovuta u sanzjonijiet fil-qasam tal-AML/CFT.

ogħla konċentrazzjonijiet ta' detenturi tal-liċenzji tal-logħob onlajn fl-UE (ara wkoll it-Taqsima 3.4.2). Barra minn hekk, Malta għandha l-għan li tistabbilixxi lilha nnifisha bħala mexxejja fl-użu ta' teknoloġiji ta' reġistru distribwit bħall-blockchain, fejn l-iskambju kriptomonetarju huwa wieħed mill-aktar applikazzjonijiet importanti (ara wkoll it-Taqsima 3.4.2). Jekk din l-inizjattiva tkun ta' suċċess, hija tirriżulta f'numru korrispondenti ta' applikazzjonijiet għal-liċenzi li għandhom jiġu trattati mill-awtorità. Barra minn hekk, peress li dawk is-setturi huma kkunsidrati bħala partikolarment vulnerabbli għal prattiki ta' ħasil tal-flus, l-importanza dejjem tikber tagħhom titlob standards għoljin fil-qafas regolatorju.

3.2.3. IS-SUQ TAL-AKKOMODAZZJONI

Il-prezzijiet tad-djar komplew jiżdiedu iżda r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja relatati mal-proprjetà immobbli għadhom taħt kontroll. Fl-2017, il-prezzijiet tad-djar komplew jikbru b'aktar minn 5 % għat-tielet sena konsekuttiva (5,6 % fl-ewwel nofs tal-2018), għalkemm qed jonqsu gradwalment u b'xi differenzjazzjoni reġjonali (PwC, 2018). Madankollu, id-*data* tingħabar skont l-unità tal-akkomodazzjoni irrispettivament mid-daqs u l-evidenza aneddotali li tindika li d-daqs tal-abitazzjonijiet qiegħed jonqos. Dan jista' jimplika żieda akbar fil-prezz tal-proprjetà għal kull metru kwadru. Diversi fatturi, bħal attività ekonomika b'saħħitha u kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, investiment fil-proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti u rati baxxi tal-imgħax, qed jixprunaw it-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar (il-Kummissjoni Ewropea, 2018c), f'kuntest fejn ma hemmx taxxa rikorrenti fuq il-proprjetà immobbli (ara t-Taqsima 3.1). Skont il-parametri referenzjarji tal-valutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar tal-Kummissjoni, hemm sinjali mħallta fir-rigward tal-possibilità ta' valutazzjoni żejda. Id-diskrepanza ġenerali tal-valwazzjoni kienet kemxejn pożittiva fl-2017 u l-proporzjon ta' prezzijiet relattiv għall-introjtu baqa' qrib il-medja storika (ara l-Grafika 3.2.1). Għalhekk, filwaqt li r-riskji ġenerali għall-istabbiltà finanzjarja mill-proprjetà immobbli għadhom imrażżna fil-mument, jekk ix-xejriet riċenti jkomplu, dawn jistgħu jwasslu għal żbilanċi makrofinanzjarji potenzjali.

Grafika 3.2.1: **Diskrepanza fil-valwazzjoni tal-prezzijiet tad-djar**




Sors: Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea

Id-dinamiżmu tas-suq tal-akkomodazzjoni huwa rifless ukoll fiż-żieda fl-attività tal-kostruzzjoni. Iż-żieda fil-prezzijiet tad-djar inkoraġġiet l-investiment fl-akkomodazzjoni. Fl-2017, il-kostruzzjoni residenzjali żdiedet b'47 % (l-ogħla aċċellerazzjoni fl-UE), u laħqet l-4,8 % tal-PDG. L-għadd ta' permessi għall-bini kompla jiżdied fl-ewwel nofs tal-2018 u aċċellera bil-qawwa fil-Q2-2018 (+75,7 % sena fuq sena). Din l-aċċellerazzjoni tissuġġerixxi li l-provvista qed issibha diffiċli biex tlaħħaq mad-domanda. Bħala riżultat, id-dinamiżmu tas-suq tad-djar, rifless ukoll fit-tkabbir robust tas-self, x'aktarx li jkompli fil-futur qarib. Dan huwa wkoll grazzi għall-miżuri baġitarji tal-2019, li estendew it-tnaqqis tat-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet għax-xerrejja tal-proprjetà tal-ewwel u tat-tieni darba.

Id-domanda għal unitajiet tal-kiri żdiedet b'mod sinifikanti u kien hemm sejħiet għal skrutinju regolatorju akbar. Is-suq tal-kiri qed jikber, prinċipalment minħabba ż-żieda fl-barranin, in-nies separati u ż-żgħażagħ li jikru. B'riżultat ta' dan, f'ċerti żoni, il-biċċa l-kbira tal-proprjetajiet jinbiegħu bħala investimenti għall-kiri. Skont l-Istatistika Ewropea dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien, matul l-2017, madwar 82 % tal-familji f'Malta kienu sidien ta' proprjetà,'il fuq mill-medja tal-UE ta' 70 %, 4,6 % kienu qed jgħixu fi djar tal-gvern mikrija u 13,5 % kienu qed jikru mingħand is-settur privat. Is-sehem

tal-unitajiet domestiċi li jikru bi prezzijiet tas-suq qed jiżdied, iżda għadu taħt il-medja tal-UE (20,5 %). Madankollu, l-affordabbiltà tal-kiri għal persuni inqas vantaġġati hija dejjem aktar ta' tħassib (ara t-Taqsima 3.3.3). F'Ottubru 2018, il-gvern nieda white paper biex jirregola s-suq tal-kiri. Hija tipproponi kuntratti aktar fit-tul, ir-reġistrazzjoni obbligatorja tal-kuntratti tal-kiri u perjodu ta' avviż meta s-sid ikun irid itemm kuntratt ta' kera, bl-Awtorità tad-Djar inkarigata li tissorvelja s-suq tal-kiri u li tinforza r-regolamentazzjoni tal-kiri. Il-baġit tal-2019 ippropona wkoll miżuri li jappoġġjaw l-akkomodazzjoni mikrija privata ([27]). Wieħed għad irid jara jekk dawn il-miżuri humiex se jkunu biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi tas-suq tal-kiri ta' Malta.

Graff 3.2.2: **Investiment reżidenzjali u permessi tal-bini**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

([27]) L-iskema l-ġdida għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet tal-kiri billi tagħti għajnuna ta' bejn EUR 3,000 u EUR 5,000 fis-sena skont iċ-ċirkostanzi tal-unità domestika.

3.3. IS-SUQ TAX-XOGĦOL, L-EDUKAZZJONI U L-POLITIKI SOĊJALI

3.3.1. IS-SUQ TAX-XOGĦOL

Is-suq tax-xogħol ta' Malta qed ikompli jaħdem tajjeb, b'mod konsistenti ma' tkabbir ekonomiku b'saħħtu. Matul dawn l-għaxar snin, Malta kellha l-ikbar żieda fir-rata tal-impjiegi (b'13,8 pp għal 73 %) fl-UE, u qabżet il-mira tagħha għall-2020 u l-medja tal-UE (72,1 %). Ir-rata ta' attività (75,8 %) żdiedet iżda għadha taħt il-medja tal-UE (78 %). Ir-rata tal-qgħad (4 %) hija ferm inqas mill-medja tal-UE, inkluż għaż-żgħażagħ (15-24, 10,6 %) u għall-qgħad fit-tul (1,6 %).

Ir-riformi kkontribwixxew għal dawn l-eżiti pożittivi tas-suq tax-xogħol. Ir-riformi strutturali mwettqa minn Malta matul l-għaxar snin kienu ambizzjużi. Ir-riformi "Make Work Pay" u fil-qasam tal-pensjonijiet notevolment tejbu l-funzjonament tas-suq tax-xogħol u żiedu l-provvista tax-xogħol. Fl-istess ħin, l-impatt tar-riformi tal-edukazzjoni u tal-ħiliet biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-kapital uman, li saru bl-użu ta' fondi nazzjonali u tal-UE, għad irid jimmaterjalizza b'mod sħiħ. Ir-riformi huma appoġġjati minn djalogu soċjali tripartitiku b'saħħtu fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Filwaqt li l-attività ekonomika ta' suċċess tipprovdi opportunità għas-soċjetà, mhux il-gruppi kollha bbenefikaw bl-istess mod. Ir-riżultati jvarjaw ħafna minn grupp għall-ieħor: id-disparità fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa għadha l-akbar waħda fl-UE u d-differenza fil-pagi qed tikber, u l-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabilità u ta' ħaddiema akbar fl-età hija fost l-aktar baxxi fl-UE. L-inattività hija għolja u d-dipendenza demografika hija projettata li tiżdied b'mod aktar qawwi milli fi Stati Membri oħra tal-UE. Il-politiki biex jiġu indirizzati l-isfidi persistenti tat-tluq bikri mill-iskola u l-parteċipazzjoni baxxa tal-adulti fl-edukazzjoni jeħtieġu spinta jekk iridu jkollhom impatt fuq l-għadd kbir ta' persuni fl-età tax-xogħol b'livell baxx ta' ħiliet.

In-nuqqas ta' ħaddiema fis-setturi u l-impjiegi kompla jiżdied. Fl-2017, 38,4 % tal-impjegaturi fis-settur tal-industrija, il-kostruzzjoni u s-servizzi ([28]) iddikjaraw li n-nuqqas ta' ħaddiema llimita l-produzzjoni tagħhom. Dan is-sehem huwa wieħed mill-ogħla fl-UE u żdied b'mod sostanzjali mill-2013. Opportunitajiet ġodda ta' impjieg komplew jiżdiedu b'mod ġenerali, speċjalment fl-okkupazzjonijiet tas-servizzi u l-bejgħ u f'impjiegi elementari (18 %) (Jobsplus, 2019). Hemm nuqqas ta' ħiliet billi l-impjegaturi qed jirrappurtaw diffikultajiet biex isibu persuni b'ħiliet għolja b'mod partikolari fil-kura tas-saħħa, fil-finanzi u fl-ICT, filwaqt li huwa wkoll diffiċli biex jimtlew il-postijiet vakanti fl-appoġġ klerikali, fis-servizz u fil-bejgħ u għall-operaturi tal-magni u dawk li jimmuntaw.

Malta kellha l-ogħla żieda fl-impjiegi tan-nisa f'dawn l-aħħar għaxar snin iżda d-disparità fl-impjiegi hija l-akbar waħda fl-UE. L-impjieg tan-nisa fost dawk bejn l-20-64-il sena żdied b'21,2 pp mill-2008, kważi sitt darbiet il-livell tat-tkabbir tal-UE (3,6 pp). Minkejja dawn l-avvanzi, ir-rata ta' impjieg tan-nisa (60,6 %) fl-2017 għadha lura meta mqabbla mal-medja tal-UE (66,4 %) u d-differenza bejn is-sessi fl-impjiegi hija l-akbar waħda fl-UE. Ir-rata ta' impjieg tan-nisa taqbeż il-medja tal-UE sal-età ta' 34 sena u tonqos drastikament minn hemm' il quddiem (ara l-Grafika 3.3.1). Żdiedt fil-kuntratti standard (full time u miftuħa) mill-2014, filwaqt li l-impjieg part-time tal-irġiel qed jiżdied bil-mod.

Id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, bħala perċentwal tad-dħul gross medju fis-siegħa tal-irġiel, qed tikber. Id-distakk bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa f'Malta ta' 11 % fl-2016 kienet taħt il-livell tal-UE (16,2 %). Madankollu, filwaqt li l-medja tal-UE naqset kemxejn (0,6 pps) mill-2011, f'Malta din żdiedet bi 3 pps. Id-distakk għall-grupp ta' età bejn l-25 u l-34 sena huwa aktar baxx (9 %) iżda qed jikber (bi 2,9 pp mill-2014).

([28]) Il-medja fuq it-tliet setturi, ponderata bis-sehem tagħhom fl-impjiegi.

Kaxxa 3.3.1: Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni fid-dawl tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa mfassal biex jagħti direzzjoni għal proċess imġedded ta' konverġenza 'l fuq lejn kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol u tal-għajxien fl-Unjoni Ewropea. Huwa jistabbilixxi 20 prinċipju u dritt essenzjali fl-oqsma tal-opportunitajiet indaqs u tal-aċċess għas-suq tax-xogħol; tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; u tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali ([1]).

Malta għandha prestazzjoni relattivament tajba fejn jidħlu l-indikaturi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li tappoġġja l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iżda għad hemm xi sfidi. Ir-rata ta' impjieg hija ogħla mill-mira nazzjonali u l-medja tal-UE u l-qgħad huwa baxx ħafna. Madankollu, Malta għad għandha l-akbar distakk bejn is-sessi fl-impjiegi minkejja avvanzi kbar fl-impjieg tan-nisa. L-iskema tal-kura tat-tfal mingħajr ħlas żiedet b'mod sostanzjali l-parteċipazzjoni formali fil-kura tat-tfal, u dan żied l-impjieg tan-nisa. Madankollu, ir-rata ta' impjieg għan-nisa anzjani għadha baxxa, u dan jirrifletti appoġġ limitat għal dawk li jieħdu ħsieb lil ħaddieħor b'mod informali. L-impjieg ta' persuni b'diżabilità għadu baxx ħafna, flimkien ma' kopertura ta' protezzjoni soċjali limitata.

TABELLA TA' VALUTAZZJONI SOĊJALI GĦAL MALTA		
Opportunitajiet ugwali u aċċess għas-suq tax-xogħol	Persuni li jieqfu mill-edukazzjoni u t-taħriġ qabel iż-żmien (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena)	Dgħajfa imma qed titjieb
	Disparità fir-rata tal-impjiegi bejn in-nisa u l-irġiel	Dgħajfa imma qed titjieb
	Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20)	Aħjar mill-medja
	Fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (f'%)	Aħjar mill-medja
	NEET taż-żgħażagħ (% tal-popolazzjoni totali ta' 15-24 sena)	Medja
Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti	Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena)	Medja
	Rata tal-qgħad (% tal-popolazzjoni ta' 15-74 sena)	Aħjar mill-medja
	Qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni ta' 15-74 sena)	Aħjar mill-medja
	GDHI per capita	N/A
	Qligħ nett ta' ħaddiem waħdu full time li jaqla' l-paga medja	Medja
Protezzjoni soċjali u inklużjoni	Impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar	Medja
	Tfal ta' inqas minn 3 snin f'kura formali tat-tfal	Aħjar mill-medja
	Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika	Aħjar mill-medja
	Livell individwali tal-ħiliet diġitali	Aħjar mill-medja

L-Istati Membri huma kklassifikati skont metodoloġija statistika maqbula mal-Kumitati EMCO u SPC. Il-metodoloġija tħares b'mod konġunt lejn il-livelli u l-bidliet tal-indikaturi meta mqabbla mal-medji rispettivi tal-UE u tikklassifika lill-Istati Membri f'seba' kategoriji (minn "dawk bl-aħjar prestazzjoni" għal "sitwazzjoni kritika"). Pereżempju, pajjiż jista' jiġi mmarkat bħala "aħjar mill-medja" jekk il-livell tal-indikatur ikun qrib il-medja tal-UE, iżda qed jitjieb malajr. Għad-dettalji metodoloġiċi, jekk jogħġbok ikkonsulta l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2019, COM (2018)761 final.
NEET: la fl-impjieg u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ; DGHI: dħul gross disponibbli tal-unità domestika.


Filwaqt li l-indikaturi ġenerali dwar il-prestazzjoni huma tajbin jew qed juru titjib, l-ugwaljanza fl-opportunitajiet tidher partikolarment problematika. Ir-riżultati f'diversi dimensjonijiet tal-Pilastru huma dejjem aktar polarizzati għal gruppi aktar żvantaġġati. In-nisa fid-dinja tax-xogħol qed jiżdiedu, iżda daqstant ieħor qed tiżdied id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. L-aċċess mhux ugwali għall-edukazzjoni ta' kwalità, li joħloq żvantaġġ għall-gruppi soċjoekonomiċi aktar baxxi u għat-tfal b'diżabilità, qed iżid is-sehem għoli ta' dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien u l-kisba ta' ħiliet ġenerali baxxi. Dan jista' jispjega wkoll ir-rata medja relattivament għolja ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ minkejja qgħad baxx. Il-migranti minn pajjiżi mhux tal-UE jesperjenzaw rati ta' faqar ferm ogħla u li qed jikbru minkejja li għandhom livelli ta' edukazzjoni u rati ta' impjieg ogħla. Hemm inċidenza għolja każijiet fejn il-kost tal-kura tas-saħħa jikkawża inugwaljanza fit-tul ta' stennija u d-distakk fis-saħħa awtodikjarata bi status soċjoekonomiku huwa wiesgħa u qed jikber. Għalkemm l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa madwar il-medja tal-UE, xi gruppi għandhom nuqqas ta' aċċess għal skemi kontributorji, pereżempju migranti li jaħdmu.

Il-ħiliet diġitali huma aħjar mill-medja. L-awtorità Maltija tal-Komunikazzjonijiet (MCA) għandha l-għan li tikseb litteriżmu elettroniku mifrux u inklużjoni diġitali, billi ċċaqlaq il-fokus mill-aċċess diġitali għall-użu tal-internet. eSkills Malta Foundation għandha wkoll rwol ewlieni fit-titjib tal-ħiliet diġitali, inkluż billi torganizza sessjonijiet ta' karrieri għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji, u billi tħarreġ lill-għalliema u lill-konsulenti dwar il-karrieri Dawn huma involuti f'diversi inizjattivi tal-UE inkluż il-Proġett SCALE.

([1]) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat fis-17 ta' Novembru 2017 mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea. https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights/european-pillar-social-rights-20-principles_en

Ir-rata ta' attività tan-nisa (25-54) għadha lura b'mod sinifikanti mqabbla mar-rata tal-irġiel. Kien hemm distakk ta' 24,2 pp bejn l-irġiel u n-nisa bejn l-irġiel (96,2 %) u n-nisa fl-2017. Ir-rati ta' attività huma l-ogħla għan-nisa b'livell għoli ta' ħiliet. Madankollu, mill-2008, in-nisa b'livell baxx ta' ħiliet xprunaw iż-żieda sinifikanti fir-rata tal-attività filwaqt li din naqset bi ftit għan-nisa b'livell għoli ta' ħiliet.

Grafika 3.3.1: **Żieda fir-rati tal-impjieg tan-nisa, 2013-2017, Malta u l-UE**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

L-użu tas-servizzi formali tal-kura tat-tfal żdied b'mod sostanzjali, u ffaċilita l-impjieg tan-nisa żgħażagħ. Il-forniment ta' kura tat-tfal b'xejn ikkontribwixxa għaż-żieda qawwija fil-parteċipazzjoni tat-tfal għal 31,3 % fl-2016, minn 17,9 % fl-2015. Dan ikkontribwixxa wkoll għar-rati għolja ta' attività u ta' impjieg tan-nisa żgħażagħ. B'kuntrast, nisa ta' bejn il-35 u l-44 sena għandhom rati ta' inattività komparattivament għolja (28,7 % vs l-UE 18,7 %) u jsemmu "responsabbiltajiet personali u tal-familja" ([29]) bħala l-kawża prinċipali. Dan jindika nuqqas ta' appoġġ adegwat għan-nisa ta' età akbar bħala persuni li jagħtu l-kura b'mod informali.

Ir-rata baxxa ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età hija dovuta l-aktar għar-rata ta' impjieg baxxa ħafna fost in-nisa anzjani f'Malta. Filwaqt li r-rata ta' impjieg għall-irġiel ta' bejn il-55 u l-64 sena hija ferm ogħla mill-medja tal-UE fl-2017, għan-nisa din kienet ta' 29,9 % meta mqabbla ma' 50,8 % fl-UE. Dan huwa aggravat mil-livelli baxxi ta' ħiliet tan-nisa. Madankollu, in-nisa ta' bejn il-50 u l-54 sena f'Malta raw l-akbar żieda fir-rata tal-impjiegi (6,8 pp) fl-UE fl-2017. Dan jenfasizza li r-riformi tal-pensjonijiet qed jibda jkollhom effett iżda li b'mod ġenerali huwa meħtieġ aktar appoġġ fit-titjib tal-ħiliet u għal dawk li jagħtu l-kura b'mod informali.

Ir-rata ta' impjieg ta' nies b'diżabbiltà għadha baxxa. Filwaqt li qiegħda tiżdied, ir-rata ta' impjieg għall-persuni b'diżabilità (29 %) tibqa' waħda mill-aktar baxxi fl-UE. Sa mill-2015, l-isforzi biex titjieb ir-rata kienu diretti prinċipalment lejn l-impjegaturi u kienu jinkludu, pereżempju, taħriġ ta' qabel l-impieg (ANED, 2018). Miżura ġdida mħabbra fil-programm nazzjonali ta' riforma tal-2018 għandha l-għan li tipprovdi inċentivi għall-attività tas-suq tax-xogħol billi tiżgura li l-pensjonijiet tad-diżabilità jkomplu jitħallsu meta persuni b'diżabilità jibdew jaħdmu. Ir-rapport tal-2018 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD, 2018) jirrakkomanda wkoll l-estensjoni tas-sistema tal-kwota għal impjegaturi b'inqas minn 20 impjegat.

Is-sitwazzjoni favorevoli tas-suq tax-xogħol jista' jkun li qed tfixkel l-isforzi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola. Meta mqabbla mal-UE, ir-rati ta' impjieg taż-żgħażagħ (15-24) f'Malta huma għoljin (46,1 %), filwaqt li l-qgħad (10,6 %) u r-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEET), li hija ta' 8,6 %, huma baxxi. Ir-rati għolja ta' impjieg taż-żgħażagħ b'livell baxx ta' ħiliet jistgħu jservu ta' diżinċentiv biex wieħed ikompli jistudja aktar fit-tul, u flimkien ma' parteċipazzjoni baxxa fit-taħriġ matul il-karriera tagħhom, jista' jdgħajjef il-kapital uman tal-pajjiż.

In-nuqqas ta' ħiliet għadu qed jippreżenta sfida għat-tkabbir futur ta' Malta. Id-defiċit tal-kwalifiki ([30]) f'Malta huwa ogħla mill-medja (26 % vs l-UE 22,8 %), wara li żdied bi 3 pp mill-


([29]) Kalkoli proprji bbażati fuq ir-raġunijiet awtodikjarati fl-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE.

([30]) Id-defiċit tal-kwalifiki huwa s-sehem ta' persuni bi kwalifiki baxxi u medji (dawk b'livell ta' edukazzjoni sal-livell sekondarju għoli) li jokkupaw impjiegi li jeħtieġu kwalifiki għoljin (edukazzjoni terzjarja), skont il-klassifikazzjoni tal-okkupazzjonijiet (ISCO) u l-kwalifiki (ISCED) tal-ILO (2007).

2008, filwaqt li naqas fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Dan jirrifletti nuqqas ta' applikanti bil-ħiliet meħtieġa msemmija mill-impjegaturi (56,2 %) fl-Istħarriġ Nazzjonali tal-Ħiliet tal-Impjegati. Peress li t-tkabbir ekonomiku huwa dejjem aktar marbut mal-innovazzjoni, kwalità ogħla u investiment b'valur miżjud fl-aġġornament tal-ħiliet, tal-kwalifiki u tal-edukazzjoni u azzjonijiet speċifiċi biex jiġu integrati ż-żgħażagħ, il-gruppi soċjoekonomiċi aktar baxxi, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni b'diżabilità u l-migranti jibqgħu kruċjali.

Kompliet id-dipendenza fuq il-ħaddiema barranin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Is-sehem ta' ħaddiema barranin żdied b'mod rapidu minn 5,6 % fl-2008 għal 19,2 % fl-2017, u żdied bi 3 pp f'din l-aħħar sena (ara l-Grafika 3.3.2). Aktar minn żewġ terzi (69 %) huma ċittadini tal-UE. Dawn jaħdmu f'servizzi professjonali, xjentifiċi, tekniċi, amministrattivi u ta' appoġġ (22,2 %), il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, it-trasport u l-ħżin (18,3 %), l-arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni (18 %) u l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel (15,7 %). Bħala medja, iċ-ċittadini tal-UE għandhom livell ta' ħiliet ogħla mill-popolazzjoni nattiva.

Graff 3.3.2: **In-numru ta' ħaddiema barranin**




Sors: Malta PES, *data* ta' Joplus.

3.3.2. L-EDUKAZZJONU U L-ĦILIET

L-investiment pubbliku għoli fl-edukazzjoni mhuwiex rifless fir-riżultati edukattivi. In-nefqa tal-gvern fuq l-edukazzjoni fl-2016, bħala proporzjon tal-PDG (5,4 %) u tan-nefqa pubblika totali (14,1 %), hija ferm ogħla mill-medja tal-UE (4,7 % u 10,2 %). Madankollu, il-prestazzjoni tal-istudenti Maltin fil-valutazzjonijiet internazzjonali għadha fqira, b'disparitajiet kbar marbuta mal-isfond soċjoekonomiku u t-tip ta' skola (ara l-Grafika 3.3.3) kif ukoll id-diżabilità.

Il-livelli għolja ta' tluq bikri mill-iskola jista' jkun li qegħdin jillimitaw il-prospetti ta' tkabbir ekonomiku. Fl-2017, ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola fost dawk ta' bejn il-18 u l-24 sena (17,7 %) kienet waħda mill-ogħla fl-UE (10,6 %). Minkejja l-livelli baxxi ta' edukazzjoni tagħhom, ir-rata ta' impjieg fost dawk li jħallu l-iskola kmieni hija l-ogħla fl-UE (71,5 %), u dan jenfasizza li l-opportunitajiet ta' impjieg huma fost il-fatturi li qed jiġbdu l-istudenti mill-iskola. Madankollu, il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni fil-bidu tat-tfulija hija kważi universali għal dawk li għandhom erba' snin (98 % vs 95,3 % tal-UE) u l-proporzjon ta' tfal taħt it-tliet snin fil-kura tat-tfal formali żdied b'mod sinifikanti. L-istandards nazzjonali qed jiġu aġġornati f'konformità mal-Qafas ta' Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal. L-iżgurar ta' indukrar tat-tfal inklużiv b'aċċess għal kulħadd, speċjalment dawk minn sfondi żvantaġġati jew migranti jew bi status soċjoekonomiku aktar baxx jeħtieġ investiment iddedikat. Barra minn hekk, l-integrazzjoni ta' persuni minn sfondi differenti tnaqqas il-lakuni fil-kisbiet u ttejjeb il-prestazzjoni ġenerali tal-edukazzjoni.

Graff 3.3.3: **L-istatus soċjoekonomiku tal-istudenti u l-prestazzjoni tagħhom fix-xjenza, skont l-istatus soċjo-ekonomiku tal-iskejjel**



Skola żvantaġġjata soċjoekonomikament hija waħda li tinsab fit-tieni u t-tielet kwart tad-distribuzzjoni tal-indiċi PISA fil-livell tal-iskejjel tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali f'kull pajjiż/ekonomija.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, *data* tal-OECD

Malta għandha l-għan li tiżviluppa edukazzjoni ċċentrata aktar fuq l-istudenti sabiex tikseb sistema ta' edukazzjoni aktar inklużiva u bi prestazzjoni għolja. Il-Ftehim settorjali kollettiv il-ġdid għall-2018-2022 jinkludi Qafas ġdid tal-Eżiti tat-Tagħlim li għandu jiġi implimentat f'Settembru 2019. Dan jimplika dokumentazzjoni tal-progress tat-tagħlim ta' kull student u huwa mmirat lejn l-istadju ta' żvilupp tal-istudent. Ir-riforma tas-sistema tal-iskejjel sekondarji baxxi, li għandha tiġi implimentata fis-sena skolastika 2019/2020, se tippermetti lill-istudenti jagħżlu bejn suġġetti ġenerali, vokazzjonali jew applikati, lil hinn mill-kurrikulu bażiku, u b'hekk jindirizzaw aħjar il-ħtiġijiet differenti tal-edukazzjoni. L-għan huwa li tiġi indirizzata r-ritenzjoni baxxa tal-iskejjel u li jitnaqqsu d-differenzi fl-eżiti tal-iskola bejn l-istudenti li jattendu skejjel differenti u minn sfondi soċjoekonomiċi differenti. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tiddependi fuq l-iżvilupp ta' programmi ta' tagħlim li effettivament itejbu l-kompetenzi tal-għalliema u jippermettulhom li jissodisfaw il-bżonnijiet il-ġodda tat-tagħlim.

Minkejja t-titjib riċenti, ir-rata ta' kisba ta' edukazzjoni terzjarja għal dawk li għandhom bejn it-30 u l-34 sena għadha waħda mill-aktar baxxi fl-UE. Fl-2017, ir-rata tjiebet b'1,5 pp għal 33,5 % imqabbla ma' medja tal-UE ta' 39,9 %. Ir-rata hija ogħla għan-nisa (35 %) u għall-persuni mwielda barra (39,7 %). Ġew introdotti diversi miżuri biex jitwessa' l-aċċess għal kulħadd, biex u dan żied in-numru ta' reġistrazzjonijiet b'9,5 % mill-2013. Fl-2017, ir-rata ta' impjieg tal-gradwati terzjarji riċenti kienet l-ogħla fl-UE (95,3 % vs 84,9 %). Is-sehem ta' gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija u l-matematika kien, min-naħa l-oħra, wieħed mill-aktar baxxi fl-UE (19,5 % vs 26 % fl-2016). Biex tindirizza aħjar il-ħtiġijiet tal-ħiliet, Malta hija parti mill-istħarriġ pilota Ewropew dwar il-gradwati. Sa tmiem l-2019, dan se jipprovdi valutazzjoni komparattiva tar-riżultati tal-gradwati u kontribut siewi dwar il-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni għolja.

Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għadha baxxa, minkejja l-impjegabbiltà għolja li jiġġeneraw. Ir-rata tal-impjiegi tal-gradwati tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kienet ta' 94 % fl-2017, meta mqabbla ma' 77 % fl-UE. Il-proporzjon ta' studenti tal-iskola sekondarja għolja (ISCED 3) fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali żdied bi ftit minn 12,7 % fl-2015 għal 15,4 % fl-2016, iżda baqa' ferm taħt il-medja tal-UE (49,3 %). L-adozzjoni ġenerali tas-suġġetti tal-ETV fl-iskejjel sekondarji żdiedet minn 327 student fl-2014 għal 2759 fl-2018.

Malta ħadet miżuri biex iżżid l-attrattività tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u ssaħħaħ ir-rwol tagħhom fl-ekosistema ekonomika u tal-innovazzjoni. Ġew introdotti suġġetti vokazzjonali u applikati fl-iskejjel sekondarji, b'żieda ta' aktar minn erba' suġġetti fis-sena skolastika 2019-2020 b'appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). In-numru ta' apprendistati żdied b'100 student, fis-sena akkademika 2017. Barra minn hekk, il-Malta College of Arts, Science and Technology kien involut f'703 sħubija ma' industriji lokali.

Gwida aħjar dwar il-karrieri u korsijiet obbligatorji addizzjonali għandhom l-għan li jappoġġaw l-edukazzjoni ulterjuri. L-iskejjel sekondarji issa għandhom prattikanti ta' gwida u konsulenti dwar il-karrieri kkwalifikati. Huma jistgħu jorganizzaw esperjenza ta' xogħol ta' ġimgħa f'kumpanija għal studenti ta' 15-il sena u sessjonijiet ta' gwida tal-karriera għal studenti ta' 16-il sena. Kreditu ta' taxxa ġdid biex wieħed

isegwi programm ta' studju vokazzjonali huwa disponibbli permezz tal-iskema "Get Qualified". Barra minn hekk, sa mill-2017, l-istudenti post-graduate ta' anqas minn 40 sena huma eżentati mill-ħlas tat-taxxa fuq id-dħul għal sentejn.

Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti qed tiżdied iżda għadha baxxa għal dawk b'ħiliet baxxi. Is-sehem ta' dawk li għandhom bejn it-25 u l-64 sena li ħadu sehem fl-edukazzjoni u t-taħriġ kien ta' 10,6 % fl-2017, u qorob lejn il-medja tal-UE (10,9 %). Madankollu, huwa għadu baxx għal dawk b'ħiliet baxxi (3,7 % vs l-UE 4,2 %), li jirrappreżentaw 49 % tal-popolazzjoni. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tal-adulti minn persuni impjegati hija ftit ogħla mill-medja tal-UE (12,4 % imqabbla ma' 11,6 %) u qed tiżdied, iżda għadha baxxa għal persuni inattivi (5,3 % imqabbla mal-UE 8,6 %).

Il-kontribut ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għat-titjib tal-ħiliet tal-impjegati għadu baxx. Fl-2015, it-taħriġ ipprovdut min-negozji kien taħt il-medja tal-UE (61,6 % vs 72,6 %). Dan kien dovut l-aktar għal parteċipazzjoni baxxa minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Ir-raġunijiet għaliex ma ġiex ipprovdut t-taħriġ kienu jinkludu l-ammont ta' xogħol u r-rata tat-tibdil tal-persunal, peress li 38 % mill-impjegati tas-settur privat jitilqu fi żmien sena. Wara s-suċċess ta' proġett iffinanzjat mill-FSE, Malta nediet l-iskema Ninvestu fil-Ħiliet fl-2017.

Azzjonijiet ġodda għandhom l-għan li jtejbu l-valutazzjoni, il-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet għall-istudenti adulti. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-UE dwar il-Perkorsi tat-Titjib tal-Ħiliet, issa hemm fis-seħħ sistema ta' validazzjoni għas-setturi li ġejjin: il-karozzi, il-bini u l-kostruzzjoni, ix-xagħar u s-sbuħija, is-saħħa u l-kura soċjali, l-isptar, it-turiżmu, u l-istampar u l-midja diġitali. Is-setturi jintgħażlu abbażi ta' riċerka tas-suq u konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Individwi b'minimu ta' tliet snin esperjenza jistgħu japplikaw għall-validazzjoni.

Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi żiedu l-fokus tagħhom fuq il-gwida tal-karriera għal dawk li qed ifittxu x-xogħol. L-Inizjattiva tal-Programm ta' Ħidma u l-Iskema ta' Attivazzjoni tan-NEET II għandhom fil-mira l-persuni qiegħda fit-tul u inattivi u l-konsulenti dwar l-impjieg personali jfasslu l-profil u joħolqu pjanijiet ta' azzjoni individwali. Il-Manwal il-ġdid dwar ix-Xogħol jiddeskrivi r-rekwiżiti okkupazzjonali għall-konsulenti dwar il-karrieri, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-individwi. Madankollu, il-miżuri biex jittejbu l-livelli tal-ħiliet u l-impjegabbiltà huma nieqsa mill-evalwazzjoni, u l-kisba tal-mira tal-2020 ta' livell ta' tagħlim għall-adulti ta' 15 % tibqa' sfida.

Diversi inizjattivi kkontribwew biex jiġu mmappjati u antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet, iżda dawn għadhom frammentati. L-istħarriġ Nazzjonali tal-Impjegati u l-Indiċi tal-Impjegabbiltà estendew il-bażi tal-evidenza dwar in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet. Fl-2017, il-Gvern Malti kkollabora mal-Akkademja Slovakka tax-Xjenzi biex jiżviluppaw mudell ta' ħiliet ta' nofs it-terminu u ta' tbassir okkupazzjonali għal Malta. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) identifika opportunitajiet għall-persuni fil-livelli kollha tal-kwalifiki sal-2030 (Cedefop, 2017). Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet qed ifassal strateġija nazzjonali dwar il-ħiliet, li tidentifika l-ħiliet trasversali individwali li jridu jiġu integrati fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Għad ma hemmx identifikazzjoni sistematika tal-ħiliet biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni għal mudell ta' żvilupp ekonomiku aktar sostenibbli. Għalkemm xi miżuri jappoġġjaw il-forniment ta' taħriġ tekniku u kkwalifikat ħafna fl-istudji ambjentali, tal-inġinerija jew tal-ICT (pereżempju, programmi ta' taħriġ tal-Kulleġġ tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija ta' Malta), dawn huma modesti fl-ambitu u fil-baġit tagħhom. Il-maġġoranza tal-iskemi (pereżempju, appoġġ għall-PhD, l-iskema Get Qualified) huma ġeneriċi u jkun ta' benefiċċju li dawn ikunu mmirati lejn dixxiplini jew setturi speċifiċi. Barra minn hekk, ikun ta' benefiċċju li tissaħħaħ il-koordinazzjoni sistematika bejn il-korpi governattivi differenti dwar din il-kwistjoni.

3.3.3. IL-POLITIKA SOĊJALI

L-indikaturi ewlenin dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali juru li Malta qed tibbenefika minn klima ekonomika li qed tiffjorixxi. Fl-2017, is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali (at risk of poverty and social exclusion, AROPE) naqas minn 20,1 % fl-2008 għal 19,2 %. Madankollu, it-tnaqqis ma kienx

uniformi għall-gruppi kollha. Barra minn hekk, peress li d-dħul mix-xogħol qed jiżdied b'rata aktar mgħaġġla minn dħul ieħor, il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar relattiv (at risk of relative poverty, AROP) qed tiżdied, u laħqet is-16,8 % fl-2017. L-istimi rapidi jindikaw li x-xejra kompliet.

Il-ġenituri waħedhom u l-familji kbar b'mod partikolari għadhom qed jaffaċċjaw diffikultajiet. Għal familji kbar b'żewġ adulti u aktar minn żewġ tfal dipendenti, ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa ta' 38,8 %, 7,5 pp ogħla minn għaxar snin ilu u 9,4 pp ogħla mill-medja tal-UE. B'kuntrast ma' dan, ir-rata ta' faqar għal ġenituri waħedhom naqset b'mod sinifikanti matul l-għaxar snin b'19,3 pp għal 50,2 %, għalkemm għadha 6,1 pp ogħla mill-medja tal-UE.

Ir-riskju ta' faqar għat-tfal għadu sfida. Ir-riskju ta' faqar għat-tfal li l-ġenituri tagħhom qed jaħdmu naqas minn 17,8 % fl-2013 għal 15,3 % fl-2017, u dan jista' jirrifletti ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-ommijiet fis-suq tax-xogħol. Madankollu, it-tfal li l-ġenituri tagħhom għandhom ħiliet baxxi jew medji jiffaċċjaw riskji ta' faqar u esklużjoni soċjali ogħla milli fl-2008. Dan huwa partikolarment importanti, peress li aktar minn tliet kwarti tal-Maltin ta' età bejn il-25 u l-64 sena għandhom livell baxx jew medju ta' ħiliet. Barra minn hekk, dan għandu konsegwenzi negattivi għall-eżiti edukattivi ta' wliedhom.


Ir-riskji tal-faqar u l-esklużjoni soċjali huma għoljin għall-persuni b'diżabilità. Id-differenza fir-rata AROPE bejn persuni b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità f'Malta, li hija ta' 14,9 pp hija 'l fuq sew mill-medja tal-UE (9,2 pp). It-trasferimenti soċjali jimmoderaw ir-riskju ta' faqar aktar milli fi Stati Membri oħra, iżda inqas għal dawk b'diżabilitajiet aktar severi. Fl-2017 il-pensjoni tad-diżabilità għal dawk li ma jistgħux jaħdmu żdiedet. Madankollu, minkejja r-riformi fil-pensjonijiet, l-Allowance għall-Persuni b'Diżabilità Severa teskludi lil gruppi b'indeboliment psikosoċjali, sensorjali u intellettwali sever. Barra minn hekk, l-istħarriġiet eżistenti dwar l-unitajiet domestiċi qed jaqbżu għadd sostanzjali ta' persuni b'diżabilità (ANED, 2018).

Sehem relattivament kbir tal-popolazzjoni huma mwielda barra u qed jiffaċċjaw riskji għolja ta' faqar. Fl-2017, il-popolazzjoni mwielda barra l-pajjiż kienet ta' 15,1 % u maqsuma kważi b'mod indaqs bejn dawk li twieldu barra l-UE (7,8 %) u dawk li twieldu f'pajjiżi oħra tal-UE (7,3 %). Madankollu, dawk li twieldu barra mill-UE jiffaċċjaw riskju ħafna ogħla ta' faqar (28,9 %) minn dak li twieldu fil-pajjiż (15,2 %) minkejja r-rati għolja ta' impjieg tagħhom (73,7 %) u s-sehem ogħla tagħhom ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja (32,7 % v 20,4 % għal dawk li twieldu fil-pajjiż). Dan l-aħħar il-gvern ħa miżuri biex jgħin l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-barranin. Madankollu, iż-żieda qawwija riċenti fil-prezzijiet tad-djar tissuġġerixxi li l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u l-faqar enerġetiku qed isiru dejjem aktar ta' tħassib.

Hemm lakuni fil-forniment tas-sistema tas-sigurtà soċjali Ħaddiema każwali mhumiex koperti minn benefiċċji tal-qgħad jew minn pensjonijiet tax-xjuħija/tas-superstiti (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018h). Il-ħaddiema staġonali ma għandhomx aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad u l-persuni li jaħdmu bi ftehim biex iwettqu impjieg ma għandhomx aċċess formali għall-pensjonijiet tal-anzjanità/tas-superstiti. Xi gruppi fost dawk li jaħdmu għal rashom u l-barranin (minkejja li jikkontribwixxu) huma esklużi mill-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad. Filwaqt li l-adegwatezza tal-benefiċċji tad-dħul minimu f'Malta taqbeż il-medja tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, 2018i; 2018j), l-appoġġ soċjali mill-gvern ma jimmitigax għal kollox ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għall-persuni li jiddependu fuq il-benefiċċji soċjali.

Iż-żieda fil-kirjiet qed taffettwa għadd dejjem jikber ta' familji bi dħul baxx. Is-sehem tan-nies li jikru bi prezzijiet tas-suq żdied, speċjalment fost il-familji bi dħul baxx (10,4 % fl-2017 mqabbla ma' 3,7 % fl-2015). Fl-istess ħin, il-kirjiet tas-suq żdiedu drastikament, u ħolqu diffikultajiet bla preċedent għal għadd dejjem jikber ta' familji biex ikollhom aċċess għal akkomodazzjoni bi prezz li jista' jintlaħaq. Iż-żieda fil-barranin u n-numru ta' unitajiet domestiċi individwali Maltin, flimkien maż-żieda baxxa fil-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali u l-liberalizzazzjoni tal-kirjiet tas-suq, aggravaw il-problema. Ir-riskju tal-faqar fost l-inkwilini żdied minn 23,4 % fl-2013 għal 35,9 % fl-2017.

Grafika 3.3.4: **Il-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar skont il-prezz tal-kera**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Investiment


Żieda fl-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi, sa mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal, hija importanti biex jitjieb it-tkabbir fit-tul ta' Malta. Ir-rati ta' impjieg għal persuni b'diżabilità, għan-nisa u għal ħaddiema kbar fl-età huma baxxi minħabba nuqqas ta' kisba ta' ħiliet. Huwa importanti li jittejbu l-eżiti tal-edukazzjoni għall-gruppi żvantaġġati sa minn età bikrija (0<3 snin), li jittejjeb l-allinjament mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u li tiżdied il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti. It-titjib tal-aċċess għall-impjiegi għal persuni inattivi, miżuri integrati fl-akkomodazzjoni u s-servizzi soċjali għall-migranti li mhumiex mill-UE, l-immodernizzar tal-protezzjoni soċjali u t-titjib tal-infrastruttura għall-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi tas-saħħa u tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli jeħtieġu wkoll investiment ulterjuri.

3.4. IL-KOMPETITTIVITÀ U L-INVESTIMENT

3.4.1. IT-TKABBIR U L-MUTURI TAL-PRODUTTIVITÀ

L-ekonomija Maltija dan l-aħħar esperjenzat tranżizzjoni qawwija lejn is-settur tas-servizzi, flimkien ma' żidiet fil-produttività. Mill-2009 sal-2017, il-valur miżjud gross żdied b'pass li kien kważi erba' darbiet aktar mgħaġġel milli fl-UE u aċċellera mill-2014 (ara l-Grafika 3.4.1). Matul dan il-proċess, il-kontributi ta' setturi differenti għall-produzzjoni nazzjonali nbidlu b'mod eċċezzjonali. L-ishma tal-industrija u tal-kostruzzjoni naqsu b'mod sinifikanti, filwaqt li l-kontribuzzjoni tas-settur tas-servizzi żdiedet minn 76,5 għal 85 % (filwaqt li l-medja tal-UE hija ta' 73,4 %). Il-produttività totali tal-fatturi baqgħet ġeneralment stabbli fl-2009-2014 u żdiedet b'mod sostanzjali mill-2014. Il-bidla strutturali lejn servizzi b'valur miżjud ogħla (bħal servizzi professjonali u attivitajiet ta' logħob remot) tikkontribwixxi għall-ispjegazzjoni ta' din il-bidla. Fatturi addizzjonali li appoġġjaw iż-żieda fil-produttività jinkludu investiment fuq skala kbira fis-settur tal-enerġija u l-influss ta' ħaddiema barranin bi kwalifiki għoljin. Il-produttività tax-xogħol reali żdiedet bejn l-2014 u l-2017 kemm f'termini ta' sigħat maħduma kif ukoll f'termini ta' għadd ta' persuni impjegati ([31]).

Grafika 3.4.1: **Il-GVA skont l-industrija**




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

([31]) Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2016/C 349/01, Malta tinsab fil-proċess li taħtar lill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (Malta Council for Economic and Social Development, MCESD) bħala l-Bord Nazzjonali tal-Produttività.

L-investiment baqa' relattivament għoli fl-2017 u fl-ewwel nofs tal-2018. Wara żieda konsiderevoli fl-2015, minħabba proġetti eċċezzjonali ta' investiment fis-setturi tal-avjazzjoni u tal-enerġija, l-investiment stabbilizza f'livell relattivament għoli (ara wkoll it-Taqsima 1). Fl-2017, l-investiment kien jammonta għal 21,1 % tal-PDG Malti, 0,9 pp ogħla mill-medja tal-UE u 3,8 pp ogħla milli fl-2014 (ara l-Grafika 3.4.2). L-investiment fil-kostruzzjoni (kemm tad-djar kif ukoll tal-bini mhux residenzjali) baqa' partikolarment dinamiku, segwit mill-makkinarju u t-tagħmir. L-ewwel nofs tal-2018 wera xejra simili. Skont l-istħarriġiet, 8 % tad-ditti biss esperjenzaw lakuni fl-investiment fl-2017 (BĊM, 2018b).

Graff 3.4.2: **Formazzjoni grossa tal-kapital fiss skont l-assi**



Sors: L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

Il-biċċa l-kbira tad-ditti huma intraprizi żgħar u ta' daqs medju. L-intraprizi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma partikolarment rilevanti f'Malta, peress li jiġġeneraw 81 % tal-valur miżjud u tal-impjieg, ishma ogħla b'mod sinifikanti mill-medji rispettivi tal-UE ta' 56,8 % u 66,4 %. Il-maġġoranza tal-SMEs huma rrappreżentati fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, u f'attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (il-Kummissjoni Ewropea, 2018k).

Ġew stabbiliti miżuri ta' politika sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet tal-intraprizi ta' daqs żgħir jew medju. Għadd ta' strumenti finanzjarji, skemi ta' għotjiet u inċentivi tat-taxxa mnedija

f'dawn l-aħħar għaxar snin mill-gvern u kkofinanzjati mill-UE għandhom l-għan li jipprovdu finanzjament għall-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju u n-negozji l-ġodda. Barra minn hekk, l-SMEs qegħdin jadattaw bil-mod għall-finanzjament ibbażat fuq is-suq (ara t-Taqsima 3.2). Il-Bank Malti għall-Iżvilupp huwa mistenni li jindirizza l-lakuni fil-finanzjament persistenti għall-SMEs u li jtejjeb l-użu tad-diversi strumenti finanzjarji u ta' garanzija tal-UE. Il-Bank bħalissa qed jiddefinixxi l-prijoritajiet u l-għodod għal azzjoni konkreta. L-aktar inizjattivi avvanzati jikkonċernaw il-kreditu għal trasferimenti ta' negozji tal-familja, li għalihom il-bank diġà ffirma ftehim, u żewġ garanziji tal-SMEs li bħalissa għaddejjin in-negozjati dwarhom.

L-indirizzar tal-lakuni fl-investiment fl-infrastruttura, fl-innovazzjoni u fil-ħiliet jappoġġa t-tkabbir futur u s-sostenibbiltà fit-tul tal-ekonomija Maltija. Il-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali u l-infrastruttura ta' Malta żdiedet mat-tkabbir ekonomiku. Investiment immirat biex jindirizza t-tħassib ambjentali u l-konġestjonijiet infrastrutturali jgħin biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli fit-tul. L-iffaċilitar tal-innovazzjoni, it-tisħiħ tar-rabtiet bejn is-sistemi tar-riċerka u n-negozji, u l-għajnuna lill-intrapriżi biex jitilgħu aktar 'il fuq fil-katina tal-valur miżjud għandhom jgħinu biex tiżdied il-produttività. Barra minn hekk, f'diversi setturi huwa perċepit nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, u n-nuqqas ta' persunal bil-ħiliet xierqa ssemma bħala ostaklu għall-investiment minn maġġoranza kbira tal-kumpaniji. L-investiment immirat lejn it-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema jista' jgħin biex tiġi indirizzata din l-isfida (ara t-Taqsima 3.3).

Il-vulnerabbiltajiet tal-governanza jikkontribwixxu biex jillimitaw it-tkabbir tal-kumpaniji. Ġew identifikati dgħufijiet strutturali b'rabta mal-qafas ta' governanza. Indikaturi tal-istħarriġ juru li l-korruzzjoni u n-nuqqas ta' trasparenza tal-ambjent politiku, legali u regolatorju huma meqjusa bħala fattur problematiku biex isir in-negozju f'Malta (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017b; Ernst & Young, 2018). Qafas imsaħħaħ ta' governanza, inkluż infurzar effettiv ġudizzjarju u ta' kontra l-korruzzjoni, huwa prerekwiżit biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-investiment.

Riċerka u innovazzjoni

Il-prestazzjoni tal-innovazzjoni f'Malta hija moderata iżda qed titjieb gradwalment. Malta għadha innovatur moderat, għalkemm il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħha żdiedet mill-2010 (il-Kummissjoni Ewropea, 2018l). Il-pajjiż jinsab fis-seba' post fl-UE f'termini ta' ditti li qed jikbru malajr fis-setturi l-aktar innovattivi (Eurostat), huwa jospita aktar minn 200 operazzjoni ta' investiment dirett barrani f'setturi speċjalizzati bbażati fuq operazzjonijiet b'volum baxx/valur miżjud għoli (il-Kummissjoni Ewropea, 2019d) u kellu żvilupp rapidu tal-industrija tal-kontenut diġitali u tal-iżvilupp tas-softwer.

Investiment baxx f'assi intanġibbli bħar-R&Ż jispjega l-prestazzjoni modesta tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-intensità tar-R&Ż baqgħet ċatta f'dawn l-aħħar snin (0,55 % tal-PDG fl-2017 imqabbla ma' 2,07 % għall-UE) u l-pajjiż x'aktarx li ma jilħaqx il-mira tiegħu ta' intensità tar-R&Ż ta' 2 % sal-2020. Iż-żieda żgħira reċenti fl-intensità tar-R&Ż hija parzjalment spjegabbli permezz tal-influss sinifikanti ta' fondi strutturali. Il-livell baxx ta' investiment pubbliku fir-R&Ż fil-bażi xjentifika pubblika jillimita l-użu sħiħ tal-potenzjal xjentifiku u teknoloġiku tal-pajjiż. Għalkemm l-Università ta' Malta (l-uniku attur fil-qasam tar-riċerka pubblika fil-pajjiż) tejbet il-prestazzjoni xjentifika tagħha (Malta tikklassifika fil-11-il post fl-UE f'termini ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi ewlenin) bi speċjalizzazzjoni relattiva fix-xjenzi mediċi, attwalment ma tirċevix finanzjament istituzzjonali ddedikat għat-twettiq tar-R&Ż.

Il-kapaċità limitata tal-intrapriżi sabiex iwettqu r-R&Ż xxekkel il-holqien tal-innovazzjoni u l-effetti sekondarji teknoloġiċi. L-intensità tan-nefqa tar-R&Ż tal-intrapriżi kummerċjali naqset mill-2012 (0,34 % tal-PDG fl-2017 kontra 1,36 % għall-UE). Is-setturi intensivi fir-riċerka jiddependu ħafna fuq l-investiment barrani (eż. prodotti farmaċewtiċi, tagħmir mediku, komponenti elettroniċi), li jfisser li l-attivitajiet ewlenin tar-R&Ż jitwettqu fil-kwartieri ġenerali tal-kumpaniji multinazzjonali barra minn Malta. L-istħarriġ jikkonferma li l-intrapriżi prinċipalment iwettqu innovazzjoni mhux ibbażata fuq ir-R&Ż b'enfasi fuq id-disinn, il-proċess, l-innovazzjoni organizzattiva u tas-suq (il-Kummissjoni Ewropea; 2018l; BEI, 2018). Il-potenzal limitat tar-R&Ż tad-

ditti domestiċi jispjega parzjalment in-nuqqas ta' rabtiet robusti bejn l-akkademiċi u n-negozji u l-attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien.

L-effikaċja tal-miżuri għall-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni mrawma domestikament għadha limitata. Minkejja l-eżistenza ta' strateġiji settorjali (pereżempju dwar it-teknoloġiji tal-blockchain, ara wkoll it-Taqsima 3.4.2), il-pajjiż għadu ma stabbilixxiex strateġija ta' kompetittività koerenti u fit-tul biex l-ekonomija domestika titmexxa 'l fuq fil-katina tal-valur. L-istrateġija tar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2014-2020 ftit għandha viżibbiltà u l-implimentazzjoni tagħha hija maqsuma bejn korpi governattivi differenti ([32]) b'koordinazzjoni limitata. Mhuwiex ċar jekk il-miżuri eżistenti li jappoġġjaw l-investimenti kummerċjali fir-R&Ż, bħalma huma ż-żewġ skemi ta' inċentivi tat-taxxa tar-R&Ż ([33]) u l-iskema tar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-2014-2020, humiex effettivi, minħabba l-użu baxx tagħhom.

Is-sostenibbiltà ambjentali

It-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-mudell tat-tkabbir ta' Malta jirrikjedi investiment immirat. Id-dinamiżmu tas-suq tad-djar, it-tkabbir tat-turiżmu, u l-influssi dejjem akbar ta' ħaddiema u investituri barranin għamlu pressjoni fuq ir-riżorsi lokali tal-art u tal-ilma. Fir-rigward tal-kopertura artifiċjali tal-art, Malta hija 'l fuq sew mill-medja tal-UE (4,1 %) b'rata ta' art artifiċjali ta' 23,6 %. L-iżvilupp eċċessiv kien kawża konsistenti ta' telf ta' bijodiversità, pajsaġġi naturali u art agrikola. L-isfidi inerenti ta' Malta marbuta mal-ispazju limitat u r-riżorsi naturali tagħha huma intensifikati mid-densità għolja tal-popolazzjoni tagħha. L-investiment immirat jgħin biex tiġi indirizzata l-isfida billi jippromwovi l-bidla lejn ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti.

L-akkwist pubbliku ekoloġiku u sostenibbli mhuwiex sfruttat biżżejjed. L-akkwist pubbliku ekoloġiku huwa għodda li tinkoraġġixxi swieq ġodda għal prodotti innovattivi f'ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Madankollu, il-miri tal-passat ġew issodisfati biss parzjalment (il-Kummissjoni Ewropea, 2018c). Ma sar l-ebda progress sinifikanti f'dan ir-rigward fl-2018.


L-iskarsezza tal-ilma hija kwistjoni urġenti Bosta attivitajiet ekonomiċi, inkluż is-settur tat-turiżmu, l-industrija u l-agrikoltura, huma dipendenti fuq provvista affidabbli ta' ilma. Madankollu, l-iskarsezza tal-ilma attwali, minħabba fatturi ġeografiċi, x'aktarx li tiżdied minħabba t-tibdil fil-klima u l-pressjonijiet demografiċi. It-tniġġis tal-ilma mxerred ikkawżat mill-agrikoltura jiggrava l-problema. F'Malta, b'mod partikolari, l-investiment immirat lejn it-titjib tal-effiċjenza tal-ġestjoni tal-ilma u l-użu tal-ilma huwa essenzjali biex jiġi żgurat żvilupp ekonomiku sostenibbli fuq perjodu ta' żmien medju.

Id-dipendenza qawwija ta' Malta fuq ir-rimi tal-iskart tagħmel pressjoni fuq l-art limitata tagħha. Ir-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali hija biss ta' 6 %, ħafna inqas mill-medja tal-UE ta' 30 % u l-mira tal-2020 (50 %). L-ikkompostjar f'Malta huwa prattikament ineżistenti (ara l-Grafika 3.4.3). Konsegwentement, ir-rata tal-miżbliet ta' 86 % hija aktar minn tliet darbiet ogħla mill-medja tal-UE. Fatturi li jispjegaw is-sitwazzjoni jinkludu n-nuqqas ta' infrastruttura jew sistemi ta' ġbir għall-materjali riċiklabbli u l-bijoskart u n-nuqqas ta' inċentivi ekonomiċi biex jiġi evitat l-iskart u jitjieb ir-riċiklaġġ. L-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni ukoll fil-biċċa l-kbira qed jintrema fil-miżbliet minkejja ż-żieda qawwija fl-ammont ta' skart mill-2011 'l hawn (European Construction Sector Observatory 2018; *data* mill-awtoritajiet Maltin). L-investimenti fil-ġestjoni tal-iskart, inklużi l-prevenzjoni tal-iskart, il-ġbir separat, ir-riċiklaġġ u t-trattament tal-bijoskart, jikkontribwixxu biex titneħħa d-dipendenza qawwija fuq ir-rimi tal-iskart.

([32]) Dawn jinkludu l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Malta Enterprise, u l-Unità tad-Diviżjoni tal-Appoġġ inkarigata mill-finanzjament tal-FEŻR, taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

([33]) "Għajnuna għall-Proġetti fir-Riċerka u l-Iżvilupp" u "l-iskema tal-krediti tat-taxxat għar-R&Ż u l-Innovazzjoni".

Grafika 3.4.3: **Skart muniċipali ġġenerat u t-trattament**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Ir-rwol potenzjali ta' teknoloġiji innovattivi fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' sostenibbiltà għadu ma ġiex esplorat biżżejjed. Bħalissa ma hemm l-ebda miżuri ta' finanzjament jew ta' appoġġ għar-R&Ż biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda/imtejba li jindirizzaw l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Miżuri eżistenti li jappoġġjaw ir-R&Ż u l-iżvilupp teknoloġiku mill-intraprizi (eż. għotjiet, inċentivi tat-taxxa) għadhom ġenerali fil-kamp ta' applikazzjoni u mhumiex immirati speċifikament lejn dawn l-oqsma ta' prijorità. Diversi inizjattivi li jinsabu għaddejjin għandhom l-għan li jiżviluppaw teknoloġiji ġodda jew imtejba fis-settur tat-trasport. Madankollu, l-ambitu u l-iskala tagħhom jibqgħu modesti meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-pajjiż. Il-finanzjament għall-proġetti tar-R&Ż huwa modest ukoll, b'inqas minn EUR 1,5 miljun allokati għal proġetti li jindirizzaw l-effiċjenza enerġetika u l-akkwakultura/l-agrikoltura. Fis-settur tat-turiżmu (li huwa prijorità fl-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti), għadu mhux ċar jekk iż-żewġ proġetti li għaddejjin (iċ-Ċentru Mediterranju u l-ġenerazzjoni mill-ġdid tal-Belt Valletta) jindirizzawx il-kwistjoni tas-sostenibbiltà b'mod adegwat.

Hemm lok biex tiżdied it-tassazzjoni ambjentali. Malta għandha wieħed mill-aktar ishma baxxi fl-UE ta' dħul mit-taxxa fuq l-enerġija fost it-taxxi ambjentali, b'55 %, iżda sehem għoli mit-taxxi fuq it-trasport ta' 41 % fl-2014 (EEA, 2016). Fl-2016 kien għad hemm differenza ta' 16 % bejn ir-rati tat-taxxa fuq il-petrol u d-diżil, u dan jagħmel lil Malta dejjem aktar eċċezzjoni fir-rigward tal-fatt li tiffavorixxi t-teknoloġija tad-diżil permezz tad-dazji tas-sisa.

Il-konġestjoni tat-trasport u t-traffiku

Il-konġestjoni fit-toroq għadha sfida ewlenija. Minħabba l-ineffiċjenza tat-toroq u l-penetrazzjoni għolja tal-karozzi, il-konġestjoni tibqa' waħda mill-aktar aspetti dgħajfa tal-ambjent tan-negozju ta' Malta. L-ispejjeż stmati tal-konġestjoni (ħin imqatta' fit-traffiku, spejjeż addizzjonali tal-fjuwil, u inċidenti) huma għoljin u l-miżuri biex jitnaqqsu ġew adottati parzjalment biss (il-Kummissjoni Ewropea, 2018c). It-tniġġis tal-arja mit-trasport għandu impatti soċjali u ambjentali konsiderevoli ([34]). Madankollu, l-għadd ta' vetturi liċenzjati qed ikompli jiżdied u l-vetturi elettriċi u ibridi jammontaw għal inqas minn 0,5 % tal-flotta totali. Is-sistema tat-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-vetturi Maltija għandha elementi inerenti li jbaxxu r-rata tat-taxxa għall-vetturi elettriċi b'emissjonijiet baxxi ta' CO2, filwaqt li t-taxxa annwali taċ-ċirkolazzjoni hija bbażata fuq l-emissjonijiet u l-età tal-vettura.

L-investiment pubbliku qed itejjeb il-kwalità tat-toroq, iżda l-bidla modali għadha mhix viżibbli. L-implimentazzjoni tal-Master Plan tal-2016 għall-perjodu sal-2025 tinsab fi stadju bikri u l-impatt tagħha fuq il-bidla modali – li jkollu wkoll benefiċċji importanti għall-konġestjoni u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra – huwa limitat. It-trasport b'xejn fl-iskejjel ġie introdott fl-2018 u l-użu tat-trasport pubbliku qed jiżdied bi ftit. Madankollu, is-sistema hija qrib il-kapaċità sħiħa u s-sodisfazzjon tal-konsumaturi huwa baxx (il-Kummissjoni Ewropea, 2018m). Minbarra l-miżuri tal-Pjan Regolatorju, il-baġit tal-2019 jalloka EUR 100 miljun għat-titjib tat-toroq, u fl-2018 ġiet stabbilita aġenzija apposta għal dan, Malta Infrastructure. Madankollu, ix-xogħlijiet tat-twessigħ tat-toroq għadhom iċċentrati fuq il-karozza u jistgħu jirriżultaw f'żieda fl-użu tal-karozzi.

([34]) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent stmat li fl-2015 240 mewta prematura kienu attribwibbli għat-tniġġis tal-arja (EEA, 2018, p. 64).

Reżiljenza għat-tibdil fil-klima

Malta ma għandhiex approċċ integrat għall-politika dwar il-klima b'enfasi transsettorjali. Bħala gżira żgħira, Malta hija partikolarment esposta għall-impatti tat-tibdil fil-klima. L-aktar setturi vulnerabbli jinkludu r-riżorsi tal-ilma, l-infrastruttura u l-użu tal-art (pereżempju permezz tal-għargħar), l-ekosistemi naturali, l-agrikoltura u s-sajd, is-saħħa u t-turiżmu. Filwaqt li Malta għandha l-aktar emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra per capita fl-UE, il-mira tal-2020 skont id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi hija mistennija li ma tintlaħaqx b'marġni ta' 11 pps, skont l-aħħar projezzjonijiet nazzjonali ppreżentati lill-Kummissjoni, li jqisu l-miżuri eżistenti kollha. Fl-2030, din id-diskrepanza mal-mira tal-qsim tal-isforzi hija mistennija li tiżdied għal 46 pp. Peress li l-Istrateġija tagħha għall-Iżvilupp b'Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju għadha ma tlestietx (din għandha tiġi ffinalizzata fil-bidu tal-2020), Malta għad ma għandhiex pjan ta' azzjoni biex tilħaq il-miri tagħha għall-2020. Fuq medda itwal ta' żmien, huma essenzjali bidliet modali tat-trasport, peress li kważi 50 % taż-żieda fl-emissjonijiet ġejja mis-settur tat-trasport. Is-settur agrikolu jista' jikkontribwixxi wkoll għall-mitigazzjoni tal-klima billi jibni kapaċità ta' enerġija rinnovabbli, pereżempju l-installazzjoni ta' pannelli solari u l-produzzjoni tal-bijoenerġija mill-iskart tal-bhejjem. Il-politika Agrikola Nazzjonali għall-Gżejjer Maltin 2018 – 2028 li għadha kif ġiet adottata tindirizza l-oqsma tal-prodotti agrikoli sostenibbli, l-ekonomija ċirkolari, il-mitigazzjoni permezz tal-adattament u l-ġestjoni tal-ħamrija, filwaqt li ma hemm l-ebda miżura li tfittex direttament tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Malta tinsab fil-proċess li tistabbilixxi l-miri u l-għanijiet tagħha għall-2030. Fil-pjan Nazzjonali tagħha dwar l-Enerġija u l-Klima li għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2019 f'konformità mar-Regolament dwar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-azzjoni klimatika ([35]), Malta se tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet ta' investiment tagħha sal-2030 għad-dimensjonijiet differenti tal-Unjoni tal-Enerġija, inklużi l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, is-sigurtà tal-provvista, u l-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima. L-informazzjoni pprovduta, inkluż fl-abbozz tal-pjan ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2018, se tkompli tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment relatati mal-enerġija u l-klima.

([35]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika.

L-effiċjenza enerġetika

Il-konsum finali tal-enerġija żdied, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport. Il-konsum finali tal-enerġija żdied bi ftit mill-2016 (il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika, 2017 ta' Malta), u dan ipoġġi l-miri tal-effiċjenza enerġetika f'riskju ([36]). B'mod partikolari, il-konsum finali tal-enerġija f'Malta fis-settur tat-trasport żdied matul l-aħħar għaxar snin u fil-livell tiegħu ta' 55 % tal-konsum totali tal-enerġija għadu ogħla sew mill-medja tal-UE, li hi ta' 33 %.

Li jiġi attirat l-investiment jikkontribwixxi għal aktar titjib fl-effiċjenza tal-enerġija. Ġew stabbiliti politiki għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija fil-bini, inkluż permezz ta' skemi ta' għotjiet għar-restawr tal-bini, self b'imgħax baxx għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika. Teżisti skema ta' appoġġ għal familji vulnerabbli, taħt liema tagħmir antik qed jiġi sostitwit b'unitajiet effiċjenti ġodda. L-effiċjenza enerġetika fit-trasport qed tiġi indirizzata skont il-Master Plan tal-2025 ta' Transport Malta, filwaqt li tkomplew l-isforzi għall-introduzzjoni tat-tidwil tat-toroq effiċjenti fl-enerġija. Hemm bżonn ta' aktar investiment biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika u biex jinkiseb l-iffrankar tal-enerġija fis-setturi tal-bini, tat-trasport u tal-industrija.

Filwaqt li Malta għadha 'l fuq mill-perkors tagħha fuq l-użu tal-enerġija rinnovabbli, hemm bżonn ta' investimenti ulterjuri biex jintlaħqu l-miri previsti. Is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika żdied, u laħaq is-7,2 % fl-2017, ftit aktar mil-livell tal-perkors indikattiv ta' 6,5 % għall-2017/2018. F'dawn l-aħħar snin, Malta ffukat fuq il-promozzjoni tal-enerġija mix-xemx u l-użu tal-bijofjuwils. Jeħtieġ li jiġu implimentati aktar investimenti fis-setturi kollha fuq medda qasira ta' żmien sabiex tintlaħaq il-mira ta' 10 % għall-2020.

([36]) Ara l-Anness A.

3.4.2. IL-FUNZJONAMENT TAS-SUQ

Ir-regolamentazzjoni f'ċerti setturi tidher li hija restrittiva. Fl-2016, l-attivitajiet tal-bejgħ bl-imnut kienu jinvolvu madwar 5,800 kumpanija f'Malta li jammontaw għal madwar 4,7 % tal-valur miżjud. L-Indikatur tar-Restrittività tal-Kummissjoni juri li Malta hija fost l-għaxar pajjiżi tal-UE l-aktar restrittivi f'dan il-qasam (il-Kummissjoni Ewropea, 2018n). Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tiffavorixxi l-kompetizzjoni, inaqqas il-mark-ups u jżid l-inċentivi tal-bejjiegħa bl-imnut għall-innovazzjoni u l-investiment. Dan iwassal ukoll għal tkabbir fis-setturi tal-loġistika u l-imħażen li huma essenzjali għall-iżvilupp tal-kummerċ online. Barra minn hekk, diversi oqfsa regolatorji tas-suq huma aktar restrittivi milli huma f'bosta pajjiżi tal-UE (OECD, 2015; Il-Kummissjoni Ewropea, 2018c), pereżempju fil-qasam tas-servizzi professjonali. Dan jissuġġerixxi li hemm skop biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet bla bżonn.

Is-settur tal-logħob tal-azzard qed ikompli jesperjenza tkabbir qawwi, li jiġġenera effetti sekondarji. Fl-2017, il-valur miżjud gross fis-settur tal-logħob tal-azzard żdied bi 10 % u kien jirrappreżenta 11 % tal-valur miżjud totali. Fl-istess sena, l-għadd ta' liċenzji ta' logħob tal-azzard mill-bogħod żdied bi 22 %. L-impjiegi żdiedu bi 8 %, u 90 % tal-impjegati fis-settur jaħdmu f'attivitajiet ta' logħob tal-azzard mill-bogħod. Is-settur tal-logħob tal-azzard jiġġenera wkoll effetti sekondarji importanti f'setturi ekonomiċi oħra b'valur miżjud għoli (ara wkoll it-Taqsima 1). Espansjoni ulterjuri tas-settur hija mistennija wara l-qafas regolatorju l-ġdid adottat fl-2018, li jissimplifika aktar il-proċess ta' liċenzjar (l-Awtorità Maltija tal-Logħob tal-Azzard, 2018). Peress li s-settur kien vulnerabbli għal prattiki ta' ħasil tal-flus fil-passat, l-iżgurar ta' superviżjoni effettiva huwa kruċjali, anki fid-dawl tal-obbligi msaħħa għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus li daħlu fis-seħħ reċentement (ara wkoll it-Taqsima 3.2).

Is-suq tal-enerġija

Minħabba d-daqs u l-insularità tagħha, Malta ma għandhiex swieq bl-ingrossa u bl-imnut għall-elettriku u l-gass. Il-kumpanija tal-enerġija tal-Istat Enemalta għadha l-unika impriża b'liċenzja biex tforni l-elettriku lill-klijenti finali, u għalhekk mhuwiex possibbli li jiġi implimentat il-bdil tal-operatur min-naħa tal-klijenti. Malta qed tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-meters tal-elettriku intelliġenti, u aktar minn 90 % tal-konsumaturi finali għandhom meter tal-elettriku intelliġenti.

Saru investimenti sostanzjali biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija. L-interkonnettur il-ġdid bejn il-grilja tal-elettriku ta' Malta u l-Italja jirrappreżenta titjib kbir, u żied il-livell tal-interkonnessjoni tal-elettriku ta' Malta minn 0 % għal aktar minn 24 %. Saru investimenti addizzjonali biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista, inkluż impjant ġdid tat-turbini tal-gass b'ċiklu kkombinat imħaddem bil-gass, il-konverżjoni ta' impjant eżistenti b'magna diżil biex iħaddem il-gass naturali u faċilità tal-gass naturali likwidu. F'konformità mal-istrateġija ta' Malta biex il-ġenerazzjoni tinbidel għal waħda bbażata fuq il-gass naturali, l-impjanti tal-magni diżil eżistenti qed jiġu konvertiti mill-użu ta' żejt tal-fjuwil tqil għall-użu ta' gass naturali. Id-dħul fis-seħħ ta' interkonnettur tal-pipeline tal-gass mal-Italja (proġett tal-UE ta' interess komuni), stmat li jseħħ fl-2024, se jkun pass importanti lejn iż-żieda tas-sigurtà tal-provvista tal-gass.


L-ekonomija diġitali

Riċentement Malta introduċiet qafas regolatorju ġdid dwar teknoloġiji innovattivi, inkluża l-blockchain. Fl-1 ta' Novembru 2018, daħal fis-seħħ pakkett leġiżlattiv komprensiv, li jirregola l-użu tal-pjattaformi tat-teknoloġija ta' reġistri distribwiti, inkluża l-blockchain. Il-pjattaformi tat-teknoloġija ta' reġistri distribwiti jużaw nodi indipendenti biex jirreġistraw, jaqsmu u jissinkronizzaw it-tranżazzjonijiet, minflok iżommu d-data ċċentralizzata bħal f'reġistru tradizzjonali. Il-qafas regolatorju l-ġdid fih tliet atti, li jkopru: (i) assi finanzjarji virtwali, inklużi l-kriptomuniti; (ii) arranġamenti u servizzi innovattivi tat-teknoloġija; (iii) it-twaqqif tal-Awtorità Maltija tal-Innovazzjoni Diġitali. Din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tippromwovi lil Malta bħala ċentru ta' innovazzjoni diġitali, kif ukoll li tipprovdi ċertezza legali f'qasam li għadu fil-bidiċa l-kbira mhux regolat fl-UE. F'Novembru 2018, l-Awtorità bdiet tirċievi applikazzjonijiet għall-profili professjonali l-ġodda ta' awdituri tas-sistemi u amministraturi tekniċi, filwaqt li l-liċenzjar ta' arranġamenti teknoloġiċi ġodda huwa

mistenni li jibda f'Jannar 2019. L-użu effiċjenti tal-opportunitajiet sinifikanti jirrikjedi li jiġu indirizzati r-riskji assoċjati, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni finanzjarja (ara wkoll it-Taqsima 3.2).

L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) Maltin juru prestazzjoni mħallta fil-qasam tal-kummerċ elettroniku. Sehem ta' 20 % tal-SMEs ibigħu online meta mqabbel ma' 17 % fl-UE, iżda l-kummerċ elettroniku jirrappreżenta 7 % tal-fatturat tal-SMEs (taħt il-medja tal-UE ta' 10 %). L-SMEs jagħmlu ħafna inqas użu mit-teknoloġiji diġitali ewlenin mill-intrapriżi l-kbar u huma wkoll lura fil-kummerċ elettroniku (ara l-Grafika 3.4.4). Fl-istess ħin, Malta għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-analitika tal-big data u l-bejgħ transfruntier tal-SMEs (9 %, meta mqabbel ma' 8 % fl-UE). Fl-2017, l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjonijiet għamlet reviżjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Kummerċ Elettroniku, biex tiżgura li n-negozji jkollhom il-mezzi u l-ħiliet meħtieġa biex jikkapitalizzaw fuq l-opportunitajiet tal-kummerċ elettroniku.

Grafika 3.4.4: **Integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali f'Malta**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

L-awtoritajiet Maltin qed jimplimentaw inizjattivi biex jippromwovu t-teknoloġiji diġitali u emerġenti. L-Awtorità tal-Komunikazzjonijiet għandha l-għan li tippromwovi l-importanza tat-trasformazzjoni tal-proċess tan-negozju u tat-teknoloġiji l-ġodda, bħalma huma l-internet tal-oġġetti, il-"big data", il-quantum computing, iċ-ċibersigurtà u l-cloud computing. Biex tiġi inċentivata l-intraprenditorija diġitali, iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta kompla l-programm aċċelleratur tiegħu, li jipprovdi investiment inizjali biex jgħin lill-start-ups fi stadju bikri jivvalidaw, jipprototipaw u jittestjaw l-idea kummerċjali tagħhom u jippreżentawha lis-suq. Fi tmiem l-2018, il-gvern ħabbar ukoll il-ħolqien ta' task force iddedikata, immirata biex tiżviluppa strateġija nazzjonali dwar l-intelliġenza artifiċjali.

3.4.3. IL-KWALITÀ TAL-GOVERNANZA/TAL-ISTITUZZJONIJIET

L-ambjent tan-negozju

L-indikaturi dwar il-kwalità tal-ambjent tan-negozju jipprovdu stampa mħallta. Malta għandha prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE f'termini ta' internazzjonalizzazzjoni, ħiliet fl-ICT u rati ta' tkabbir. Madankollu, il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-offerti pubbliċi tidher li hija baxxa. Barra minn hekk, is-soluzzjoni tal-insolvenza tidher diffiċili id-doppju ([37]) f'Malta mill-medja tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, 2018k). L-emenda tal-2017 tal-Att dwar il-Kumpaniji hija mistennija li ttejjeb il-possibilitajiet ta' kumpanija li tevita l-falliment permezz ta' miżuri ta' ristrutturar u ta' rifinanzjament. Madankollu, l-impatt tagħha għad irid jiġi vvalutat.

Il-pagamenti tard minn negozju għal negozju għadhom problema. Fi tmiem l-2017, id-dewmien medju tal-ħlas fis-setturi tan-negozju Maltin kollha kien ta' 82 jum. Fis-settur tal-kostruzzjoni d-dewmien kien ta' aktar minn 90 jum (l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ġestjoni tal-Kreditu, 2018; l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Kostruzzjoni, 2018). Prattiki bħal dawn jippenalizzaw b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Is-sistema ġudizzjarja

Is-sistema ġudizzjarja għadha qed tiffaċċja għadd ta' sfidi u r-riformi li saru riċentement ma żgurawx b'mod shih l-indipendenza tal-ġudikatura. F'Diċembru 2018, il-Kummissjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) adottat

([37]) Il-valutazzjoni hija bbażata fuq is-saħħa tal-indiċi tal-qafas tal-insolvenza li jħares lejn l-erba' oqsma: bidu ta' proċedimenti ta' insolvenza, ġestjoni tal-assi tad-debitur, proċeduri ta' riorganizzazzjoni, u parteċipazzjoni tal-krediturі fi proċedimenti ta' insolvenza

opinjoni dwar Malta ([38]). Il-Kummissjoni ta' Venezja qajmet, fost l-oħrajn, tħassib relatat mal-indipendenza tal-ġudikatura, mal-ħatriet ġudizzjarji u mar-rwol tal-Avukat Ġenerali, billi għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal dan il-għan.

Sar xi titjib fl-effiċjenza tal-ġustizzja amministrattiva. Iż-żmien għat-tlestija għadu twil (1,147 jum fl-2017 meta mqabbel ma' 1,464 jum fl-2016). Madankollu, ir-rata ta' kklirjar għal każijiet amministrattivi tal-ewwel istanza żdiedet minn 114 % fl-2016 għal 147 % fl-2017 u x-xogħol b'lura naqas bi 12,4 %. Il-prestazzjoni tal-ġustizzja ċivili baqgħet fil-biċċa l-kbira stabbli f'dak li jirrigwarda ż-żmien għat-tlestija għal kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-prim' istanza, iżda r-rata ta' approvazzjoni għal kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-prim' istanza naqsu minn 107 % fl-2016 għal 97 % fl-2017 u x-xogħol b'lura żdied bi ftit ukoll fl-2017 (il-Kummissjoni Ewropea, 2019e).

Ir-riformi biex titjieb l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja għadhom għaddejjin. Bħalissa qed jiġu implimentati riformi ġudizzjarji sabiex tiġi promossa aktar l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati, jiġi estiż l-użu tal-medjazzjoni għal xi każijiet amministrattivi, u tissaħħaħ l-awtonomija amministrattiva tal-qrati. Barra minn hekk, issa qed jitħaddem portal tal-ġustizzja elettronika bħala s-servizz ewlieni aċċessibbli b'mod uniku u mobbli għall-professjonisti legali u ċ-ċittadini. Il-Ministeru tal-Ġustizzja beda jaħdem fuq proġett ta' depenalizzazzjoni, li għandu jiġi ffinalizzat sa tmiem l-2019, biex inaqqas l-ammont globali ta' każijiet tal-maġistrati. It-taħriġ għall-imħallfin u l-maġistrati ġie intensifikat fl-2018 f'diversi oqsma legali bħalma huma l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-forensika, l-etika u ċ-ċiberkriminalità.

Servizz pubbliku diġitali

Malta hija mexxej Ewropew fil-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali u kompliet ittejjeb l-esperjenza tal-utent. Hija tinsab l-ewwel fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni fl-amministrazzjonijiet biex tiffaċilita l-ħajja għaċ-ċittadini (formoli mimlija minn qabel) u fis-sofistikazzjoni tas-servizzi (it-tlestija tas-servizzi online), li għat-tnejn li huma għandha punteġġ massimu (il-Kummissjoni Ewropea, 2018o). Madankollu, l-użu tal-Gvern elettroniku u tas-Saħħa elettronika miċ-ċittadini huwa taħt il-medja tal-UE. Bħala parti mill-Istrateġija tal-Gvern Mobbli, tnediet l-ewwel mewġa ta' applikazzjonijiet b'enfasi fuq l-estensjoni u l-ikkumplimentar tal-kanali ta' komunikazzjoni eżistenti bejn il-gvern u ċ-ċittadini, li huma mmirati fuq varjetà ta' servizzi, bħat-tassazzjoni, id-dwana u s-saħħa.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni

Dgħufijiet fil-qafas tal-governanza huma piż fuq il-klima tal-investiment. Ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw stabbiltà u trasparenza insuffiċjenti tal-qafas politiku, legali u regolatorju bħala wieħed mill-aktar ħoloq dgħajfa fil-kapaċità ta' Malta li tattira l-investiment. Fl-2018, il-parametru naqas għat-tielet sena konsekuttiva (Ernst & Young, 2018). Stħarriġ tal-Ewrobarometru juri li 58 % tar-rappreżentanti tal-kumpaniji jqisu l-korruzzjoni bħala problema meta jagħmlu negozju f'Malta (il-Kummissjoni Ewropea, 2017b).

In-nuqqas ta' trasparenza, il-frammentazzjoni tas-sejħiet għall-offerti u l-għadd ta' għotjiet diretti jistgħu jindikaw irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku. Allegatament, bosta kuntratti ta' akkwist pubbliku ġew frammentati sabiex jaqgħu taħt il-limitu, jew kienu soġġetti għal irregolaritajiet oħra (il-Kummissjoni Ewropea, 2018p; NAO 2011, 2018a, 2018b). Id-data dwar il-kuntratti pubbliċi, li għandha tkun aċċessibbli skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, tinżamm lura b'mod regolari. Ġie rrappurtat li l-Ombudsman ma ngħatax aċċess għal dokumenti importanti relatati ma' offerti pubbliċi magħluqa (ir-Rapport Annwali tal-Ombudsman, 2017).

Hemm riskji ta' kunflitti ta' interess f'diversi livelli tal-gvern. Pereżempju, għadd kbir ta' ħatriet politiċi f'pożizzjonijiet *ad hoc* ma kinux soġġetti għal skrutinju jew regoli dwar l-integrità sa Novembru 2018, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Is-salarji part-time li jirċievu l-membri tal-Parlament (MPs) jaffettwaw l-abbiltà tagħhom li joperaw indipendentement mill-eżekuttiv, u din il-prattika ġiet aggravata mill-ħatriet ta' MPs f'karigi mħallsa importanti bħal kapijiet ta' awtorità pubblika.

([38]) Opinjoni Nru 940/2018: "Dwar arranġamenti kostituzzjonali u s-separazzjoni tas-setgħat u l-indipendenza tal-ġudikatura u l-infurzar tal-liġi".

Barra minn hekk, l-iskema taċ-ċittadinanza tal-investituri ġiet imfassla u implimentata minn entità kkuntrattata, li twettaq id-diliġenza dovuta, iżda fl-istess ħin tista' tagħti parir lill-individwi dwar l-applikazzjonijiet tagħhom għall-iskema. F'termini ta' trasparenza, għalkemm hemm regolatur għall-iskema ta' ċittadinanza tal-investituri li jippubblika rapporti annwali, it-trasparenza u l-governanza tal-iskema xorta jistgħu jittejbu. B'kuntrast, ma hemm l-ebda regolatur u trasparenza limitata ħafna fir-rigward tal-iskema Maltija ta' residenza għall-investitur (il-Kummissjoni Ewropea, 2019c).

Il-qafas istituzzjonali ta' kontra l-korruzzjoni jippreżenta nuqqasijiet serji. Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni twettaq investigazzjonijiet jew fuq inizjattiva tagħha stess jew wara rapporti minn xi ħadd. Madankollu, difetti strutturali jfixklu l-abbiltà tagħha li twettaq ir-rwol tagħha b'mod indipendenti u effettiv. L-ewwel nett, is-sħubija tagħha u l-ħatra ta' esperti speċjali jiddependu fuq id-deċiżjoni tal-Prim Ministru. It-tieni, il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Ministru tal-Ġustizzja li ma għandux setgħat investigattivi u – b'eċċezzjoni waħda – ma għadda l-ebda rapport lill-pulizija f'dawn l-aħħar għaxar snin. Mhuwiex ċar x'miżuri ta' segwitu ttieħdu fuq ir-rapporti tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni jew għaliex każ wieħed biss intbagħat lill-pulizija għal aktar investigazzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda trasparenza dwar liema każijiet il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni tinvestiga u x'rakkomandazzjonijiet saru. Il-Kummissjoni ta' Venezja kkritikat din l-istruttura istituzzjonali fl-Opinjoni reċenti tagħha dwar Malta.

Ir-responsabbiltà tal-pulizija u tal-Avukat Ġenerali hija nieqsa. Il-pulizija, li l-Kummissarju tagħha jinħatar mill-gvern, hija l-awtorità primarja li tinvestiga r-reati u parzjalment tirrappreżenta l-prosekuzzjoni. Jidher li l-Unitajiet tad-Delitti Ekonomiċi tal-pulizija ma għandhomx persunal biżżejjed u riforma kbira hija ppjanata li żżid il-kapaċità tagħha sal-2020. Rapporti dwar allegazzjonijiet relatati mal-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, l-abbuż ta' poter, u reati relatati ma' negozji illeċiti li waslu għand il-pulizija ta' spiss ma jiġux segwiti minn akkużi ([39]). Il-kompitu tal-prosekuzzjoni huwa maqsum bejn il-pulizija u l-Avukat Ġenerali. Ir-rwol doppju li ilu jeżisti tal-Avukat Ġenerali bħala konsulent/rappreżentant tal-Gvern u bħala prosekutur huwa meqjus bħala problematiku mill-perspettiva tal-prinċipju ta' kontrolli u bilanċi u s-separazzjoni tas-setgħat ([40]).

([39]) L-Iskwadra tar-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija investigat 20 każ ta' tixħim fl-2016, 9 każijiet fl-2017 u 8 każijiet sa Ottubru 2018. Żewġ persuni ġew akkużati fl-2016, persuna waħda ġiet akkużata fl-2017, u l-ebda persuna ma ġiet akkużata fl-2018.


([40]) Ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja ta' Diċembru 2018 jgħid: "dan huwa problematiku mill-perspettiva tas-separazzjoni tas-setgħat, b'mod partikolari mETA jitqies il-metodu ta' ħatra tal-AG u tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jesponiha għall-kritika meta jitqiesu prosekuzzjonijiet politikament kontroversjali jew sensittivi".

Kaxxa 3.4.1: **Investiment - sfidi u riformi f'Malta**

Taqsima 1. Il-prospettiva makroekonomika

Wara li laħaq madwar 160 % tal-livell tiegħu ta' qabel il-kriżi fl-2015 u l-2016, parzjalment minħabba t-tkabbir eċċezzjonali tal-investiment fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport, l-investiment aggregat f'termini reali naqas fl-2017, minkejja espansjoni sinifikanti tal-investiment fil-kostruzzjoni residenzjali. Data provviżorja mill-2018 tindika tnaqqis ta' investiment ieħor f'termini reali. B'mod partikolari, l-investiment fil-kostruzzjoni baqa' stabbli; l-investiment fit-trasport naqas, filwaqt li l-investiment tal-makkinarju u tat-tagħmir żdied. Jekk wieħed iħares' il quddiem, huwa mistenni li fl-2019 jibda irkupru qawwi fil-prospettiva tal-investiment, minħabba tkabbir fl-investiment kemm pubbliku kif ukoll privat (ara t-Taqsima 1).

Taqsima 2. Evalwazzjoni tax-xkiel għall-investiment u r-riformi li għaddejjin



F'kuntest ta' tkabbir b'saħħtu tal-PDG u klima favorevoli għall-investiment, għad hemm għadd ta' sfidi għall-investiment f'Malta. Dgħufijiet fil-qafas ta' governanza, speċjalment fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja u l-infurzar kontra l-korruzzjoni, jaffettwaw l-ambjent tan-negozju (ara t-Taqsima 3.4). In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu ta' piż fuq id-deċiżjonijiet tad-ditti tal-investiment, u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' persunal ikkwalifikat qed jirriżulta f'dipendenza sinifikanti fuq ħaddiema barranin (ara t-Taqsima 3.3). Il-konġestjonijiet tal-infrastruttura, inkluża l-konġestjoni severa tat-traffiku, ħafna drabi jitqiesu bħala ostaklu għall-investiment. Barra minn hekk, innovazzjoni insuffiċjenti u kapaċità limitata biex jiżdiedu l-attivitajiet tar-R&Ż għadhom jirrappreżentaw sfida għat-tkabbir tal-kumpaniji (ara t-Taqsima 3.4).

Ix-xkiel ewlieni kontra l-investiment u l-azzjonijiet ta' prijorità li għaddejjin

- Il-vulnerabbiltajiet fil-qafas ta' governanza, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja u l-infurzar kontra l-korruzzjoni, huma ta' piż fuq il-klima tal-investiment. Indikaturi tal-istħarriġ jidentifikaw il-korruzzjoni, it-tul tal-proċedimenti legali u n-nuqqas ta' trasparenza legali u politika bħala ostakli għall-investiment. Barra minn hekk, in-nuqqasijiet eżistenti fil-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus joħolqu riskji għar-reputazzjoni għall-ekonomija kollha kemm hi. Qed jiġu implimentati għadd ta' riformi ġudizzjarji biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Reċentement, l-awtoritajiet Maltin adottaw ukoll strateġija integrata biex jissaħħaħ il-qafas ta' kontra l-ħasil tal-flus (ara t-Taqsimiet 3.2 u 3.4).
- Id-disponibbiltà ta' persunal imħarreġ hija meqjusa mill-kumpaniji bħala wieħed mill-ostakoli ewlenin għall-investiment. In-nuqqas ta' ħiliet, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi, għadu sfida hekk kif id-domanda għal xogħol kwalifikat għadha tissupera l-provvista. Filwaqt li l-inizjattivi ta' politika riċenti għandhom l-għan li jtejbu l-livelli tal-ħiliet u jallinjaw aħjar il-ħtiġijiet tal-edukazzjoni u tan-negozju, l-effetti tagħhom għadhom ma nħassux (ara t-Taqsima 3.3).

Il-Bank Malti tal-Iżvilupp pubbliku ġie stabbilit f'Novembru 2017. Qed jippjana li jiffoka l-attivitajiet fuq l-ikkumplimentar u s-supplimentar tal-operazzjonijiet tal-atturi tas-suq fil-forniment ta' faċilitajiet ta'

finanzjament, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, proġetti ta' infrastruttura li jikkontribwixxu għall-iżvilupp nazzjonali jew reġjonali, u proġetti li huma orjentati soċjalment, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

ANNESS A: TABELLA TA' DESKRIZZJONI

Impenji	**Valutazzjoni sommarja([41])**
Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2018 (CSRs)	
RSP 1: Jissaħħaħ il-qafas ta' governanza ġenerali billi tittejjeb is-superviżjoni nazzjonali ta' negozji finanzjarji orjentati internazzjonalment b'liċenzja f'Malta, billi tiżgura l-infurzar effettiv tal-qafas Kontra l-Ħasil tal-Flus u billi tkompli tintensifika l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.	Malta għamlet **progress limitat** fl-indirizzar tas-CSR1. Ittieħdu xi passi dwar is-superviżjoni finanzjarja u kontra l-ħasil tal-flus. L-MFSA introduċiet għadd ta' inizjattivi strateġiċi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità superviżorja u l-prestazzjoni regolatorja tagħha. Ma ttieħdu l-ebda passi sinifikanti biex jissaħħaħ il-qafas ta' kontra l-korruzzjoni. B'mod partikolari, il-pulizija għadha tidher nieqsa mill-persunal. Huwa ppjanat li jkun hemm riforma biex tiżdied il-kapaċità tal-Iskwadra tar-Reati Ekonomiċi sal-2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (PCAC) twettaq investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess jew bi tweġiba għal rapporti mingħand xi ħadd. Madankollu, id-difetti strutturali jfixklu l-abbiltà tagħha li twettaq b'mod indipendenti u effettiv ir-rwol tagħha.
RSP 2: Tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-	Malta għamlet **progress limitat** fl-indirizzar tas-

([41]) Il-kategoriji li ġejjin jintużaw biex jiġi vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) għall-2017:

L-ebda progress: L-Istat Membru la ħabbar u lanqas ma adotta miżuri sabiex jindirizza r-RSP. Din il-kategorija tkopri għadd ta' sitwazzjonijiet tipiċi, u għandha tiġi interpretata każ b'każ b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiż. Dawn jinkludu dawn li ġejjin:
ma tkun tħabbret l-ebda miżura legali, amministrattiva jew baġitarja
fil-programm nazzjonali ta' riforma,
f'xi komunikazzjoni oħra uffiċjali lill-Parlament nazzjonali/il-kumitati parlamentari relevanti jew lill-Kummissjoni Ewropea,
pubblikament (pereżempju f'xi stqarrija għall-istampa jew fuq is-sit web tal-gvern);
ma jkunu ġew ippreżentati l-ebda atti mhux leġiżlattivi mill-korp regolatur jew leġiżlattiv;
l-Istat Membru jkun ħa passi inizjali fl-indirizzar tas-CSR, bħal pereżempju jkun ikkummissjoni xi studju jew stabbilixxa grupp ta' studju biex janalizza miżuri possibbli li jridu jittieħdu (sakemm is-CSR speċifikament titlob orjentazzjonijiet jew azzjonijiet esplorattivi). Madankollu, ma jkun ippropona l-ebda miżura/i speċifikata/i b'mod ċar biex jindirizza s-CSR.

Progress limitat: L-Istat Membru jkun:
ħabbar ċerti miżuri iżda dawn ikunu jindirizzaw is-CSR biss b'mod limitat; u/jew
ippreżenta atti leġiżlattivi fil-korp regolatorju jew leġiżlattiv iżda dawn ma jkunux għadhom ġew adottati u jkun għad hemm bżonn ta' ħidma sostanzjali ulterjuri mhux leġiżlattiva qabel ma s-CSR tkun implimentata;
ippreżenta atti leġiżlattivi, iżda ma jkunx segwihom bl-implimentazzjoni meħtieġa biex tiġi indirizzata s-CSR.

Xi progress: L-Istat Membru jkun adotta miżuri
li jindirizzaw parzjalment is-CSR; u/jew
li jindirizzaw is-CSR, iżda jkun għad hemm bżonn ammont mhux ħażin ta' ħidma biex is-CSR tiġi indirizzata għal kollox peress li ftit biss mill-miżuri jkunu ġew implimentati. Pereżempju, miżura jew miżuri jkunu ġew adottati mill-Parlament nazzjonali jew permezz ta' deċiżjoni ministerjali, iżda ma jkunu saru l-ebda deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni.

Progress sostanzjali: L-Istat Membru jkun adotta miżuri li fil-biċċa l-kbira jindirizzaw is-CSR u l-biċċa l-kbira minnhom jkunu ġew implimentati.

Implimentazzjoni sħiħa: L-Istat Membru jkun implimenta l-miżuri kollha meħtieġa biex is-CSR tiġi indirizzata kif jixraq.

kura tas-saħħa u tal-pensjoni, inkluż billi tiżdied l-età statutorja tal-irtirar u billi jiġi ristrett l-irtirar kmieni.	CSR2. Fil-qasam tal-pensjonijiet, ġie stabbilit Grupp ta' Strateġija tal-Pensjonijiet fl-2018 u sa Diċembru 2020 huwa mistenni rapport, li jiddeskrivi r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. L-isforzi qed ikomplu jiddiversifikaw l-introjtu tal-irtirar u jnaqqsu d-dipendenza fuq il-pensjonijiet tal-istat. Il-baġit tal-2019 isaħħaħ l-inċentivi fiskali għat-tfaddil privat tal-pensjonijiet u l-pensjonijiet volontarji tal-irtirar okkupazzjonali. L-awtoritajiet qed jinċentivaw ukoll lill-ħaddiema akbar fl-età biex jerġgħu lura għax-xogħol u jibqgħu jaħdmu għal aktar żmien, permezz ta' bidliet fil-kontribuzzjonijiet imħallsa, u jindirizzaw livelli baxxi ta' kisba ta' edukazzjoni biex jiżdiedu l-attività, l-impjiegi u l-produttività tal-popolazzjoni. L-ewwel valutazzjoni ta' dawn l-inizjattivi tindika ftit li xejn jew l-ebda impatt fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, iżda possibbilment żidiet fid-dħul mhux tal-pensjoni. Fil-qasam tas-saħħa, is-servizzi qed ikomplu jkunu deċentralizzati — mill-isptarijiet għal-livell tal-kura primarja — filwaqt li jinbnew ċentri ta' kura primarja reġjonali ġodda u jsir investiment biex gradwalment jiġi estiż l-użu tas-saħħa elettronika. Il-kapaċità tal-kura akuta u ġerjatrika se tiżdied permezz ta' sħubija pubblika-privata bejn il-gvern u operatur privat tal-isptarijiet, li tipprovdi għat-tiġdid, l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' tliet sptarijiet pubbliċi f'Malta u f'Għawdex. Filwaqt li dawn l-inizjattivi jidhru li jmorru fid-direzzjoni t-tajba, għadu mhuwiex ċar kif se jaffettwaw is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistema tas-saħħa Maltija.
Ewropa 2020 (miri nazzjonali u progress)	
Mira tar-rata tal-impjieg stabbilita fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma: 70 %	Ir-rata tal-impjieg f'Malta kienet ta' 73 % fl-2017 (żieda ta' 13,8 pp mill-2008), ogħla mill-medja tal-UE u ogħla mill-mira ta' 70 % tal-UE2020.
Il-mira tat-tluq bikri mill-iskola: 10 %	Malta għamlet progress sinifikanti lejn il-kisba ta' din il-mira. Is-sehem ta' dawk li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni naqas għal 17,7 % fl-2017 iżda għadu ferm ogħla mill-medja tal-UE u huwa fost l-ogħla fl-UE.


Il-mira tal-edukazzjoni terzjarja: 33 %	Malta laħqet il-mira tagħha fl-2017. Is-sehem ta' persuni ta' bejn il-30 u l-34 sena li kisbu edukazzjoni terzjarja kien ta' 33,5 fl-2017, għadu taħt il-medja tal-UE, iżda wera żieda kostanti matul l-aħħar għaxar snin.
Il-mira għar-riskju tal-faqar f'numri ta' persuni: Jintrefgħu 6,560 individwu mir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali.	Fl-2017, kien hemm 83 000 fir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, tnaqqis ta' 5 000 persuna mill-2017. F'termini assoluti, fl-2017 aktar minn 2 000 persuna jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali meta mqabbla mal-2008.
L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra: + 5 % fl-2020 imqabbel mal-2005 (f'setturi barra mill-ambitu tal-Iskema għall-Iskambju tal-Emissjonijiet).	Skont l-aħħar projezzjonijiet nazzjonali ppreżentati lill-Kummissjoni, il-mira tal-2020 skont id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi hija mistennija li ma tintlaħaqx b'marġni ta' 11 pp.
Il-mira għall-enerġija rinnovabbli 2020 10 % tal-konsum gross finali tal-enerġija	Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli f'Malta kien ta' 7,2 % fl-2017, kemxejn ogħla mil-livell tal-perkors indikattiv ta' 6,5 %. Fid-dawl taż-żieda fil-konsum tal-enerġija u tal-perkors aktar wieqaf lejn l-2020, huma meħtieġa investimenti ulterjuri fis-settur tal-enerġija rinnovabbli sabiex tintlaħaq il-mira tal-2020 ta' 10 %.
Il-mira indikattiva tal-effiċjenza fl-enerġija għall-2020 (il-livell assolut ta' konsum tal-enerġija fl-2020) hija: - 0,823 Mtoe espressi f'konsum tal-enerġija primarja, u - 0,623 Mtoe espressi f'konsum finali tal-enerġija.	Il-progress għadu limitat fir-rigward tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika. Malta għandha żżid l-isforzi tagħha biex tnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja u finali tagħha sabiex tiżgura li jintlaħqu l-miri nazzjonali indikattivi tagħha għall-effiċjenza fl-enerġija tal-2020. Malta rnexxielha tnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja tagħha (minn 0,916 Mtoe fl-2005 li telgħu għal 0,970 Mtoe fl-2012 u mbagħad niżlu għal 0,723 Mtoe fl-2016). L-indikaturi għall-2017 juru żieda għal 0,823 Mtoe. Madankollu, il-konsum finali tal-enerġija f'Malta qed jiżdied kontinwament matul l-aħħar snin (minn 0,464 Mtoe fl-2005 għal 0,623 Mtoe fl-2017), fejn it-trasport u s-servizzi huma s-setturi li jikkunsmaw l-aktar.
il-mira tar-R&Ż: 2 % tal-PDG	l-intensità tar-R&Ż kienet ta' 0,55 % tal-PDG fl-2017. Huwa improbabbli li Malta tilħaq il-mira tagħha sal-2020. Fl-2017, l-intensità tar-R&Ż ta' Malta kienet magħmula minn 62 % investiment privat (0,34 % tal-PDG) u 38 % investiment pubbliku (0,21 %


	tal-PDG).


ANNESS B: ANALIŻI TAS-SOSTENIBBILTÀ TAD-DEJN TAL-KUMMISSJONI U RISKJI FISKALI


Projezzjonijiet tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika taħt il-linja bażi, xenarji alternattivi u testijiet tas-sensittività


MT - Xenarju bażi tal-projezzjonijiet tad-dejn	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2029
Proporzjon tad-dejn gross	**50.9**	**47.9**	**44.8**	**42.1**	**38.9**	**35.8**	**32.8**	**30.0**	**27.3**	**24.6**	**22.2**	**19.9**	**17.8**
Bidliet fil-proporzjon (-1+2+3) li minnhom	*-5.4*	*-3.0*	*-3.1*	*-2.8*	*-3.2*	*-3.1*	*-3.0*	*-2.8*	*-2.7*	*-2.7*	*-2.5*	*-2.3*	*-2.1*
(1) Bilanċ primarju (1.1+1.2+1.3)	**5.4**	**2.9**	**2.6**	**2.0**	**2.0**	**2.1**	**2.2**	**2.1**	**2.0**	**2.1**	**2.0**	**1.9**	**1.8**
(1.1) Bilanċ primarju strutturali *(1.1.1-1.1.2+1.1.3)*	***4.9***	***2.5***	***2.4***	***2.2***	***2.1***	***2.2***	***2.2***	***2.1***	***2.0***	***2.1***	***2.0***	***1.9***	***1.8***
(1.1.1) Bilanċ primarju strutturali (qabel CoA)	*4.9*	*2.5*	*2.4*	*2.2*	*2.2*	*2.2*	*2.2*	*2.2*	*2.2*	*2.2*	*2.2*	*2.2*	*2.2*
(1.1.2) Kost tat-tixjiħ					*0.1*	*0.0*	*0.0*	*0.1*	*0.1*	*0.1*	*0.2*	*0.3*	*0.4*
(1.1.3) Ohrajn (taxxi u dħul mill-proprjetà)					*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.0*	*0.0*
(1.2) Komponent Ċikliċi	***0.7***	***0.4***	***0.2***	***-0.2***	***-0.1***	***-0.1***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***
(1.3) Miżuri ta' darba u ohrajn temporanji	***-0.3***	***0.0***	***0.1***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***	***0.0***
(2) Effett valanga (2.1+2.2+2.3)	**-3.0**	**-2.0**	**-1.7**	**-1.5**	**-1.2**	**-1.0**	**-0.8**	**-0.7**	**-0.7**	**-0.6**	**-0.5**	**-0.4**	**-0.4**
(2.1) Nefqa fuq l-imgħax	*1.8*	*1.6*	*1.5*	*1.3*	*1.2*	*1.1*	*1.1*	*1.0*	*0.9*	*0.9*	*0.8*	*0.7*	*0.6*
(2.2) Effett ta' tkabbir	*-3.4*	*-2.6*	*-2.2*	*-1.8*	*-1.6*	*-1.3*	*-1.2*	*-1.1*	*-1.0*	*-0.9*	*-0.8*	*-0.7*	*-0.6*
(2.3) Effett ta' Inflazzjoni	*-1.4*	*-1.1*	*-1.0*	*-0.9*	*-0.9*	*-0.8*	*-0.7*	*-0.6*	*-0.6*	*-0.5*	*-0.5*	*-0.4*	*-0.4*
Aġġustamenti fil-fluss tal-istokk	**2.9**	**1.9**	**1.3**	**0.7**	**0.0**	**0.0**	**0.0**	**0.0**	**0.0**	**0.0**	**0.0**	**0.0**	**0.0**











Nota: Għal aktar informazzjoni, ara r-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali tal-Kummissjoni Ewropea (FSR) 2018.

L-ewwel tabella tippreżenta l-projezzjonijiet tal-linja bażi ta' xenarju ta' bidla fil-politika fiskali. Dan juri d-dinamika tad-dejn tal-gvern ipprojettata u d-dekompożizzjoni tiegħu bejn il-bilanċ primarju, l-effetti valanga u l-aġġustamenti tal-fluss tal-istokk. L-effetti valanga jkejlu l-impatt nett tal-effetti opposti tar-rati tal-imgħax, l-inflazzjoni, it-tkabbir reali tal-PDG (u r-rati tal-kambju f'xi pajjiżi). Aġġustamenti bejn l-istokkijiet u l-flussi jinkludu differenzi fi flus u kontabilità bbażata fuq id-dovuti, akkumulazzjoni netta ta' assi, kif ukoll il-valwazzjoni u effetti residwi oħra.

[2] It-tabelli jippreżentaw serje ta' testijiet tas-sensittività madwar ix-xenarju bażi, kif ukoll xenarji alternattivi ta' politika, b'mod partikolari: ix-xenarju tal-bilanċ primarju strutturali (SPB) storiku (fejn l-SPB huwa stabbilit fil-medja storika tiegħu), ix-xenarju tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) (fejn il-politika fiskali hija preżunta li tevolvi skont id-dispożizzjonijiet ewlenin tal-PST), xenarju ta' rata ta' imgħax ogħla (+ 1 pp. imqabbel mal-linja bażi), xenarju ta' tkabbir tal-PDG aktar baxx (-0.5 pp. meta mqabbel mal-linja bażi) u xokk negattiv fuq l-SPB (ikkalibrat abbażi tal-bidla prevista). Huma inklużi wkoll xenarju avvers kombinat u testijiet tas-sensittività msaħħa (fuq ir-rata tal-imgħax u t-tkabbir), kif ukoll previżjonijiet stokastiċi. Informazzjoni dettaljata dwar it-tfassil ta' dawn il-projezzjonijiet tista' tinstab fl-FFS 2018.

[3] It-tieni tabella tippreżenta l-klassifikazzjoni ġenerali tar-riskju fiskali fuq medda qasira, medja u twila ta' żmien.

a. Għal medda qasira ta' żmien, il-kategorija tar-riskju (baxx/għoli) hija bbażata fuq l-indikatur S0. S0 huwa indikatur ta' detezzjoni bikrija tal-istress fiskali fis-sena li ġejja, abbażi ta' 25 varjabbli fiskali u ta' kompetittività finanzjarja li fil-passat taw prova li huma indikaturi anticipattivi ta' stress fiskali. Il-limitu kritiku li lil hinn minnu tiġi ssenjalata diffikultà fiskali huwa 0.46.

b. Għal medda medja ta' żmien, il-kategorija tar-riskju (baxx/medju/għoli) hija bbażata fuq l-użu konġunt tal-indikatur S1 u tar-riżultati tad-DSA. L-indikatur S1 ikejjel l-aġġustament fiskali meħtieġ (akkumulat matul il-5 snin wara l-perjodu ta' tbassir u sostnut wara) biex il-proporzjon tad-dejn mal-PDG jingħieb għal 60 % sal-2033. Il-valuri kritiċi użati huma 0 u 2.5 pps. tal-PDG. Il-klassifikazzjoni DSA hija bbażata fuq ir-riżultati ta' ħames xenarji deterministiċi (linja bażi, SPB storika, rata ogħla ta' imgħax, tkabbir tal-PDG aktar baxx u xokk negattiv fuq ix-xenarji SPB) u l-projezzjonijiet stokastiċi. Huma użati kriterji differenti bħal-livell tad-dejn ipprojettat, id-direzzjoni tad-dejn, ir-realiżmu tas-suppożizzjonijiet fiskali, il-probabbiltà ta' stabilizzazzjoni tad-dejn, u d-daqs tal-inċertezzi.

c. Għal medda twila ta' żmien, il-kategorija tar-riskju (baxx/medju/għoli) hija bbażata fuq l-użu konġunt tal-indikatur S2 u r-riżultati tad-DSA. L-indikatur S2 ikejjel l-aġġustament fiskali bil-quddiem u permanenti meħtieġ biex jistabbilizza l-proporzjon tad-dejn għall-PDG fuq l-orizzont infinit, inklużi l-kostijiet tat-tixjiħ. Il-valuri kritiċi użati huma 2 u 6 pp. tal-PDG. Ir-riżultati tad-DSA jintużaw biex tiġi kkwalifikata ulterjorment il-klassifikazzjoni tar-riskju fit-tul, b'mod partikolari f'każijiet meta jiġu identifikati vulnerabbiltajiet ta' dejn (kategorija ta' riskju medju/għoli tad-DSA).

ANNESS C: TABELLI STANDARD

Tabella C.1: **Indikaturi tas-suq finanzjarju**

	2013	2014	2015	2016	2017	2018
Assi totali tas-settur bankarju (% tal-PDG)[1)]	658.7	621.6	497.6	454.6	431.3	386.7
Sehem tal-assi tal-akbar ħames banek (% tal-assi totali)	76.5	81.5	81.3	80.3	80.9	-
Sjieda barranija tas-sistema bankarja (% tal-assi totali)[2)]	74.9	71.4	66.5	59.6	57.9	55.7
Indikaturi tas-sodezza finanzjarja:[2)]						
- self improduttiv (% tas-self totali)	-	6.0	5.1	4.1	3.1	3.2
- proporzjon tal-adegwatezza kapitali (%)	46.4	25.1	21.2	20.2	21.1	21.8
- redditu fuq l-ekwità (%)[3)]	3.7	4.4	6.3	8.1	7.2	4.1
Self bankarju lis-settur privat (bidla minn sena għal sena)[1)]	-7.4	10.1	0.7	5.8	8.5	6.4
Self għal xiri ta' djar (bidla minn sena għal sena)[1)]	6.2	9.6	8.6	7.5	7.5	8.2
Proporzjon tas-self mad-depożitu[2)]	-	54.2	49.1	56.3	61.4	66.1
Likwidità tal-Bank Ċentrali bħala% tal-obbligazzjonijiet[1)]	-	0.9	0.3	0.4	-	0.2
Dejn privat (% tal-PDG)	143.9	135.7	122.5	123.5	120.2	-
Dejn estern gross (% tal-PDG)[2)] - pubbliku	8.5	7.0	6.3	6.5	6.7	6.2
- privat	705.7	684.0	634.6	596.2	569.7	543.4
Firxa tar-rata tal-imgħax fit-tul kontra l-Bund (punti bażi) *	179.3	144.8	99.2	79.6	96.4	97.1
Firxiet tal-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu għal titoli sovrani (5 snin)*	215.8	208.5	208.5	208.7	208.7	208.7

(1) L-aħħar *data* tal-Q3 2018. Tinkludi mhux biss il-banek iżda l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji kollha bl-esklużjoni tal-banek ċentrali.
(2) L-aħħar *data* tal-Q2 2018.
(3) Il-valuri ta' kull kwart mhumiex annwalizzati.
* Imkejjel f'punti bażi.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (rati tal-imgħax fit-tul); Il-Bank Dinji (dejn estern gross); Eurostat (dejn privat); BĊE (l-indikaturi l-oħra kollha).

Tabella C.2: **Tabella C.2: indikaturi Prinċipali tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali**

	2013	2014	2015	2016	2017	2018 [6]
Opportunitajiet ugwali u aċċess għas-suq tax-xogħol						
Dawk li jabbandunaw qabel il-waqt l-edukazzjoni u t-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' l-età ta' bejn 18–24)	20.8	20.9	20.2	19.2	17.7	:
Disparità bejn is-sessi (pps)	28.6	26.8	26.8	25.5	24.1	22.2
L-inugwaljanza fl-introjtu, imkejla bħala proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili (S80/S20)	4.1	4.0	4.2	4.2	4.2	:
Ir-rata ta' dawk fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (AROPE)	24.0	23.8	22.4	20.1	19.2	:
Żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' età ta' 15-24)	9.9	10.3	10.5	8.8	8.6	:
Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti†						
Rata ta' impjieg (20-64 sena)	66.2	67.9	69.0	71.1	73.0	74.7
Rata tal-qgħad[2] (15-74 sena)	6.1	5.7	5.4	4.7	4.0	3.8
Rata ta' qgħad fit-tul[3] (bħala % tal-popolazzjoni attiva)	2.8	2.7	2.4	1.9	1.6	1.0
L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi f'termini reali per capita[4] (Indiċi 2008=100)	102.7	104.4	109.7	110.4	111.5	:
Qligħ nett annwali ta' ħaddiem full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja (livelli f'PPS, medja ta' tliet snin)	21404	21284	21218	21243	:	:
Qligħ nett annwali ta' ħaddiem full-time mingħajr tfal li jaqla' paga medja (bidla perċentwali, termini reali, medja ta' tliet snin)	2.0	-0.7	-0.2	0.4	:	:
Appoġġ pubbliku/Protezzjoni u inklużjoni soċjali						
L-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar[5]	32.6	33.2	31.2	30.7	29.1	:
Tfal ta' inqas minn 3 snin f'kura formali tat-tfal	20.0	18.2	17.9	31.3	39.6	:
Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għal kura medika	0.9	1.1	0.8	1.0	0.2	:
Individwi li għandhom ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aħjar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' bejn is-16-74 sena)	:	:	53.0	50.0	57.0	:

Persuni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE): individwi li huma fir-riskju tal-faqar (AROP) u/jew li jsofru minn privazzjoni materjali severa (SMD) u/jew li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità żero jew baxxa ħafna ta' xogħol (LWII).
(2) Il-persuni qiegħda huma dawk kollha li ma kinux impjegati iżda kienu qed ifittxu x-xogħol b'mod attiv u kienu lesti li jibdew jaħdmu immedjatament jew fi żmien ġimagħtejn.
(3) Il-persuni qiegħda fit-tul huma persuni li ilhom qiegħda għal mill-inqas 12-il xahar.
(4) Id-dħul disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi huwa ddefinit f'termini mhux aġġustati, skont l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2019.
(5) Tnaqqis fil-perċentwal tar-rata ta' riskju tal-faqar, minħabba trasferimenti soċjali (ikkalkulat bit-tqabbil tar-rati ta' riskju tal-faqar qabel it-trasferimenti soċjali ma' dawk ta' wara t-trasferimenti; il-pensjonijiet mhumiex meqjusa bħala trasferimenti soċjali fil-kalkolu).
(6) Il-medja tal-ewwel tliet kwarti tal-2018 għar-rata tal-impjiegi, ir-rata tal-qgħad u d-diskrepanza bejn is-sessi fl-impjiegi. Id-*data* għar-rata tal-qgħad hija aġġustata skont l-istaġun.
Sors: Eurostat

Tabella C.3: **Tabella C.3: indikaturi tal-edukazzjoni u tas-suq tax-xogħol**

Indikaturi tas-suq tax-xogħol	**2013**	**2014**	**2015**	**2016**	**2017**	**2018** [4]
Ir-rata ta' attività (15–64)	66.3	67.8	68.9	70.6	72.2	:
Impjieg fix-xogħol kurrenti skont id-durata						
Minn 0 xhur sa 11-il xahar	10.3	9.9	10.3	12.4	13.9	:
Minn 12 xhur sa 23-il xahar	9.9	10.7	10.1	11.6	12.4	:
Minn 24 xhur sa 59-il xahar	16.7	18.9	19.7	18.7	19.6	:
60 xhur jew aktar	61.4	59.4	59.0	57.3	54.0	:
Tkabbir fl-impjiegi* (% tal-bidla mis-sena ta' qabel)	3.7	5.1	3.9	4.2	5.3	5.3
Rata tal-impjiegi tan-nisa (% tal-popolazzjoni femminili ta' età ta' 20-64)	51.7	54.3	55.3	58.0	60.6	63.2
Rata tal-impjiegi tal-irġiel (% tal-popolazzjoni maskili ta' età ta' 20-64)	80.3	81.1	82.1	83.5	84.7	85.4
L-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età* (% tal-popolazzjoni tal-età ta' 55-64)	37.1	39.5	42.3	45.8	47.2	49.1
Impjieg part-time* (% ta' impjieg totali, ta' età ta' 15-64)	14.0	15.3	14.3	13.9	13.7	13.3
Impjieg b'terminu fiss* (% ta' impjegati b'kuntratt b'terminu fiss, ta' età ta' 15-64)	7.6	7.7	7.5	7.6	6.0	7.5
Parteċipazzjoni fil-politiki ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol (għal kull 100 persuna li trid taħdem)	5.4	16.0	11.5	8.2	:	:
Rata ta' tranżizzjoni minn impjieg temporanju għal wieħed permanenti (medja ta' 3 snin)	31.6	12.7	14.9	:	:	:
Rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (% ta' popolazzjoni attiva ta' età ta' 15-24)	12.7	11.7	11.6	10.7	10.6	9.8
Disparità bejn is-sessi fir-rata ta' impjieg part-time	19.3	21.2	20.1	19.9	18.3	17.1
Disparità bejn is-sessi fil-pagi[1] (f'forma mhux aġġustata)	9.7	10.6	10.4	11.0	:	:
Indikaturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ	**2013**	**2014**	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**
Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim (% tal-persuni bejn il-25 u l-64 sena li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ)	7.7	7.7	7.4	7.8	10.6	:
Prestazzjoni baxxa fl-edukazzjoni[2]	:	:	29.1	:	:	:
Kisba ta' edukazzjoni terzjarja (% tal-popolazzjoni ta' età ta' 30-34 li lestew b'suċċess l-edukazzjoni terzjarja)	28.7	28.6	29.1	32.0	33.5	:
Varjazzjoni fil-prestazzjoni spjegata mill-istatus soċjoekonomiku tal-istudenti[3]	:	:	14.5	:	:	:

* Indikatur mhux tat-tabella
(1) Differenza bejn il-qligħ gross medju fis-siegħa tal-impjegati rġiel imħallsa u tal-impjegati nisa mħallsa bħala perċentwal tal-medja tad-dħul gross fis-siegħa tal-impjegati rġiel imħallsa. Huwa definit bħala "mhux aġġustat", peress li ma jikkoreġix għad-distribuzzjoni ta' karatteristiċi individwali (u b'hekk jagħti stampa kumplessiva tal-inugwaljanza bejn is-sessi f'termini ta' pagi). Huma inklużi l-impjegati kollha li jaħdmu f'ditti b'għaxar impjegati jew aktar, mingħajr restrizzjonijiet ta' età u sigħat maħduma.
(2) riżultati tal-PISA (OECD) għal prestazzjoni baxxa fil-matematika għat-tfal ta' 15-il sena.
(3) L-impatt tal-istatus soċjoekonomiku u kulturali fuq il-punteġġi tal-PISA (OECD). Il-valuri għall-2012 u l-2015 jirreferu rispettivament għall-matematika u x-xjenza.
(4) Il-medja tal-ewwel tliet kwarti tal-2018. Id-*data* għar-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija aġġustata skont l-istaġun.
Sors: Eurostat, OECD

Tabella C.4: **Indikaturi tal-inklużjoni soċjali u tas-saħħa**

	2012	2013	2014	2015	2016	2017
Nefqa fuq il-benefiċċji tal-ħarsien soċjali * (% tal-PDG)						
Mard/kura tas-saħħa	5.9	6.0	5.9	5.5	5.4	:
Diżabilità	0.7	0.7	0.7	0.6	0.6	:
Anzjani u superstiti	10.2	9.8	9.3	8.6	8.7	:
Familja/tfal	1.1	1.2	1.3	1.1	1.0	:
Qgħad	0.5	0.6	0.5	0.5	0.4	:
Akkomodazzjoni	0.1	0.1	0.1	0.2	0.2	:
Esklużjoni soċjali n.e.c	0.3	0.3	0.3	0.2	0.2	:
Total	19.0	18.7	18.1	16.9	16.5	:
li minnhom: benefiċċji skont eżami tal-mezzi	2.4	2.4	2.3	2.2	1.9	:
Nefqa tal-amministrazzjoni pubblika skont il-funzjoni (% tal-PDG, COFOG)						
Protezzjoni soċjali	14.0	13.8	13.1	12.4	12.0	:
Saħħa	5.5	5.7	5.7	5.8	5.6	:
Edukazzjoni	5.8	5.8	5.6	5.5	5.4	:
Nefqa mill-but fuq il-kura tas-saħħa (% tan-nefqa totali fuq is-saħħa)	:	:	:	:	:	:
Tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (% tan-nies fl-età ta' 0-17) *	31.0	32.0	31.3	28.2	24.0	22.8
Ir-rata ta' riskju ta' faqar [1] (% tal-popolazzjoni totali)	15.1	15.7	15.9	16.3	16.5	16.8
Ir-rata tar-riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu (% tal-persuni impjegati)	5.2	5.9	5.7	5.4	5.8	5.9
Rata ta' privazzjoni materjali estrema [2] (% tal-popolazzjoni totali)	9.2	9.5	10.2	8.1	4.4	3.3
Rata ta' privazzjoni estrema ta' akkomodazzjoni [3], skont l-istatus ta' pussess						
Proprjetarju, b'ipoteka jew self	1.1	0.7	1.0	0.9	0.5	0.2
Inkwilin, kera bil-prezz tas-suq	3.4	4.9	8.0	4.1	10.1	4.1
Proporzjon ta' nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ta' xogħol[4] (% tal-persuni fl-età ta' 0-59)	9.0	9.0	9.8	9.2	7.3	6.7
Livelli minimi tal-faqar, espressi fil-munita nazzjonali bi prezzijiet kostanti *	6116	6259	6554	6863	6823	7223
Snin ta' ħajja b'saħħitha (fl-età ta' 65 sena)						
Nisa	12.3	12.7	13.7	14.0	12.9	:
Irġiel	12.5	12.8	13.3	13.4	12.8	:
Proporzjon aggregat ta' sostituzzjoni għal pensjonijiet [5] (fl-età ta' 65 sena)	0.5	0.6	0.6	0.5	0.5	0.6
Id-dimensjoni tal-konnettività tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali 6 (DESI)[6]	:	:	54.4	62.9	66.1	67.9
Koeffiċjent ta' Gini qabel it-taxxi u t-trasferimenti*	44.4	45.5	45.7	45.6	45.6	45.1
Koeffiċjent ta' Gini wara t-taxxi u t-trasferimenti*	27.1	27.9	27.7	28.1	28.5	28.3

* Indikatur mhux tat-tabella indikattiva

(1)Riskju ta' faqar (AROP): il-proporzjon ta' nies b'introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt is-60 % tal-introjtu medjan nazzjonali ekwivalizzat.

(2) Il-proporzjon ta' persuni li jesperjenzaw mill-inqas erbgħa mill-forom ta' deprivazzjoni li ġejjin: ma jkunux jistgħu jaffordjaw li i) iħallsu l-kera jew il-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom, ii) iżommu d-dar tagħhom adegwatament imsaħħna, iii) jiffaċċaw spejjeż mhux mistennija, iv) jieklu laħam, ħut jew ekwivalenti tal-proteina darba kull jumejn, v) igawdu ġimgħa vaganzi 'l bogħod mid-dar darba fis-sena, vi) ikollhom karozza, vii) ikollhom TV bil-kulur, jew ix) ikollhom telefown.

(3) Il-perċentwal tal-popolazzjoni totali li tgħix f'abitazzjonijiet iffullati u li turi privazzjoni ta' abitazzjoni.

(4) Persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol: il-proporzjon tal-persuni fl-età ta' 0-59 sena li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn l-adulti (eskluż tfal dipendenti) jkunu ħadmu anqas minn 20 % tal-ħin tax-xogħol potenzjali totali tagħhom matul it-12-il xahar preċedenti.

(5) Il-proporzjon tal-pensjonijiet medji grossi individwali ta' persuni ta' bejn il-65 u l-74 sena mqabbel mal-medjan tal-qligħ gross individwali ta' persuni ta' bejn il-50 u d-59 sena.

(6) L-użu ta' broadband b'mod fiss (33 %), ta' broadband mobbli (22 %), il-veloċità (33 %) u l-affordabbiltà (11 %), mit-Tabella ta' Valutazzjoni Diġitali.

Sors: Eurostat, OECD

Tabella C.5: **Prestazzjoni tal-prodott fis-suq u indikaturi tal-politika**

Indikaturi tal-prestazzjoni	**2012**	**2013**	**2014**	**2015**	**2016**	**2017**
Il-produttività tax-xogħol għal kull persuna[1] tkabbir (t/t-1) f'%						
Tkabbir fil-produttività tax-xogħol fl-industrija	:	:	:	:	:	:
Tkabbir fil-produttività tax-xogħol fil-kostruzzjoni	:	:	:	:	:	:
Tkabbir fil-produttività tax-xogħol fis-servizzi tas-suq	:	:	:	:	:	:
Indiċi tal-Kost tal-Unità Lavorattiva (KUL)[2] tkabbir (t/t-1) f'%						
Żieda fil-KUL fl-industrija	:	:	:	:	:	:
Żieda fil-KUL fil-kostruzzjoni	:	:	:	:	:	:
Żieda fil-KUL fis-servizzi tas-suq	:	:	:	:	:	:
Ambjent tan-negozju	**2012**	**2013**	**2014**	**2015**	**2016**	**2017**
Żmien meħtieġ għall-infurzar ta' kuntratti[3] (ġranet)	505	505	505	505	505	505
Żmien meħtieġ biex jinbeda negozju[3] (ġranet)	38.5	38.5	33.5	28.0	26.0	16.0
Riżultati ta' applikazzjonijiet minn SMEs għal self bankarju[4]	:	0.68	0.58	0.40	0.17	0.47
Riċerka u innovazzjoni	**2012**	**2013**	**2014**	**2015**	**2016**	**2017**
Intensità tar-R&Ż	0.83	0.77	0.72	0.75	0.58	0.55
Netqa tal-amministrazzjoni pubblika tuq l-edukazzjoni bħala% tal-PDG	5.80	5.80	5.60	5.50	5.40	:
Persuni impjegati b'edukazzjoni terzjarja u/jew persuni impjegati fix-xjenza u t-teknoloġija bħala% tal-impjiegi totali	38	40	40	41	41	44
Popolazzjoni li lestiet edukazzjoni terzjarja[5]	17	18	19	20	20	22
Żgħażagħ b'edukazzjoni sekondarja għolja[6]	75	76	75	77	77	78
Bilanċ kummerċjali ta' prodotti ta' teknoloġija għolja bħala% tal-PDG	1.83	-1.10	-3.42	-3.46	-5.84	-1.08
Swieq tal-prodotti u tas-servizzi u l-kompetizzjoni				**2003**	**2008**	**2013**
Ir-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodotti tal-OECD[7], kumplessivament				:	:	1.57
PMR tal-OECD[7], bejgħ bl-imnut				:	:	1.09
PMR tal-OECD[7], servizzi professjonali				:	:	1.66
PMR tal-OECD[7], industriji tan-netwerk[8]				:	:	2.28

Valur miżjud fi prezzijiet kostanti diviż bin-numru ta' persuni impjegati.
(2) Kumpens tal-impjegati fi prezzijiet kurrenti diviż bil-valur miżjud fi prezzijiet kostanti.
(3) Il-metodoloġiji, inklużi s-suppożizzjonijiet, għal dan l-indikatur huma murija fid-dettall hawnhekk: http://www.doingbusiness.org/methodology.
(4) Medja tat-tweġiba għall-mistoqsija Q7B_a. "[Self mill-bank]: Jekk applikajt u ppruvajt tinnegozja għal dan it-tip ta' finanzjament matul l-aħħar sitt xhur, x'kien ir-riżultat?". It-tweġibiet ġew ikkodifikati kif ġej: żero jekk jiġi riċevut kollox, waħda jekk ikun riċevut 75 % jew aktar, tnejn jekk ikun riċevut anqas minn 75 %, tlieta jekk tkun rifjutata u trattati bħala valuri nieqsa jekk l-applikazzjoni tkun għadha pendenti jew l-eżitu ma jkunx magħruf.
(5) Il-perċentwali tal-popolazzjoni bejn l-etajiet ta' 15 u 64 sena li jkunu lestew kors tal-edukazzjoni terzjarja.
(6) Il-perċentwal tal-popolazzjoni bejn l-etajiet ta' 20 u 24 sena li jkunu kisbu mill-inqas l-edukazzjoni sekondarja għolja.
(7) Indiċi: 0 = mhux regolat; 6 = l-aktar regolat. Il-metodoloġiji tal-indikaturi tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodotti tal-OECD huma murija fid-dettall hawn: http://www.oecd.org/competition/reform/indicatorsofproductmarketregulationhomepage.htm
(8) Indikaturi aggregati tal-OECD tar-regolamentazzjoni fl-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet (ETCR).
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea; Il-Bank Dinji — Doing Business (għall-infurzar tal-kuntratti u l-ħin meħud biex jinbeda negozju); OECD (għall-indikaturi tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodott); SAFE (għal eżitu ta' applikazzjonijiet tal-SMEs għas-self mill-banek).

Tabella C.6: **Tkabbir ekoloġiku**

Prestazzjoni tat-tkabbir ekoloġiku		2012	2013	2014	2015	2016	2017
Makroekonomiku							
Intensità enerġetika	kgoe/EUR	0.14	0.12	0.11	0.09	0.08	0.09
Intensità tal-karbonju	kg/EUR	0.47	0.40	0.37	0.26	0.21	-
Intensità tar-riżorsi (reċiproku tal-produttività tar-riżorsi)	kg/EUR	0.63	0.54	0.67	0.72	0.70	0.64
Intensità fl-iskart	kg/EUR	0.21	-	0.21	-	0.22	-
Bilanċ tal-enerġija tal-kummerċ	% PDG	-12.2	-9.0	-14.9	-8.8	-8.7	-8.8
Ponderazzjoni tal-enerġija fl-IAPK	%	7.31	7.57	8.05	7.40	7.16	6.61
Differenza bejn bidla fil-prezz tal-enerġija u l-inflazzjoni	%	-2.0	-1.6	-17.0	-8.7	-1.9	-1.1
Unità reali tal-ispiża tal-enerġija	% tal-valur miżjud	18.8	16.6	14.8	14.6	14.4	-
Il-proporzjon tat-taxxi ambjentali mat-taxxi fuq ix-xogħol	proporzjon	0.26	0.24	0.26	0.27	0.25	-
Taxxi ambjentali	% PDG	2.9	2.7	2.8	2.8	2.7	2.7
Settorjali							
L-intensità tal-enerġija tal-industrija	kgoe/EUR	-	-	-	-	-	-
Kost reali ta' unità tal-enerġija għall-industrija tal-manifattura minbarra r-raffinar	% tal-valur miżjud	9.1	9.6	8.9	8.8	8.7	-
Sehem tal-industriji li jużaw ħafna enerġija fl-ekonomija	% PDG	-	-	-	-	-	-
Prezzijiet tal-elettriku għal utenti industrijali ta' daqs medju	EUR/kWh	0.18	0.18	0.18	0.15	0.14	0.14
Prezzijiet tal-gass għall-utenti industrijali ta' daqs medju	EUR/kWh	-	-	-	-	-	-
R&Ż pubbliku għall-enerġija	% PDG	0.00	0.00	0.00	0.00	0.00	0.00
R&Ż pubbliku għall-ħarsien ambjentali	% PDG	0.00	0.00	0.00	0.00	0.00	0.00
Rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali	%	9.7	8.1	7.4	6.7	7.0	6.4
Sehem tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti mill-ETS *	%	61.8	57.6	55.7	39.2	30.3	-
Intensità tal-enerġija tat-trasport	kgoe/EUR	-	-	-	-	-	-
Intensità tal-karbonju tat-trasport	kg/EUR	-	-	-	-	-	-
Sigurtà tal-provvista tal-enerġija							
Dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija	%	101.0	104.2	97.7	97.0	100.6	102.8
Indiċi aggregat tal-konċentrazzjoni tal-forniturі	IHH	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	-
Diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija	IHH	0.98	0.97	0.96	0.71	0.60	0.41

L-indikaturi kollha tal-makrointensità huma espressi bħala proporzjon ta' kwantità fiżika mal-PDG (fi prezzijiet tal-2010).
Intensità enerġetika: il-konsum intern tal-enerġija gross (f'kgoe) diviż bil-PDG (f'EUR).
Intensità tal-karbonju: l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (f'ekwivalenti ta' kg CO2) diviżi bil-PDG (f'EUR).
Intensità tar-riżorsi: il-konsum tal-materjal domestiku (f'kg) diviż bil-PDG (f'EUR).
Intensità tal-iskart: l-iskart (f'kg) diviż bil-PDG (f'EUR)
Il-bilanċ tal-enerġija tal-kummerċ: Il-bilanċ tal-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-enerġija, espress bħala% tal-PDG.
Il-ponderazzjoni tal-enerġija fl-HICP: il-proporzjon ta' elementi ta' "enerġija" fil-basket tal-konsum użat għall-kostruzzjoni tal-HICP.
Id-differenza bejn il-bidla fil-prezz tal-enerġija u l-inflazzjoni: Il-komponent tal-enerġija tal-HICP, u l-inflazzjoni totali tal-HICP (bidla annwali f'%).
L-ispiża reali għal kull unità tal-enerġija. L-ispejjeż reali tal-enerġija bħala % tal-valur miżjud totali għall-ekonomija.
L-intensità enerġetika tal-industrija: Il-konsum finali tal-enerġija tal-industrija (f'kgoe) diviż bil-valur miżjud gross tal-industrija (f'EUR tal-2010).
Spejjeż reali għal kull unità għall-industrija tal-manifattura minbarra r-raffinar: spejjeż reali bħala % tal-valur miżjud għas-setturi tal-manifattura.
Sehem tal-industriji intensivi fl-enerġija fl-ekonomija: Sehem tal-valur miżjud gross tal-industriji intensivi fl-enerġija fil-PDG.
Il-prezzijiet tal-elettriku u l-gass għall-utenti industrijali ta' daqs medju: il-faxex tal-konsum 500–2 000 MWh u10 000–100 000 GJ; iċ-ċifri ma jinkludux il-VAT.
Ir-rata tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali: Il-proporzjon ta' skart muniċipali riċiklat u kkompostjat mal-iskart muniċipali totali.
Ir-R&Ż pubbliċi għall-enerġija jew għall-amjent: L-infiq tal-gvern fuq ir-R&Ż għal dawk il-kategoriji bħala % tal-PDG.
Il-proporzjon tal-emissjonijiet tal-GHG kopert mis-sistema tal-iskambju tal-emissjonijiet (bl-esklużjoni tal-avjazzjoni): abbażi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra
(minbarra l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija) kif irrappurtat mill-Istati Membri lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.
L-intensità enerġetika tat-trasport: il-konsum finali tal-enerġija tal-attività tat-trasport (kgoe) diviż bil-valur miżjud gross tal-industrija tat-trasport (f'EUR tal-2010).
L-intensità enerġetika tat-trasport: L-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-attività tat-trasport diviżi bil-valur miżjud gross tal-industrija tat-trasport.
Id-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija: l-importazzjonijiet netti tal-enerġija diviżi bil-konsum gross tal-enerġija interna inkluż il-konsum ta' fjuwils tal-bastimenti internazzjonali.
L-indiċi aggregat tal-konċentrazzjoni tal-forniturі: ikopri ż-żejt, il-gass u l-faħam. Valuri iżgħar jindikaw diversifikazzjoni ikbar u għalhekk riskju aktar baxx.
Diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija: L-Indiċi Herfindahl li jkopri l-gass naturali, il-prodotti tal-petrol totali, is-sħana nukleari, l-enerġiji rinnovabbli u l-fjuwils solidi.
* Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Sehem ta' emissjonijiet ta' GHG kopert mill-ETS); Il-Kummissjoni Ewropea (Taxxi ambjentali fuq it-taxxi fuq ix-xogħol u l-PDG); Eursotat (l-indikaturi l-oħra kollha)

ANNESS D: GWIDA GĦALL-INVESTIMENT DWAR IL-FINANZJAMENT TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI 2021-2027 GĦAL MALTA

Filwaqt li jibni fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-perjodu 2021-2027 tat-2 ta' Mejju 2018 (COM (2018) 321), dan l-Anness jippreżenta l-fehmiet preliminari tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-oqsma ta' investiment prijoritarji u l-kundizzjonijiet ta' qafas għat-twettiq effettiv tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027. Dawn l-oqsma ta' investiment ta' prijorità huma derivati mill-kuntest usa' tal-konġestjonijiet fl-investiment, il-ħtiġijiet ta' investiment u d-disparitajiet reġjonali vvalutati fir-rapport. Dan l-Anness jipprovdi l-bażi għal djalogu bejn Malta u s-servizzi tal-Kummissjoni fid-dawl tal-programmazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew Plus). ([42])

Objettiv ta' Politika 1: Ewropa Aktar Intelliġenti – Trasformazzjoni industrijali innovattiva u intelliġenti

Il-prestazzjoni ta' Malta fir-riċerka u l-innovazzjoni tjiebet iżda l-proporzjon ta' intrapriżi innovattivi għadu lura. Għalhekk, ġew identifikati ħtiġijiet ta' investiment ta' prijorità ([43]) biex **tissaħħaħ il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni u jitrawwem it-tkabbir tal-produttività billi jiġu identifikati oqsma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fuq il-bażi ta' ħtiġijiet u potenzjal nazzjonali u reġjonali** u b'mod partikolari biex:

- jiġi promoss l-investiment tan-negozju fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju u tissaħħaħ il-kapaċità tar-riċerka u l-iżvilupp f'setturi marbuta mal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti;
- jissaħħaħ l-iżvilupp u l-forniment ta' teknoloġiji diġitali ewlenin;
- jiġu appoġġjati netwerking, raggruppamenti, kooperazzjoni, proġetti transreġjonali u interreġjonali;
- jiġi promoss l-iżvilupp ta' ditti innovattivi fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;
- tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, iċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart u l-mobilità sostenibbli, bħal pereżempju fl-industrija tat-tbaħħir;
- jitrawwem l-investiment fl-ekoinnovazzjoni.

Għalkemm Malta sejra tajjeb fir-rigward tal-kopertura tal-broadband, huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment biex **jinkisbu l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-gvernijiet**, inklużi:

- l-adozzjoni tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-infrastrutturi u s-servizzi;
- il-gvern elettroniku, inkluż l-użu ta' servizzi interoperabbli madwar l-Ewropa kollha.

L-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju esperjenzaw tkabbir sinifikanti, kemm f'termini ta' valur miżjud kif ukoll f'termini ta' impjieg. Madankollu, ir-riżorsi naturali limitati tal-pajjiż jistgħu jillimitaw il-potenzjal tagħhom. Għalhekk, huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment **biex jissaħħu t-tkabbir u l-kompetittività ta' intrapriżi** ta' daqs medju billi jiġu megħjuna jbiddlu l-isfidi ambjentali f'opportunitajiet, b'mod partikolari sabiex:

- jitrawmu l-ħolqien ta' kumpaniji ġodda, it-tkabbir ta' kumpaniji ġodda/li qed jespandu, l-aċċeleraturi; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudelli ta' negozju ġodda għal intrapriżi ta' daqs medju li jindirizzaw l-isfidi ambjentali tal-pajjiż f'dawn l-oqsma;
- tiġi inkoraġġita l-ekosistema intraprenditorjali, inkluż l-iżvilupp ta' raggruppamenti industrijali u kooperazzjoni msaħħa bejn intrapriżi ta' daqs medju u universitajiet/ċentri ta' riċerka, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ekonomija ekoloġika, l-ekonomija ċirkolari, l-effiċjenza tar-riżorsi;

([42]) Dan l-Anness għandu jitqies flimkien mal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni COM(2018) 372 u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus COM(2018) 382, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti għall-konċentrazzjoni tematika u l-allokazzjoni urbana mfassla f'dawn il-proposti.

([43]) L-intensità tal-ħtiġijiet hija kklassifikata fi tliet kategoriji f'ordni dixxendenti – ħtiġijiet ta' prijorità għolja, ħtiġijiet ta' prijorità, ħtiġijiet.

- jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi u s-servizzi avvanzati għall-intrapriżi ta' daqs medju;
- tiġi miżjuda l-kompetittività tal-intrapriżi ta' daqs medju u l-internazzjonalizzazzjoni billi titla' 'l fuq fil-katina tal-valur globali.

Huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment ta' prijorità għolja biex **jittejbu l-ħiliet għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, it-tranżizzjoni industrijali u l-intraprenditorija**, speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sostenibbiltà, b'mod partikolari biex:

- tiġi promossa l-innovazzjoni u l-ġestjoni tal-ekoinnovazzjoni f'intrapriżi ta' daqs medju; jiġi promoss taħriġ speċifiku u taħriġ mill-ġdid għal oqsma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u għall-ekoinnovazzjoni;
- tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-ekosistemi tal-innovazzjoni, id-diffużjoni tat-teknoloġija u l-iżvilupp ta' ħiliet;
- jiġu żviluppati ħiliet għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' riċerka biex jiżdiedu l-vijabbiltà kummerċjali u s-suq kif ukoll ir-rilevanza tas-sostenibbiltà tal-proġetti ta' riċerka tagħhom.

Objettiv ta' Politika 2: Ewropa b'livell baxx ta' karbonju u aktar ekoloġika – Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiku u blu, ekonomija ċirkolari, adattament għall-klima u prevenzjoni tar-riskji

L-ekonomija ta' Malta hija relattivament intensiva fl-enerġija. L-effiċjenza enerġetika u t-tranżizzjoni għall-ġenerazzjoni tal-enerġija domestika minn sorsi rinnovabbli u lokali huma essenzjali biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u l-isfidi ambjentali. F'dan ir-rigward, l-inizjattiva "Enerġija Nadifa għall-ġejjer tal-UE" tistabbilixxi qafas biex tiġi ġġenerata enerġija sostenibbli bi spejjeż baxxi filwaqt li jiġu sfruttati l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni. Huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment ta' prijorità għolja għall-**promozzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika** b'mod partikolari permezz ta':

- rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija ta' bini pubbliku u residenzjali, b'enfasi fuq l-indirizzar tal-faqar enerġetiku;
- dwal pubbliċi li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti, inklużi d-dwal tat-toroq;
- effiċjenza enerġetika f'intrapriżi ta' daqs medju u fis-settur industrijali.

Malta qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ta' 10 % għall-enerġiji rinnovabbli. Madankollu, Malta għandha tkompli tintegra l-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji rinnovabbli bħala strument strateġiku biex tiġi dekarbonizzata l-ekonomija u tiġi żgurata l-enerġija sostenibbli. Huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment ta' prijorità biex **tiġi promossa l-enerġija rinnovabbli** b'mod partikolari permezz ta':

- l-użu ta' kapaċitajiet tal-elettriku rinnovabbli fuq skala żgħira, li jkunu proprjetà tal-komunitajiet tal-enerġija, ta' intrapriżi ta' daqs medju jew ta' konsumaturi tal-enerġija individwali;
- tranżizzjoni lejn enerġiji rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ, inkluż it-tisħin distrettwali u installazzjonijiet fuq skala żgħira marbuta ma' bini barra min-netwerk tat-tisħin ċentrali;
- żvilupp ta' sistemi tal-enerġija, grilji u ħżin intelliġenti fil-livell lokali.

Minħabba d-daqs żgħir tagħha, id-densità għolja tal-popolazzjoni, u l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, Malta qed tħabbat wiċċha ma' sfidi ambjentali sinifikanti. Barra minn hekk, bħala pajjiż taħt stress tal-ilma, waħda mill-prijoritajiet l-aktar urġenti ta' Malta hija li ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-ġestjoni tal-ilma tagħha. Huma identifikati ħtiġijiet ta' investimenti prijoritarji fil-**promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma**, b'mod partikolari permezz ta':

- il-provvista effiċjenti tal-ilma tax-xorb skont il-ġerarkija tal-ilma, inkluż it-tnaqqis tat-telf ta' ilma min-netwerks tal-ilma u miżuri oħra ta' effiċjenza;
- l-iżvilupp ta' ċiklu sħiħ tal-ilma, inkluż l-użu ta' ilma mormi ttrattat u għal skopijiet mhux tax-xorb kemm għal użu mhux domestiku kif ukoll għal użu agrikolu;

- il-ġestjoni tal-ilma tax-xita (tankijiet tal-ilma tal-maltemp, sistemi ta' ġbir separat, żamma naturali tal-ilma).

Hemm bżonn ta' titjib sinifikanti biex il-ġestjoni tal-iskart tkun konformi mal-miri tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tar-riċiklaġġ, tal-ikkompostjar, tar-rimi f'miżbliet u tal-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali. Investimenti ta' prijorità għolja huma meħtieġa biex **jittejbu l-effiċjenza tar-riżorsi u l-ġestjoni tal-iskart**, b'mod partikolari biex:

- appoġġ għall-prevenzjoni tal-iskart, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ kif ukoll sistemi ta' ġbir separat; kampanji ta' sensibilizzazzjoni u appoġġ għal prattiki ta' konsum sostenibbli;
- aġġornar tal-infrastruttura eżistenti tar-riċiklaġġ u tat-trattament tal-iskart u l-adattament tal-infrastruttura eżistenti għall-ġestjoni tal-iskart għall-miri ġodda fit-tul tar-riċiklaġġ;
- appoġġ għall-bini ta' kapaċità għall-partijiet ikkonċernati involuti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;
- appoġġ għal alternattivi għall-materja prima u l-użu ta' materjali riċiklati bħala materja prima.

Malta hija partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima (permezz ta', pereżempju, tibdil fil-livell tal-baħar) u kellha problemi ta' għargħar. Huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment biex **jiġu promossi l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tar-riskju u r-reżiljenza għad-diżastri, inkluż permezz ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni u preparazzjoni**, immirati lejn setturi li huma meqjusa partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-ġestjoni tal-ilma, l-infrastruttura u l-użu tal-art, l-ekosistemi naturali, l-agrikoltura u s-sajd, is-saħħa, it-turiżmu.

Objettiv ta' Politika 3: Ewropa aktar konnessa – Il-mobilità u l-konnettività tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni reġjonali

Il-konġestjoni tat-traffiku fuq in-netwerk tat-toroq qed tkompli tkun sfida kbira minħabba l-possibilitajiet limitati għal modi alternattivi ta' trasport u n-nuqqas ta' infrastruttura tat-trasport pubbliku bit-triq. Il-penetrazzjoni ta' vetturi bil-mutur għadha għolja ħafna minħabba li l-miżuri fiskali mhumiex qed jiskoraġġixxu l-użu privat tal-vetturi. Huwa meħtieġ investiment prijoritarju għoli biex **jiġi żviluppat Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport sostenibbli, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, sigur u intermodali**, b'mod partikolari permezz ta':

- appoġġ għall-mobbiltà lokali, permezz tal-iżvilupp ta' mezzi tat-trasport sostenibbli u aċċessibbli (trasport pubbliku, multimodali, ċikliżmu, korsiji apposta tal-karozzi tal-linja) u sistemi ta' trasport intelliġenti biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-karozzi privati, fil-qafas tal-pjanijiet eżistenti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli;
- l-użu tal-infrastruttura biex jiġu appoġġati d-diġitizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq u marittimu (pereżempju, toroq konnessi diġitalment, infrastruttura tal-fjuwils alternattivi);
- miżuri biex jittejbu s-sikurezza u l-effiċjenza enerġetika fil-modi kollha tat-trasport, u biex jiżdied is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport.

Objettiv ta' Politika 4: Ewropa aktar soċjali – L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Ir-rata ta' attività għadha taħt il-medja tal-UE u d-disparità bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha għolja fil-kuntest ta' suq tax-xogħol aktar ristrett. Għalhekk, huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment **biex jittejbu l-aċċess għall-impjieg ta' persuni inattivi u tiġi promossa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa u tal-persuni b'diżabilità**, u b'mod partikolari biex:

- jissaħħu l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni għall-gruppi b'attività baxxa u ssir ħidma mas-soċjetà ċivili li taħdem mal-gruppi l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol; u jiġu promossi forom ta' organizzazzjoni tax-xogħol li jiffavorixxu lill-anzjani;

- jiġu appoġġati aktar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-politiki dwar dawk li jindukraw b'mod informali u li qegħdin f'impjieg, u jiġu indirizzati l-isterjotipi tal-ġeneri.

L-eżiti tal-edukazzjoni huma ħżiena, b'rabta importanti mal-isfond soċjoekonomiku u l-istatus ta' diżabilità; Parti kbira mill-popolazzjoni għandha livell baxx ta' ħiliet. Għalhekk, huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment ta' prijorità għolja **għall-promozzjoni tal-aċċess ugwali għal, u t-tlestija ta', edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi u għall-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari t-titjib tal-ħiliet flessibbli u t-taħriġ mill-ġdid, inkluż permezz tal-infrastruttura**, u b'mod partikolari biex:

- jissaħħu l-inklużività, l-effettività u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, anke billi jiġu żviluppati l-kompetenzi tal-persunal tal-edukazzjoni;
- tiġi appoġġjata antiċipazzjoni aħjar tar-rekwiżiti tal-ħiliet ġodda, inklużi dawk marbuta mal-effiċjenza enerġetika u r-riżorsi, iċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart u l-mobilità sostenibbli;
- tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-taħriġ; l-appoġġ għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-iżvilupp tal-kapital uman, bl-użu ta' għodod u sistemi għall-ġestjoni u t-taħriġ tal-forza tax-xogħol.

L-influss kbir ta' barranin jippreżenta sfidi għall-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. Hemm lakuni fil-kopertura tas-sigurtà soċjali. Il-ħinijiet ta' stennija għal pazjenti esterni minn gruppi soċjoekonomiċi aktar baxxi huma sinifikanti. Għalhekk, huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment biex **jiġu promossi l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi**; **biex jittejjeb l-aċċess għal servizzi ta' kwalità, inkluża l-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, u biex tiġi mmodernizzata l-protezzjoni soċjali**, b'miri partikolari għal gruppi żvantaġġati bħal persuni li jinsabu fil-faqar jew faqar estrem, persuni b'diżabbiltajiet, migranti, eċċ.; u b'mod partikulari biex:

- jiġu eliminati d-diskriminazzjoni fuq l-akkomodazzjoni u s-suq tax-xogħol u jissaħħu l-eżiti tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali tar-refuġjati filwaqt li jiġu żgurati pariri individwalizzati u aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti;
- jissaħħu l-miżuri ta' inklużjoni soċjali mmirati għall-persuni l-aktar fil-bżonn, inkluż billi jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u ssir prevenzjoni għall-problema ta' persuni mingħajr dar u jsir investiment integrat soċjoekonomikament fl-akkomodazzjoni;
- tiġi promossa l-inklużjoni billi jiġi żgurat li s-servizzi bħall-kura tat-tfal ikunu jinkludu taħlita kulturali, etnika u soċjoekonomika;
- tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-mard permezz ta' servizzi ta' kura primarja u komunitarja;
- tissaħħaħ il-kapaċità tal-kura outpatient, speċjalment għal servizzi speċjalizzati, inkluż permezz tal-infrastruttura, biex jiġu pprovduti alternattivi kosteffettivi għall-kura akuta;
- jittejjeb il-fluss tal-pazjenti fil-mogħdija tal-kura (mir-rikoveru fl-isptar sal-komunità); tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti biex tiġi ssodisfata d-domanda prevista f'servizzi ta' kura residenzjali, tad-djar u tal-komunità, minflok kura fl-isptar, inkluż għal persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

Objettiv ta' Politika 5 – Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini bit-trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u integrat ta' żoni urbani, rurali u kostali u inizjattivi lokali

Minħabba d-daqs żgħir tagħha, Malta mhijiex affettwata minn disparitajiet reġjonali sostanzjali. Madankollu, l-insularità doppja, l-iżbilanċi territorjali u d-differenzjazzjoni reġjonali għandhom impatt aktar qawwi fuq Għawdex, speċjalment f'termini ta' depopolazzjoni. Huma identifikati ħtiġijiet ta' investiment għat-**trawwim tal-iżvilupp u s-sigurtà soċjali, ekonomiċi, kulturali u ambjentali integrati f'żoni urbani**, b'mod partikolari biex:

- jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn Malta u Għawdex/Kemmuna, inkluż fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi;

• isir investiment f'żoni urbani magħżula abbażi ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali integrat, filwaqt li tingħata prijorità lil setturi bħall-inklużjoni soċjali, l-effiċjenza enerġetika, l-ambjent u l-ġestjoni tal-iskart.
Fatturi għat-twettiq effettiv tal-politika ta' Koeżjoni
• tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi ta' implimentazzjoni biex jimplimentaw il-fondi tal-UE b'mod trasparenti, ikkoordinat u simplifikat; • jiġu ddedikati r-riżorsi adegwati sabiex jiġi attirat, miżmum u mħarreġ il-persunal li qed jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE; • tiżdied il-kapaċità biex tiġi vvalutata l-effettività tal-politiki u jitwettqu evalwazzjonijiet f'waqthom u ta' kwalità; • tiżdied il-kapaċità u l-involviment ta' korpi intermedji, awtoritajiet lokali, imsieħba soċjali u benefiċjarji finali fil-fażijiet ta' tħejjija u implimentazzjoni tal-proġetti; • tittejjeb il-prestazzjoni tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist kooperattiv, l-effiċjenza tal-proċeduri, il-kriterji tal-għoti, il-veloċità tad-deċiżjonijiet, u l-akkwist diviż f'lottijiet; • jiġu implimentati miżuri effiċjenti biex jipprevjenu u jindirizzaw il-kunflitt ta' interessi, il-frodi u l-korruzzjoni; • isir użu usa' minn strumenti finanzjarji u kontribuzzjonijiet għal kompartiment ta' Malta f'InvestEU għal attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul u li jiffrankaw l-ispejjeż; • tiġi promossa kooperazzjoni transnazzjonali u transfruntiera.

REFERENZI

ANED (2018), *European Semester 2017/2018 country fiche on disability - Malta*, Academic Network of European Disability experts.

Borg, A., & Vassallo, M. (2018), '*ESPN Thematic Report on Inequalities in access to healthcare – Malta'*, In-Netwerk Ewropew tal-Politika Soċjali, il-Kummissjoni Ewropea (Rapporti ESPN).

CASE u IAS (2018), *Study and reports on the VAT gap in the EU-28 Member States: 2018 Final Report*, Center for Social and Economic Research and Institute for Advanced Studies, Varsavja.

CBM (2017), Survey on Access to Finance (SAFE) in 2017, Central Bank of Malta Quarterly Review 2018:2.

CBM (2018a), *Financial Stability Report 2017*, il-Bank Ċentrali ta' Malta.

CBM (2018b), *Business investment and investment finance in Malta – Evidence from the EIBIS 2017 survey*, Central Bank of Malta Quarterly review 2018:1.

Cedefop (2017), *Skills panorama: skills anticipation in Malta – analytical highlights series, available at* http://skillspanorama.cedefop.europa.eu/en/analytical_highlights/skills-anticipation-malta.

Coutinho, L., Turrini, A, Zeugner, S. (2018), "*Methodologies for the Assessment of Current Account Benchmarks*", Dokument ta' Diskussjoni tal-Kummissjoni Ewropea 086, September 2018.

EEA (2016), *Environmental taxation and EU environmental policies*, Rapport taż-ŻEE Nru 17/2016, disponibbli hawn: https://www.eea.europa.eu/publications/environmental-taxation-and-eu-environmental-policies.

EEA (2018), *Air quality in Europe – 2018 report*, Rapport taż-ŻEE Nru 12/2018, disponibbli hawn https://www.eea.europa.eu/publications/air-quality-in-europe-2018.

BEI (2018), *EIB Investment Survey 2018 (EIBIS) – Malta overview*, disponibbli hawn http://www.eib.org/attachments/efs/eibis_2018_malta_en.pdf.

BEI (2017), *EIB Investment Survey 2017 (EIBIS) – Malta overview*, available at http://www.eib.org/attachments/efs/eibis_2017_malta_en.pdf.

Ernst & Young (2018), *EY's Attractiveness Survey – Malta*, disponibbli hawn https://www.ey.com/Publication/vwLUAssets/ey-attractiveness-survey-malta-2018/$FILE/ey-attractiveness-survey-malta-2018.pdf.

Il-Kummissjoni Ewropea (2017a), *Benchmarks for the assessment of private debt*, Nota tal-Kummissjoni Ewropea lil LIME, Ottubru.

Il-Kummissjoni Ewropea (2017b), *Flash Eurobarometer 457: Businesses' attitudes towards corruption in the EU*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018a), *Flash Eurobarometer 459 - Investment in EU Member States*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018b), *Fundamentals-based private debt benchmarks: enhanced sample and robustness checks*, nota tal-Kummissjoni Ewropea lil LIME, Ġunju.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018c), *Country Report Malta 2018*, SWD(2018) 120 final, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018d), 'Labour taxation and inclusive growth', *European Economy Discussion Paper* Nru 84, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018e), *The 2018 Ageing Report: Economic and Budgetary Projections for the EU Member States (2016-2070)*, European Economy Institutional Paper No. 79, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018f), *Joint Report Vol. 2, Country fiche on LTC in Malta: 2018 update.*

Il-Kummissjoni Ewropea (2018g), IP/18/6303 of 8 November 2018, available at http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-6303_e, .htm.

European Commission (2018h), *Employment and Social Developments in Europe - Annual Review 2018*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

European Commission (2018i), *2018 SPC Work Programme*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018j), *Draft Joint Employment Report from the Commission and the Council*, COM(2018) 761 final.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018k), *Small Business Act Review 2018, Malta country fact-sheet*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018l), *European Innovation Scoreboard 2018*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018m), *Consumer Markets Scoreboard – Making markets work for consumers, 2018 Edition*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018n), *A European retail sector fit for the 21st century*, COM(2018) 219 final u SWD(2018) 236 final, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018o), *The Digital Economy and Society Index (DESI) Report - Digital Public Services*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018p), *Single Market Scoreboard – Malta.*

Il-Kummissjoni Ewropea (2019a), *Taxation trends in the European Union, Data for EU Member States, Iceland and Norway, 2019 edition*, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell (għadha mhix ippubblikata).

Il-Kummissjoni Ewropea (2019b), *Fiscal Sustainability Report 2018*, Dokument Istituzzjonali (għadha mhix ippubblikata).

Il-Kummissjoni Ewropea (2019c), *Investor Citizenship and Residence Schemes in the European Union*, COM(2019) 12 final u SWD SWD(2019) 5 final, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Il-Kummissjoni Ewropea (2019d), Rapport ta' Sfond, *Peer Review of Malta's Research and Innovation system* (għadu mhux ippubblikat).

Il-Kummissjoni Ewropea (2019e), *EU Justice Scoreboard 2019* (għadu mhux ippubblikat).

European Construction Sector Observatory (2018), *Malta - Country factsheet*, disponibbli hawn https://ec.europa.eu/growth/sectors/construction/observatory_en.

IHS (2018), 'Aggressive Tax Planning indicators', *Taxation Discussion Paper* No. 71, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

IMF (2018), *Fiscal Transparency Evaluation*, il-Fond Monetarju Internazzjonali Washington, DC.

Jobsplus (2019), *Vacancies Notified to the Public Employment Service*, disponibbli fuq https://jobsplus.gov.mt/resources/publication-statistics-mt-mt-en-gb/labour-market-information/vacancies-data).

Malta Association of Credit Management (2018), Stqarrija għall-Istampa 26/3/2018, disponibbli hawn: https://www.macm.org.mt/media/articles/documents/Press/PRESS%20RELEASE%20Payment%20Collection%20Ratio%20for%20Malta%20March%202018.pdf

Malta Gaming Authority (2018), Rapport Annwali 2017.

National Audit Office (2011), Rapport tal-Awditjar Annwali - Kontijiet Pubbliċi 2011.

National Audit Office (2017), Awditu tal-Prestazzjoni: Stennija tal-pazjenti esterni fl-Isptar Mater Dei, Novembru 2017.

National Audit Office (2018a), Rapport dwar ix-xogħol u l-attivitajiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar – 2017.

National Audit Office (2018b), Awditu ta' Segwitu: Rapporti ta' Segwitu, 2018 min-National Audit Office.

L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (2017), *Malta's National Energy Efficiency Action Plan*, April 2017.

L-Ombudsman Parlamentari - Malta (2018), ir-Rapport Annwali 2017, disponibbli hawn: https://www.ombudsman.org.mt/wp-content/uploads/2018/06/Annual-Report-2017.pdf.

PwC (2018), PwC barometer ta' Jannar 2018.

OECD - Koske, I., I. Wanner, R. Bitetti u O. Barbiero (2015), "The 2013 update of the OECD product market regulation indicators: policy insights for OECD and non-OECD countries", OECD Economics Department Working Papers, Nru 1200.

OECD/European Observatory on Health Systems and Policies (2017), *Malta: Country Health Profile 2017*, State of Health in the EU, OECD Publishing, Paris/European Observatory on Health Systems and Policies, Brussels, disponibbli hawn: http://dx.doi.org/10.1787/9789264283497-en

Is-Segretarjat għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (2018), *National Agricultural Policy for the Maltese Islands 2018 – 2028.*

Spengel, C., C. Elschner u D. Endres (2012), *Effective tax levels using the Devereux/Griffith methodology*, Centre for European Economic Research (ZEW) u PricewaterhouseCoopers, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Transport Malta, *National Transport Master Plan to 2025*.

United Nations Convention on the Rights of Persons with Disabilities – UNCRPD (2018), *Concluding observations on the initial report of Malta* (CRPD/C/MLT/CO/1).

World Economic Forum (2018*), Insight Report: The Global Competitiveness Report 2018*.